# EŻEKJEL 37

## Dwar min il-Profeta Qiegħed Jitkellem?

## Dwar il-Knisja

## Jew

## Dwar Iżrael Nazzjonali?

**Minn George Ebejer**

Aqra bil-għaqal dawn l-Iskritturi li ġejjin u żżommhom f'moħħok hekk kif int tkun qiegħed taqra dan l-istudju.

**Rumani 8:5-9,**

> *"Dawk li jgħixu skond il-ġisem,* ***ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-ġisem****; dawk li jgħixu skond l-Ispirtu,* ***ħsiebhom fil-ħwejjeġ ta' l-Ispirtu****. Ix-xewqat tal-ġisem iwasslu għall-mewt; ix-xewqat ta' l-Ispirtu jwasslu għall-ħajja u s-sliem. Għalhekk* ***ix-xewqat tal-ġisem huma għedewwa ta' Alla****; ma joqogħ-dux għal-liġi ta' Alla, u anqas jistgħu joqogħdu. Dawk li jgħixu* ***skond il-ġi-sem*** *ma jistgħux jogħġbu lil Alla. Issa intom ma intomx taħt il-ħakma* ***tal-ġis-em****, imma* ***ta' l-Ispirtu****, ladarba hemm l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom. Jekk xi ħadd ma għandux fih l-Ispirtu ta' Kristu, dan mhuwiex tiegħu."*

**Kolossin 3:2,**

> *"Aħsbu fil-ħwejjeġ* ***tas-sema, u mhux f'dawk ta' l-art****."*

**1 Pietru 1:3-4,**

> *"Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li bil-ħniena kbira tiegħu reġa' wellidna għall-tama ħajja bil-qawma ta' Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet, Għal wirt li ma jitħassarx, ma*

*jittebbax, u ma jgħibx,* ***merfugħ FIS-SEMNA għalikom****.*"

**Kolossin 1:5,**

"*Għax it-tama* ***li hi merfugħa għalikom FIS-SMEWWIET****, li biha intom smajtu qabel fil-Kelma tal-verità ta' l-evanġelju.*"

**Filippin 3:20,**

"*Għax* ***iċ-ċittadinanza tagħna hi FIS-SEMA****; minn hemm ukoll aħna nis-tennew is-Salvatur, lil Sidna Ġesù Kristu.*"

**Mattew 5:12,**

"*Ifirħu u thennew wisq,* ***għax ħlaskom kbir FIS-SMEWWIET****.*"

**Ġwanni 14:2-3,**

"*F'dar Missieri hemm ħafna agħmajjar: kieku ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Jien sejjer inħejji post għalikom. U jekk immur u nħejji post għalikom, nerġa' niġi, u nilqagħkom għandi;* ***BIEX FEJN INKUN JIEN, TKUNU INTOM UKOLL****.*"

**Ġożwè 21:45,**

"***MA BAQA' XEJN MILL-WEGĦDI*** *ta' ġid li l-Mulej* ***għamel lil dar Iżrael li MA SEĦĦX; KOLLOX SAR****.*"

**1 Slaten 8:56,**

*"Imbierek il-Mulej, li ta l-mistrieħ lill-poplu tiegħu Iżrael,* ***SKOND KULMA WIEGĦED: MA SFATX FIX-XEJN KELMA WAĦDA MILL-WEGĦ-DIET KOLLHA TIEGĦU tajba, li wiegħed*** *permezz ta' Mosè, il-qaddej tiegħu."*

**Rumani 3:4,**

*"Ħa jkun jaf kulħadd li Alla hu sinċier u kull bniedem giddieb. Hekk hemm miktub: "Sabiex int tkun iġġustifikat fi kliemek, u tirbaħ meta tkun iġġudikat."*

**Atti 17:11,**

*"Dawn il-Lhud kienu ta' qalb aktar kbira minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu."*

Ħalli l-Iskrittura tinterpretalna lilha nfisha!

**2 Pietru 1:20-21,**

*"Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li ebda profezija ta' l-Iskrittura ma għandu ħadd ifissirha minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu."*

## EŻEKJEL 37
## Dwar Min il-Profeta Qiegħed Jitkellem? Dwar il-Knisja Jew Dwar Iżrael Nazzjonali?

Għal ħafna snin kif jiena studjajt il-profezija dejjem iltqajt ma' studju ta' Eżekjel 37 u kull ktieb li jiena qrajt dwar il-profezija qalli li Eżekjel 37 kien profezija tat-twaqqif mill-ġdid ta' Iżrael nazzjonali fl-1948 jew għall-ħakma tad-deheb fil-futur fejn il-Lhud fiżiċi kollha jsiru salvi. Meta wieħed, speċjalment li jkun għadu kif sar Kristjan, jew inkella li għalkemm ikun ilu Kristjan imma ma jkunx studja dwar dan is-suġġett u jaqra Eżekjel, huwa jista' jifhem (b'mod żbaljat) li Eżekjel qiegħed jitkellem dwar in-nazzjon fiżiku ta' Iżrael fil-futur. Huma ħafna li jaċċettaw din it-teorija falza u żbaljata għal kollox u jinqabdu fin-nassa ta' Satana.

Fit-Tieni Timotju 3:7 naqraw dwar dawk li:

> "*Jitgħallmu dejjem, u qatt ma jistgħu jaslu biex jagħrfu l-verità.*"

Dan il-vers mhux biss japplika għall-evoluzzjonisti jew għal dawk li ma jemmnux imma japplika wkoll bl-abbundanza għal dawk li jikbtu kotba dwar il-profezija u għal dawk li jaċċettaw it-tagħlim żbaljat tagħhom. Dawk il-kotba premillenjalisti huma tant 'il bogħod mill-verità li int taħseb li ħarġu direttament mill-ġurnali. X'taf int? Huma jafu! Jidher li kull darba li xi mexxej dinji jagħtas, l-Antikrist hu lest biex ikun irrivelat. Qatt int kellek xi esperjenza li tisma' lil xi wieħed minnhom hekk kif tqum xi gwerra xi mkien li jgħid lit-tmiem wasal? Qatt int kellek xi esprejenza li

kif isiru xi terremoti dan mill-ewwel jgħidlek li dak hu sinjal lit-tmiem qorob? Jiena personali dan smajtu għal kemm ’il darba matul il-ħajja Kristjana tiegħi. Imma jiena ma rridx li nidħol f’kull fażi tal-profezija, jiena rrid li nidħol f’dak li għandu x’jaqsam ma’ Eżekjel 37 u kif dejjem għamilna, **inħallu l-Bibbja tkun l-interpretu tagħha stess**.

Fid-dinja hemm żewġ kwalitajiet ta’ nies reliġjużi: Hemm (1) dawk li għandhom għajnejn **spiritwali** (jiena nqis lili nnifsi ma’ dan il-grupp ta’ nies) u (2) hemm dawk li għandhom għajnejn **materjali, fiżiċi**. Dawk li għandhom għajnejn **spiritwali** jaraw it-twettiq tal-profezija bħala li hu twettiq **spiritwali**, dawk li għandhom għajnejn **materjali** jew **fiżiċi** jaraw it-twet-tiq tal-profezija bħala li hu f’mod **materjali** jew **fiżi-ku**. Dawn ix-xorta ta’ nies mhux illum biss jeżistu im-ma kienu jeżistu wkoll fl-ewwel seklu. (Ara Ġwanni 6:63; 2 Korintin 3:6; 5:1-10, 16-17; Rumani 8:1-17; 9:1-8; Galatin 3:23-29; eċċ.) L-appostlu Pawlu jgħid hekk:

**Rumani 10:1-3,**

> “*Ħuti, nixtieq tassew minn qalbi nitlob quddiem Alla li niesi jsalvaw. Jien xhud għalihom li huma għandhom iż-żelu għal Alla, iżda dan iż-żelu* ***mhux mibni fuq l-għerf veru. Ma għarfux il-ġustizzja ta’ Alla, imma fittxew il-ġustizzja tagħhom, u għalhekk ma qagħdux għall-ġusitzzja ta’ Alla***.”

Huwa preċiżament dan li qiegħed jiġri llum minn xi wħud li jistqarru li huma Kristjani u li għandhom iż-żelu għal Alla, imma sfortunatament, dak iż-żelu hu mibni fuq it-tagħlim żbaljat ta' l-għalliema u l-profeti foloz moderni. Xi wħud minn dawk in-nies, kif jaraw li huma qegħdin fl-iżball, iwarrbu mill-ewwel dak it-tagħlim żbaljat tagħhom, l-istess kif għamel l-appostlu Pawlu (Galatin 1:13-18), u jaċċettaw it-tagħlim veru tal-Kelma ta' Alla. Imma, sfortunatament, ikun hemm oħrajn, li ma jkunux lesti li jumiljaw lilhom infushom u jammettu li huma qegħdin fl-iżball. U bħal dawn ukoll kien hemm mhux fl-ewwel seklu biss imma wkoll fi żmien il-profeta Isaija fejn naqraw f'Atti 28: 25-27, li hija kwotazzjoni minn Isaija 6:8-10,

> "'*Mur għand dan il-poplu u għidilhom: Tisimgħu kemm tisimgħu ma tifhmux, u tħarsu kemm tħrsu ma tarawx. Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset: kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għa-lqu għajnejhom, li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħhom,* ***u hekk ibiddlu ħajjithom*** *u jiena nfejjaqhom.*'"

Illum hawn dawk li ma jridux jisimgħu u jwebbsu ras-hom u jibqgħu f'dak it-tagħlim żbaljat. Mhux hekk biss, imma huma jippruvaw jgħaddu dak it-tagħlim lil ħaddieħor. B'hekk huma jaqdu lil Satana u mhux lill-Mulej. Għalhekk, nistiednek biex twarrab it-tagħlim

kollu tal-bnedmin, aqbad il-Bibbja tiegħek f'idek, u ejja nibdew dan l-istudju fuq Eżekjel 37.

**Eżekjel 37:1**

> "*Id il-Mulej kienet fuqi, u l-Mulej* ***ħariġni fl-ispirtu****, u qegħditni f'nofs* ***il-*** *wied, li kien mimli bil-għadam.*"

Żomm f'moħħok li Eżekjel, l-istess bħal Ġwanni li kiteb Rivelazzjoni, qiegħed *fl-ispirtu* (Rivelazzjoni 1: 10; 4:2; 17:3). Alla qiegħed jagħti lil Eżekjel viżjoni. Ebda wied speċifiku ma hu msemmi *għalhekk hija verità* ***spiritwali*** *li hija mgħallma u mhux politika jew storika*. Jekk dan kien Iżrael nazzjonali, allura l-wied kellu jkun kbir biżżejjed biex jieħu fih in-nazzjon kollu ta' Iżrael. Innota l-passaġġ: "*f'nofs* ***il-wied.***" Innota huwa "**il**-wied" mhux "wied." Hemm numru mhux ħażin ta' widien speċifiċi msemmija fl-Iskrittura bħal: Ġosafat (Ġoel 3:2); Eskol (Dewteronomju 1:24); Ħin-nom (Ġożwè 18:16) u oħrajn. Imma f'Eżekjel 37:1 ma hemm l-ebda wied speċifiku ġeografiku fil-veduta. Mela din hija l-ewwel ħaġa li int għandek iżżomm f'moħħok. Jekk jiġi xi ħadd għandek u jsemmilek xi **isem** ta' xi wied, dan ikun qiegħed **iżid** mal-Kelma ta' Alla għaliex ikun qiegħed jgħid dak li l-Kelma ta' Alla ma tkunx qalet u b'hekk ikun qiegħed jidneb (Dewteronomju 4:2; 12:32 Rivelazzjoni 22:18-19; Dewteronomju 29:29).

**Eżekjel 37:2**

> "*U ġegħilni ngħaddi minn ħdejhom dawramejt: u, ara, kien hemm ħafna*

*ħafna fuq wiċċ il-wied; u, ara, kienu **nexfin** għall-aħħar.*"

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Salm 63:1,**

"*O Alla, int Alla tiegħi; mis-sebħ infittxek jien: ruħi għatxana għalik, laħmi mxennaq għalik **f'art niexfa u maħruqa**, fejn m'hemmx ilma;*"

**Isaija 53:2,**

"*Għax hu jikber quddiemu bħal rimja tarija, u bħal għerq li joħroġ minn **art għatxana**: ma kellu l-ebda forma, jew ġmiel, biex inħarsu lejh, u lanqas bixra, biex ninġibdu lejn.*"

**Mattew 12:43,**

"M*eta l-ispirtu mniġġes joħroġ minn bniedem, jimxi **f'naħiet niexfa**, ifittex il-mistrieħ, u ma jsib xejn.*"

In-*nexfin* jirrappreżentaw lil dawk kollha li Alla jip-pjana li jsalva. Minn fejn Alla jalva lill-magħżulin jew lill-maħturin Tiegħu? Il-postijiet **nexfin** fejn ma hemmx ilma **ta' l-Evanġelju**. Mela din hija l-ewwel interpretazzjoni li jagħtina l-Ispirtu s-Santu fil-Kelma Tiegħu dwar il-kelma "*nexfin*." Imma ħalli nkomplu.

**Isaija 35:6,**

"*Imbagħad jaqbeż iz-zopp bħaċ-ċerv, u lsien l-imbikkem jgħanni: **għax fid-***

> ***deżert igelgel l-ilma, u widien fix-xagħri.***"

Meta persuni jsiru salvi huma jsiru widien fid-deżert. X'inhi l-kondizzjoni tad-deżert u fix-xagħri? Hija post **niexef** ħafna fejn l-ilma hu skars ħafna. Kif naraw f'Eżekjel 37:2, dan il-wied hu mimli b'għadam **nexfin** għall-aħħar. Hija d-dinja post niexef meta niġu għall-Evanġelju? Assolutament! Dan hu għaliex is-salmist f'Salm 63 fittex lill-Mulej minn art niexfa u bil-għatx fejn ma kienx hemm ilma. Huwa l-ilma ta' l-Evanġel-ju li hu jfittex. Hu jfittex biex ikun maħsul fl-ilmijiet ta' Kristu. Imma ħalli nkomplu nħallu l-Kelma ta' Alla tfissrilna dan:

**Salm 105:41,**

> "*Xaqqaq blata, u ħareġ gelgul ta' ilma, u l-ilma ġera mad-deżert bħal xmara.*"

Meta Kristu mar fuq is-salib għad-dnubiet tan-nies Tiegħu, il-Blata ta' Alla (1 Korintin 10:4) kienet mif-tuħa u mbagħad l-ilmijiet ta' l-Evanġelju gelglu fil-po-stijiet *nexfin* wara li Hu kien imqajjem fit-tielet jum. Dawk il-postijiet *nexfin* huma d-dinja biex ifittxu lill-maħturin Tiegħu fil-ġnus kollha:

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Mattew 28:19,**

> "*Morru mela, u għallmu **l-ġnus kollha**, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu:*"

**Mark 16:15-16,**

*"U qalilhom: Morru **fid-dinja kollha**, u xandru l-evanġelju **lil kull maħluq**. Min jemmen u jitgħammed, isalva, iżda min ma jemminx ikun ikkundannat."*

Dan il-passaġġ ta' Eżekjel juri wkoll il-fatt li persuna hija għadma mejta qabel is-salvazzjoni u Alla biss jista' jagħmilha li tgħix. Is-salvazzjoni hija permezz tal-grazzja. Dan l-għadam jista' jieħu l-ħajja biss permezz tal-grazzja ta' Alla.

**<u>Eżekjel 37:3</u>**

*"U qalli: O bin il-bniedem, jista' dan l-għadam jerġa' **jieħu l-ħajja**? U weġibt: O Mulej Alla, int taf."*

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Ġwanni 6:37,**

*"Dawk kollha li jagini Missieri jiġu għandi, u min jiġi għandi ma nkeċċihx 'il barra."*

**Ġwanni 6:40,**

*"U din hi r-rieda ta' Missieri: li kull min jara lill-Iben u jemmen fih, **ikollu l-ħajja ta' dejjem** u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum."*

**Rumani 11:34,**

*"Għax min qatt għaraf moħħ il-Mulej?*
*Min qatt kien il-kunsillier tiegħu?"*

Hawn Alla jistqasi lil Eżekjel mistoqsija dwar jekk dak l-għadan jistax jgħix jew le. Eżekjel iwieġeb fil-mod korrett li Alla biss jaf jekk huma jagħmlux dan jew le. Huwa l-istess mal-Kristjaneżmu dwar li Alla biss jaf min se jkun salv u mhux aħna u dan hu għaliex aħna nieħdu l-Evanġelju fid-dinja, biex infittxu lill-maħturin. Kif naraw fit-tliet passaġġi tagħna li Alla jagħti lill-emmiena lil l-Iben u b'riżultat tas-salvazzjoni, huma jkollhom il-ħajja ta' dejjem. Eżekjel kien jaf li hu ma kienx jista' jkun jaf il-moħħ ta' Alla fuq ħaġa kbira bħal li tibni l-knisja imma ħalla l-kustjoni kollha f'idejn Alla. Eżekjel kien sempliċiment parteċipant li kien irid fix-xena li kienet sejra tinkixef.

**<u>Eżekjel 37:4</u>**

*"U qalli, Ħabbar lil dan l-għadam u għidlu: O għadam niexef, isma' l-kelma tal-Mulej."*

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Rumani 10:17,**

*"Il-fidi, mela, tiġi mis-smigħ, u s-smigħ bil-kelma ta' Alla."*

Hawn Alla qiegħed juża lil Eżekjel f'figura biex iħabbar fuq dan l-għadam. X'inhu l-metodu li Alla juża llum u matul iż-żminijiet biex iġib lill-maħturin Tiegħu barra mill-ġnus? Huwa x-xandir u t-tħabbir ta' l-Evanġelju. Kif l-emmiena hawn huma murija bħala

**għadam niexef** u huma ordnati biex jisimgħu l-Kelma tal-Mulej. Dawk biss li huma msemmija sa mis-sisien tad-dinja jwieġbu għal dak il-kmand u l-wieħed f'Atti 17:30,

> "*U ż-żminijiet ta' din l-injoranza Alla għalaq għajnejh għalihom; iżda issa* ***jo-rdna lill-bnedmin kollha kullimkien biex jindmu***."

Dawk biss li huma msemmija sa mis-sisien tad-dinja ma jfissirx li Alla jagħżel individwi u li dawk l-individwi Hu jsalvahom. Imma dan ifisser li kif Alla ippredestina kreaturi bil-garġi għall-ħajja fl-ilma, hekk ukoll dawk fi Kristu kienu ippredestinati għall-ħajja eterna Miegħu. Alla ma jagħżilx min għandu jidħol fi Kristu, imma jgħid li dawk kollha li jagħmlu dan huma ikklassifikati bħala l-maħturin Tiegħu. Kreatura ta' rieda ħielsa, il-bniedem, jagħżel biex jobdi jew ma jobdix lil Alla u meta hu jagħżel lil Alla, huwa b'hekk ikun maħtur għas-salvazzjoni fi Kristu Ġesù. Il-maħturin ta' Alla huma dawk kollha li jiddeċiedu li jidħlu fi Kristu u dan ikun magħmul permezz ta' ubbidjenza lejn l-Evanġelju (Rumani 6:36). Dik hija salvazzjoni bil-"grazzja permezz tal-fidi" (Efesin 2:8). Il-grazzja ta' Alla tipprovdi s-salvazzjoni u l-fidi tal-bniedem tagħmel dik il-barka xieraq.

Alla ħalla lill-bniedem fil-libertà u ħieles biex jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin. Xi wħud jagħżlu l-ħażen u jikkawżaw it-telfien ta' oħrajn; in-neċessità hija fl-ebusija tar-ras tal-bnedmin u mhux fid-digriet ta' Alla…Alla ma joqtolx lin-nies, lanqas ma jċaħħad-

hom min-natura ħielsa tagħhom, lanqas ma jillimita l-azzjoni ħielsa fid-daqs mogħti tagħha, sabiex iżomm lin-nies milli jidinbu. Hija liġi fundamentali tan-natura tal-bniedem li l-karattru tiegħu għandu jkollu àmbitu sħiħ u ħieles biex jiżviluppa lilu nnifsu; għalhekk ir-responsabbiltà tista' b'mod ġust teżisti, il-penalità tis-ta' tkun iġġustifikata, u l-premju jista' jkun mogħti. Il-Kelma ta' Alla tgħid hekk dwar il-libertà tal-bniedem:

**Rivelazzjoni 3:20,**

> "*Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni* ***u jiftaħli l-bieb****, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi.*"

Ġesù mhuwiex se jidħol sakemm il-bieb jibqa' magħluq. Huwa l-individwu li għandu jiftaħ il-bieb, l-għażla hija tiegħu.

**Rivelazzjoni 22:17,**

> "*L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: "Ejja!'* ***Min jisma'****, ħa jgħid: "Ejja!" U min hu bil-għatx,* ***ħa jiġi****, ħa jieħu b'xejn* ***min irid*** *l-ilma tal-ħajja.*"

"**Min irid**" qiegħed fil-libertà biex "**jiġi**" u jieħu b'xejn l-ilma tal-ħajja. L-għażla hija tiegħu u tiegħu waħdu!

<u>**Eżekjel 37:5-6**</u>

> "*Hekk jgħid il-Mulej Alla lil dan il-għadam; Ara, jiena nikkawża* ***nifs*** *li*

*jidħol fikom, u intom ikollkom il-ħajja: U nqiegħed fuqkom nervi, u nrabbi fuqkom il-laħam,* ***u ngħattikom bil-ġilda****, u nqiegħed fikom* ***in-nifs****, u jkollkom il-ħajja; u tagħrfu li jiena l-Mulej.*"

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Ġenesi 2:7**

"*U l-Mulej Alla sawwar lill-bniedem bit-trab ta' l-art, u* ***nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja****; u l-bniedem sar ruħ ħajja.*"

**Ġenesi 3:21,**

"*U lil Adam ukoll, u lil martu, il-Mulej Alla għamel* ***qomos tal-ġild, u libbis-hom****.*"

Hawn Alla qiegħed ixebbaħ l-iffurmar tal-knisja għall-kostruzzjoni intima ta' bniedem. Għall-bniedem biex jgħix dan għandu jkun imlibbes bil-ġlud. Għall-Kristjan biex ikun Kristjan, huwa wkoll għandu jkun imlibbes bil-ġlud. Ġenesi 3:21 huwa figura minn qabel ta' l-ilbies ta' l-emmieni fil-Libsa tal-ġustizzja ta' Kristu.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Isaija 61:10,**

"*Nithenna wisq fil-Mulej, ruħi tifraħ f'Alla tiegħi;* ***għax hu libbisni b'ilb-ies is-salvazzjoni, u għattieni b'ma-***

> ***ntar tal-ġustizzja**, bħal għarus imżej-jen b'kuruna, bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha.*"

**Ġwanni 1:12,**

> "*Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa* ***li jsiru*** *wlied Alla, dawk li jem-mnu f'ismu.*"

Kif dawk li laqgħuh u emmnu f'ismu jsiru wlied Alla?

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Galatin 3:26-27,**

> "*Għax intom ilkoll* **ulied Alla** *bil-fidi fi Kristu Ġesù. Għax intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu* ***<u>lbistu</u> 'l Kristu***."

**Rumani 8:14,**

> "*Għax dawk kollha li huma* ***mmexx-ijin mill-Ispirtu ta' Alla****, huma* ***wlied*** *Alla.*"

Qiegħed tara meta wieħed iħalli l-Kelma ta' Alla tinterpreta lilha nfisha kemm ikun sempliċi biex jifhimha! Satana jipprova jqarraq b'kull mezz li jista' u wieħed mill-aktar mezzi qawwija tiegħu huwa li jġiegħel lin-nies jaċċettaw l-interpretazzjonijiet foloz tal-bnedmin u mhux ta' Alla!

Imbagħad Alla jgħid li Hu sejjer ipoġġi **n-nifs** ġewwa fina. Kif Adam sar ruħ ħajja bin-nifs fiżiku tal-ħajja, l-emmieni jsir **spiritwalment** ruħ ħajja meta hu jirċievi l-Ispirtu s-Santu fil-mument tas-salvazzjoni, hekk kif huwa jitgħammed għall-maħfra tad-dnubiet.

Hawn ukoll Satana jinqeda bl-għalliema foloz biex jipprova juri li l-magħmudija mhix meħtieġa għas-salvazzjoni.

**Il-Kelma ta' Allaq tinterpretalna:**

**Atti 2:38,**

> "*Imbagħad Pietru qalilhom: Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, **u tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu**.*"

**Rumani 8:14,**

> "*Għax dawk kollha li huma **mmexxijin mill-Ispirtu ta' Alla**, huma wlied Alla.*"

**1 Korintin 3:16,**

> "*Ma tafux li intom it-tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla **jgħammar** fikom?*"

Hawn aħna naraw ċar li *fil-magħmudija* tagħna, meta aħna nkunu maħsula minn dnubietna, aħna nirċievu l-Ispirtu s-Santu, aħna mbagħad insiru parti kbira mit-tempju li Alla qiegħed jibni.

**Atti 22:16,**

> "*U issa x'inti qiegħed tistenna? Qum, **u tgħammed, u aħsel dnubietek**, billi ssejjaħ isem il-Mulej.*"

It-tempju huwa tempju **spiritwali** u **mhux** tempju **materjali** bbażat fuq interpretazzjoni influwenzata ta' Eżekjel kapitli 40 sa 48 minn xi għalliema foloz. Ara

l-interpretazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu u ara tistax tapp-likaha għal xi tempju materjali:

**Efesin 2:21-22,**

> "*Li fih il-bini kollu mgħaqqad tajjeb flimkien jikber f'tempju qaddis fil-Mulej: Li fih intom ukoll mibnijin flimkien biex tkunu l-agħmara t'Alla permezz ta' l-Ispirtu.*"

**1 Korintin 3:16,**

> "*Ma tafux li intom it-tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla **jgħammar** fikom?*"

**2 Korintin 6:16,**

> "*U xi ftehim hemm bejn it-tempju t'Alla u l-idoli? **Għax intom it-tempju** t'Alla ħaj; bħal ma qal Alla: Ngħam-mar fosthom, u nimxi fosthom, u nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi.*"

Imma jekk xi ħadd għad ikollu xi diffikultà biex jifhem jekk it-tempju hux **spiritwali** jew **materjali**, l-Ispirtu s-Santu jgħidilna bl-aktar mod ċar, permezz ta' Pietru:

**1 Pietru 2:5,**

> "*U intom, bħala ġebel ħaj, intom mib-nijin **bini <u>spiritwali</u>**, bħala saċerdozju qaddis, biex toffru sagrifiċċji **<u>spiritwa-li</u>**, li jogħġbu 'l Alla b'Ġesù Kristu.*"

Ċertament li "bini **spiritwali**" ma jfissirx "bini **mater-jali**"! Il-ġlieda hija bejn Alla u Satana. Bejn it-tagħlim ta' Alla u t-tagħlim falz tal-qaddejja ta' Satana!

**Eżekjel 37:7**

> "*Għalhekk ħabbart kif kont ordnat: U jiena u nħabbar, kien hemm ħoss, u ara, taħrik, u l-għadam ġie flimkien,* ***għadma lejn għadma****.*"

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Efesin 5:30,**

> "*Għax aħna membri ta' ġismu, ta' laħ-mu, u ta' għadmu.*"

Il-ġisem ta' Kristu hu tant irrelatat b'mod intimu li aħna ikkunsidrati bħala li aħna membri tal-ġisem fiżiku Tiegħu. Il-Bibbja tagħtina ftit dawl dwar dan il-misteru. Tiftakar int meta Sawl (Pawlu) iltaqa' mal-Mulej fit-triq li tagħti għal Damasku? X'qallu Ġesù?

**Atti 26:15,**

> "*U jien għidt: Min int Mulej? U hu qal,* ***Jien Ġesù dak li inti qiegħed tipper-egwitah****.*"

Sawl ma kienx qiegħed jippersegwita lil Ġesù per-sonalment, madankollu, Sawl kien akkużat li kien qiegħed jagħmel sewwasew dik il-ħaġa, jiġifieri, jip-persegwita lil Ġesù. Dawn il-passaġġi mill-Iskrittura jagħtuna dawl u dħul fir-relazzjoni intima bejn Kristu u l-knisja Tiegħu. Il-knisja hija **l-ġisem** ta' Kristu:

**Efesin 1:22-23,**

> "*U qiegħed kollox taħt riġlejh, u lilu għamlu fuq kollox, biex ikun ir-ras tal-knisja,* ***li hi ġismu****,...*"

Innota li Ġesù jgħid, "**dak** li inti qiegħed tipperseg-witah" li jfisser li meta xi tnassis jew persekuzzjoni oħra jiġu fuq xi Kristjan tassew, il-persekuzzjoni tkun attwalment magħmula kontra Kristu Nnifsu.

Pekularità oħra interessanti dwar il-vers tagħna f'Eżekjel hija li dan jgħid, "**għadma lejn għadma**." Għaliex mhux "għadma **għal** għadma"? Hawn għan-dna għarfien ieħor għall-intimità bejn Kristu u l-knisja Tiegħu. Meta aħna nsiru salvi, l-għadam tagħna huma membri ta' l-għadam Tiegħu u fejn qegħdin l-għadam f'riferenza għall-ġisem uman? Dawn qegħdin fuq ġewwa! Fejn l-emmieni jgħammar? **FI** KRISTU!

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Rumani 12:5,**

> "*Hekk aħna, billi aħna ħafna, ġisem wieħed* ***fi Kristu****, u kull wieħed mem-bri ta' xulxin.*"

**Kolossin 1:2,**

> "*Lill-qaddisin u aħwa fidili* ***fi Kristu*** *li huma f'Kolossi: Grazzja lilkom, u sliem, mingħand Alla Missierna u Sid-na Ġesù Kristu.*"

**2 Timotju 1:1,**

*"Pawlu, appostlu ta' Ġesù Kristu bir-riea ta' Alla skond il-wegħda tal-ħajja li hi* ***fi Kristu Ġesù****."*

Jista' jkun hemm xi dubju dwar l-interpretazzjoni li jagħtina l-Ispirtu s-Santu?

**Eżekjel 37:8**

*"U meta ħarist, ara, il-muskoli u l-laħam ġie fuqhom, u l-ġilda għattiethom; imma ma kienx hemm nifs fihom."*

Aħna hawn naraw il-muskoli (xi verżjonijiet iġibu 'nervi') li huma għeruq fil-ġisem u s-sistema muskola-ri jkunu mpoġġija fuq l-għadam hekk kif huma bdew jiġu flimkien. Il-kelma wżata hawn għall-muskoli hija terminu wżat ukoll biex jiddeskrivi s-saħħa u qawwa. Kull meta aħna naraw raġel b'saħħtu **fiżikament**, dan normalment ikun li l-ġisem tiegħu jkun mibni tajjeb, kollu muskoli, ngħidu aħna. Fil-qasam **spiritwali** wie-ħed mill-ismijiet ta' Alla huwa, Saħħa jew Qawwa, jew Blata.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Eżodu 15:2,**

*"****Il-qawwa*** *u l-għanja tiegħi hu l-Mulej, hu sar is-salvazzjoni tiegħi. Hu Alla tiegħi; u jien inhejjilu fejn jgħammar; hu Alla ta' missieri, jien ngħollih."*

**Salm 46:1,**

*"Alla hu l-kenn u **l-qawwa** tagħna, għajnuna pronta dejjem fid-dwejjaq."*

**Salm 93:1,**

*"Il-Mulej isaltan; imlibbes bil-maestà: il-Mulej **imlibbes bil-qawwa**, li biha tħażżem:..."*

**Isaija 26:4,**

*"Ittamaw fil-Mulej għal dejjem: għax fil-Mulej Alla, hu **qawwa** (blata) ta' dejjem."*

**<u>Eżekjel 37:9</u>**

*"Imbagħad qalli: Ħabbar lir-riħ, ħabbar, bin il-bniedem, u għid lir-riħ, ħekk jgħid il-Mulej Alla; **Ejja mill-erbat irjieħ** o nifs, u onfoħ **fuq dawn il-maqtulin**, biex ikollhom il-ħajja."*

Ukoll għalkemm dan l-għadam issa kellu n-nervi u s-sistema muskolari biex jippermettulhom li jimxu, madankollu, ma kienx hemm nifs fihom. Alla ordna lil Eżekjel biex iħabbar fuqhom ħalli n-nifs tagħhom jiġi mill-erbat irjieħ tad-dinja. Erbgħa huwa n-numru ta' l-universalità li jfisser ir-riħ jiġi mill-inħawi kollha tad-dinja.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Ġwanni 3:8**

*"Ir-riħ jonfoħ fejn irid, u int tisma' l-ħoss tiegħu, iżda ma tafx minn fejn hu*

*ġej, u fejn hu sejjer: hekk hu kull wieħed li jitwieled mill-Ispirtu.*"

L-Ispirtu s-Santu jibda biex isalva lill-maħturin ta' Alla mill-ġnus kollha u li l-evanġelizzazzjoni tad-dinja tiġi permezz tax-xandir tal-Kelma ta' Alla. Dan hu għaliex aħna naraw li ħadd ma jaf fejn ir-riħ jibda jonfoħ u fejn dan jispiċċa għaliex aħna ma nafux min huma l-maħturin ta' Alla u r-responsabbiltà tagħna hija li nkomplu nxandru l-Kelma ta' Alla ħalli b'hekk huma jiġu. L-erbat irjieħ jilgħabu parti fuq l-aħħar jum kif Kristu jibgħat l-anġli Tiegħu għall-erbat irjieħ fuq l-art u jġib il-maħturin Tiegħu (Mattew 24:31). Hawn, fi Ġwanni 3:8 l-Ispirtu li jnissel mhuwiex imqabbel mar-riħ, imma l-ispirtu li ma jidhirx—il-bniedem ta' ġewwa—jiġifieri, imwieled mill-Ispirtu hu bħar-riħ—ma jidhirx.

Frażi oħra interessanti f'dan il-passaġġ ta' Eżekjel hija "*fuq dawn il-maqtulin.*" Apparentament darba kien hemm il-ħajja f'dan l-għadam u dan kien wied tal-mewt. Meta r-razza umana kienet maqtula? Fil-Ġnien ta' Għeden (Ġenesi 2:17; 3:6)! Wara d-dnub ta' Adam u Eva, ir-razza umana kollha kienet mgħaddsa f'mewta **spiritwali** għaliex id-dnub kien issa legat tal-bnedmin kollha għal ġenerazzjoni ta' wara.

**Lhud 11:49-51,**

"*Għalhekk ukoll qal il-għerf ta' Alla: Jiena nibgħatilhom profeti u appostli, u x'uħud minnhom joqtluhom u jipperse-gwitawhom. Biex id-demm tal-profeti kollha, li xxerred mill-*

*ħolqien tad-din-ja, jintalab minn din il-ġenerazzjoni;* ***Minn demm Abel sa demm Żakkari-ja****, li kien meqrud bejn l-artal u s-sant-warju: tassew ngħidilkom: Għad jinta-lab minn fuq din il-ġenerazzjoni.*"

Hawn hija r-realtà ta' l-istorja tal-bniedem. Id-dnubiet kollha li kienu magħmula qabel iż-żmien tagħna jkunu iġġudikati fl-aħħar jum. Innota t-tul taż-żmien minn Abel għal Żakkarija li għandu jkun numru ta' eluf ta' snin. Ġesù rrifera għal ġenerazzjoni ta' ħażen li kellha ma ddumx ma sallab lil Iben ta' Alla (Mattew 23: 36).

Din il-viżjoni kellha l-isfond tal-providenza. Il-kxif tas-sistema rimedjali kien imqiegħed fit-taħrik u n-nixxiegħa tad-demm tal-fidwa li bdiet it-tixrid tagħha minn artali bħal dawk ta' Abel u ta' Żakkarija u ma waqfitx sakemm din intilfet fix-xmara ħamra li toħroġ mis-salib ta' Kristu (Lhud 9:22).

## <u>Eżekjel 37:10</u>

"*Għalhekk jien ħabbart bħal ma ordna-li, u n-nifs daħal ġo fihom, u ħadu l-ħajja, u waqfu fuq riġlejhom,* ***eżerċtu kbir ħafna****.*"

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Ġoel 2:22,**

"*U l-Mulej isamma' leħnu* ***quddiem l-eżerċtu tiegħu: għax kbir ħafna l-***

> ***kamp tiegħu****; u qawwi dak li jagħmel kelmtu: Iva, kbir jum il-Mulej u tal-biża' ħafna; minn jiflaħ għalih?*"

**2 Timotju 2:3-4,**

> "*Issaporti mela t-tbatijiet,* ***bħala suldat tajjeb*** *ta' Ġesù Kristu. Ebda wieħed minn dawk li jmorru għall-gwerra ma jindaħal fil-ħwejjeġ ta' dil-ħajja; biex jogħġob lil min għażlu biex ikun* ***suldat****.*"

Alla jitkellem dwar il-knisja Tiegħu bħala eżerċtu jew armata. Hu jsejjaħ Kristjani ndividwi "suldati." Innota fil-passaġġ ta' Ġoel il-Bibbja tgħidilna li l-kamp "Tiegħu" huwa kbir ħafna.

**Rivelazzjoni 7:9,**

> "*Wara dan ħarist, u, ara, kotra kbira, li ebda bniedem ma kien jista' jgħoddha, minn kull ġens, u tribù, u poplu, u lsien, kienet wieqfa quddiem it-tron, u quddiem il-Ħaruf, lebsin ilbies abjad, u bil-palm f'idejhom.*"

Dan il-passaġġ jgħidilna li folla kbira tinsab **fis-Smewwiet** ifaħħru lill-Mulej. Din il-folla kbira hija l-knisja kif int innutajt li huma kienu ħarġu minn kull tribù, u poplu, u lsien tad-dinja kollha. Sa l-aħħar jum, Alla jkompli jslava barra mid-dinja.

Ħalli naraw passaġġ interessanti fl-1 Samwel 17. David jiġi fil-post fejn Gulija kien qiegħed jisfida lill-Iżraelin. Hu kellu għarfien kbir **spiritwali** waqt li oħ-

rajn kienu jaraw l-armata li kienet topponi lill-Filistin bħala armata ta' Iżrael. Innota kif David ra l-armata.

**1 Samwel 17:26,**

> "*U David kellem lin-nies li kien hemm ħdejh u qalilhom: X'jagħmlulu lir-raġel li joqtol lil dan il-Filisti, u jneħħi l-għajb minn fuq Iżrael? Għax min hu dan il-filisti bla ċirkonċiżjoni biex jisfida* ***l-eżerċti ta' Alla ħaj****?*"

David kien iħares lejn l-armati ta' Iżrael bħala l-armati ta' Alla l-ħaj. Kif insiru salvi, aħna nissieħbu fl-armata l-kbira ta' Alla u nopponu l-armata ta' Satana, li hija rrappreżentata mill-Filistin. Illum, din l-armata ta' Satana hija rrappreżentata mill-profeti u l-għalliema foloz. F'Rivelazzjoni 19 l-emmiena li marru wara Kristu huma ssimbolizzati bħala li qegħdin fuq żwiemel jimxu wara s-Sultan tas-slaten (Rivelazzjoni 19: 14-16). Meta jitkellem dwar l-eżerċti (l-armati) ta' Iżrael, l-Iżrael fix-xena jsir aktar ċar fil-vers li jmiss bi Skrittura li tappoġġjah.

**Eżekjel 37:11**

> "*Imbagħad qalli, Bin il-bniedem, dan il-għadam huma* ***dar Iżrael kollha****: ara, huma jgħidu: Għadamna niexef, u t-tama tagħna mitlufa: aħna maqtugħin għal kollox.*"

Meta niddiskutu l-għarfien tat-terminu ta' fuq, "*dar Iżrael kollha*" jkun jeħtieġ li aħna naraw sewwa u bil-għaqal x'tgħid il-Bibbja fuq dak it-terminu. Fi kliem

ieħor, **min hu l-Iżrael hawn?** Jiena rrid nuri numru ta' Skritturi mhux ħażin li jgħallmuna li l-Iżrael fil-ve-duta **huwa l-knisja u mhux Iżrael nazzjonali**. Dawk li għandhom għajnejn *materjali jew fiżiċi* jaraw dan bħala Iżrael nazzjonali imma dawk li għandhom għaj-nejn *spiritwali* jaraw dan kif tarah il-Kelma ta' Alla, bħala *Iżrael spiritwali*, il-knisja ta' Kristu. Hija sfortu-na kbira li dan ma jarawħx u għadhom moħħhom fil-ħwejjeġ materjali tad-dinja. Hawn wieħed jista' jara kemm hu kbir il-qerq ta' Satana, jiġifieri, li għalkemm il-Kelma ta' Alla tagħti spjega bl-aktar mod ċar u ddettaljata dwar min hu Iżrael, xorta waħda ħafna jippreferu li jibqgħu taħt il-ħakma ta' Satana mingħajr ma jkunu jridu li jabbandunaw dak it-tagħlim falz li huma jħaddnu.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Rumani 8:5-9,**

> "*Dawk li jgħixu skond il-ġisem,* ***ħsieb-hom fil-ħwejjeġ tal-ġisem****; dawk li jgħixu skond l-Ispirtu,* ***ħsiebhom fil-ħwejjeġ ta' l-Ispirtu****. Ix-xewqat tal-ġisem iwasslu għall-mewt; ix-xewqat ta' l-Ispirtu jwasslu għall-ħajja u s-sliem. Għalhekk* ***ix-xewqat tal-ġisem huma għedewwa ta' Alla****; ma joqogħ-dux għal-liġi ta' Alla, u anqas jistgħu joqogħdu.* ***Dawk li jgħixu skond il-ġisem ma jistgħux jogħġbu lil Alla****. Issa intom ma intomx taħt il-ħakma tal-ġisem, imma*

*ta' l-Ispirtu, ladarba hemm l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom. Jekk xi ħadd ma għandux fih l-Ispirtu ta' Kristu, dan mhuwiex tie-għu.*"

"**Ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-ġisem**." Il-premillen-jalisti huma ħsiebhom fil-ħwejjeġ **materjali u fiżiċi**, dawk tal-ġisem u mhux f'dawk **spiritwali**, dawk ta' l-Ispirtu. Dan ċertament li ħadd ma jista' jiċħdu. Kif tit-kellem ma xi ħadd minhom, huma jibdew isemmu Iż-rael fiżiku, Ġerusalem materjali, tempju materjali, tron materjali, saltna materjali, eċċ. Kif tkompli titkellem magħhom, huma jibdew isemmu gwerer u ġlied f'paj-jiżi, katastrofi bħal terremoti u jibdew japplikawhom bħala li huma sinjali għat-tieni miġja ta' Kristu jew it-tmiem. Din il-kantaliena ilha għaddejja għal mijiet ta' mijiet ta' snin u xorta waħda dawk ta' warajhom jib-qgħu jirrepetu l-istess kantaliena mingħajr ma jridu jagħtu widen għat-tagħlim safi tal-Kelma ta' Alla. Dak hu t-tagħlim prinċipali tagħhom! Aktar tismagħ-hom jitkellmu dwar ħwejjeġ materjali, ta' did-dinja milli jitkellmu dwar il-pjan ta' Alla tal-fidwa għas-sal-vazzjoni tal-bnedmin. Tassew "ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-ġisem" fil-ħwejjeġ tad-dinja, u mhux f'dawk ta' l-Ispirtu, **spiritwali!**

**Isaija 45:17,**

"*Iżda Iżrael ikun salvat mill-Mulej **b'salvazzjoni għal dejjem**: intom la tisthu la titrieghxu qatt u qatt.*"

Rumani 2:28-29,

> *"**Mhux dak li jidher li hu Lhudi minn barra hu Lhudi, lanqas min għandu ġismu ċirkonċiż; Il-Lhudi veru hu dak li hu Lhudi minn ġewwa; iċ-ċirkonċiżjoni vera hi dik tal-qalb fl-ispirtu u mhux fil-kitba. Bniedem bħal dan, mhux il-bnedmin ifaħħruh, imma Alla**."*

***Il-veru Iżrael** ta' Alla llum huwa **l-Knisja ta' Kristu**.*

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Rumani 9:6-8,**

> *"Mhux li l-wegħda ta' Alla sfat fixxejn; **għax mhux dawk kollha li huma mnissla minn Iżrael huma Iżraelin. Mhux dawk kollha li huma minnisel ta' Abraham huma wliedu** għax il-wegħda kienet din: "Minn Iżakk jiss-ejjaħ in-nisel tiegħek." Dan ifisser, **mhux ulied il-ġisem huma wlied Alla**, **imma** l-imwielda bis-saħħa tal-wegħda huma magħduda b'ulied Abra-ham."*

Ħalli l-Iskrittura tinterpretalna din is-silta. Kif persuna ssir iben jew bint ta' Alla, kemm jekk din hija **Lhudija jew pagana**?

**Lhud 5:9,**

*"U billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur* ***tas-salvazzjoni*** ***<u>ta' dejjem</u>*** ***għal kull min jisma' minnu.****"*

**Ġwanni 1:12-13,**

*"Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla,* ***dawk li jem-mnu f'ismu****, LI TWIELDU* ***MHUX MID-DEMM****,* ***ANQAS MILL-ĠIB-DA TAL-ĠISEM****, u anqas mir-rieda tal-bniedem,* ***iżda minn Alla****."*

**Rumani 11:25-26,**

*"Għax ma rridx, ħuti, li ma tkunux tafu b'dan il-misteru, li ma taħsbux li intom għorrief fi ħsibijietkom; biċċa min Iżrael webbsu qalbhom,* ***sama l-milja tal-Ġentili tidħol; <u>U hekk</u> Iżrael kollu jkun salvat****: bħalma hu miktub: Minn Sijon joħroġ il-Feddej, u jwarrab il-ħażen minn Ġakobb:"*

Dawn il-versi huma wżati b'mod żbaljat għal kollox mill-premillenjalisti biex jagħmluhom jaqblu mat-tagħlim tagħhom tal-millenju li hu mfassal f'moħħom, imma jekk huma jħallu l-Iskrittura tispjega lilha nfisha, allura m'għandu jkollhom ebda diffikultà biex jifħ-muhom sewwa.

**Galatin 3:7-8,**

*"Kunu afu mela, li dawk li* ***jgħixu fil-fidi****,* ***<u>dawk huma</u> wlied Abraham****. U*

*l-Iskrittura, li rat sa minn qabel li Alla kellu jiġġustifika l-Ġentili permezz tal-fidi, ħabbret minn qabel lil Abraham, Fik jitbierku l-**ġnus kollha**.*"

"Dawk li huma tal-fidi." Min huma dawn? Dawk koll-ha li jaċċettaw lil Ġesù Kristu bħala l-Mulej tagħhom u l-Evanġelju.

**Galatin 3:16,**

"*Issa l-wegħdiet saru lil Abraham u lin-nisel tiegħu. Hu ma qalx, u lin-nis-lijiet, bħallikieku wieħed: **lin-nisel tie-għek, li hu Kristu**.*"

**Galatin 6:16,**

"*U **dawk kollha li jimxu fuq din ir-regola**, is-sliem u l-ħniena, u wkoll fuq **Iżrael ta' Alla**.*"

**Efesin 2:12,**

"*Li f'dak iż-żmien kontu mingħajr Kristu, **billi kontu barra miċ-ċittadi-nanza ta' Iżrael**, barranin għar-rabtiet tal-wegħda, mingħajr tama, u mingħajr Alla fid-dinja.*"

**Filippin 3:3,**

"*Għax dawk li **<u>tassew</u> għandhom iċ-ċirkonċiżjoni <u>huma aħna</u>, aħna** li qe-għdin naqdu lil Alla fl-Ispirtu u niftak-ru fi Kristu Ġesù; **aħna <u>li ma nqegħ-</u>***

***<u>dux il-fiduċja tagħna fil-ġisem</u>***.”
*(ara versi 4-11 ukoll).*

**Ġwanni 4:23-24,**

“*Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier* ***fl-ispirtu*** *u l-verità. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh. Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh* ***fl-ispirtu*** *u l-verità.*”

**Galatin 3:26-27,**

“*Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom,* ***permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù****. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, lbistu 'l Kristu.*”

**2 Korintin 5:7**,

“*Aħna ngħixu* ***bil-fidi*** *u mhux bil-viżjoni.*”

**Rumani 10:17,**

“*Għax* ***il-fidi*** *tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu.*”

**Ġuda 3,**

“*Maħbubin, ħassejt ħerqa tassew kbira biex niktbilkom dwar is-salvazzjoni* ***tagħna lkoll****, għax rajt li kien meħtieġ nibgħatilkom kelmtejn ħalli*

*nħeġġiġkom għal dik **il-fidi** li ngħa-
tat darba għal dejjem lill-qaddisin.*"

Il-Kristjani veri huma l-**Iżrael ta' Alla**—kif huma f'distinzjoni minn **Iżrael skond il-ġisem** (Rumani 2: 29; 4:12). Fi Kristu, id-drittijiet kollha mogħtija min-ħabba distinzjonijiet tal-ġisem, huma **eliminati**, u kul-ħadd hu **meqjus egwali** fil-privileġġ quddiem Alla. Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd (ara Atti 10:34; Rumani 2:11; Galatin 2:6; Efesin 6:9; Kolossin 3:25; 1 Pietru 1:17). Dawk kollha li jaċċettaw lil Kristu bħala l-Mulej tagħhom, kemm jekk Lhud u kemm jekk mhumiex huma kollha wlied Alla u huma kollh al-istess! Ma hemm ebda distinzjoni bejniethom minli xi ħadd minnhom huwa minn xi razza differenti mill-oħrajn:

**Rumani 10:12,**

"*Għax **mhemmx għażla** bejn Lhudi u Grieg: għax l-istess Mulej fuq **kulħadd** hu għani ma' dawk kollha li jsejħulu.*"

**Kolossin 3:11,**

"***Ma hemmx Grieg jew Lhudi**, ċir-konċiż jew mhux, Barabaru jew Sktia, ilsir jew ħieles, <u>**iżda**</u> **f'kollox Kristu u f'kulħadd**.*"

Trid tassew tkun prużuntuż wara li tkun qrajt dawn il-passaġġi, li tipprova tagħmel xi għażla, kif fil-fatt qe-għdin jagħmlu l-premillenjalisti, bejn il-Lhud u dawk li mhumiex!

Kif diġa rajna, mela, f'dawn il-ħafna passaġġi mill-Kelma ta' Alla, li "Iżrael kollu" mhuwiex miġbur f'nazzjon wieħed, la issa mhu hekk u lanqas meta Kristu jerġa' jiġi ma jkun hekk, imma pjuttost il-fruntieri tiegħu jilħqu d-dinja kollha. Id-dar kollha ta' Iżrael fiha kemm il-Ġentili salvi u kemm il-Lhud salvi, b'mod ieħor magħrufa bħala l-knisja universali ta' Kristu. Id-dixxendenti ta' Abraham jilħqu mad-dinja kollha.

**Ġenesi 17:6,**

> "U *jiena nagħmlek li tkattar bil-kotra,*
> *u nagħmel minnek ġnus sħaħ,* ***u slaten joħorġu minnek****.*"

Hawn għandna ftit ta' tagħrif dwar min se jkunu d-dixxendenti ta' Abraham u Sara. Innota li l-Bibbja tgħid li "slaten" joħorġu minnha. Min huma dawn is-slaten? Għat-tweġiba aħna għandna mmorru għall-Bibbja u mhux għand xi għalliem falz. Jekk wieħed jipprova jaqra x'interpretazzjonijiet jingħataw għal dan il-passaġġ, dan ibqa' żgur li jaċċetta kollox min-barra l-interpretazzjoni Skritturali li jagħtiha l-Ispirtu s-Santu Nnifsu fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa. Meta wieħed iħalli l-Kelma ta' Alla tmexxih hi, ċertament li se jifhem sewwa xi jkun qiegħed jingħad u dwar xhix u dwar min il-kittieb ispirat ikun qiegħed jitkellem. Imma, kif digà għedt aktar qabel, sfortunatament huma ħafna li qegħdin jaċċettaw l-interpretazz-jonijiet tal-bnedmin jinqbdu fin-nassa ta' Satana!

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Rivelazzjoni 1:5-6,**

> "*U mingħand **Ġesù Kristu**, li hu x-xhud fidil, u l-imwieled l-ewwel fost il-mejtin, u **l-prinċep tas-slaten ta' l-art**, Lilu li ħabbna, u li ħasilna minn dnubietna f'demmu stess, **U għamilna salten** u qassisin għal Alla Missieru; Lilu glorja u qawwa għal dejjem ta' dejjem. Amen.*"

Innota f'dawn il-versi li jirrivelaw **min huma** s-slaten ta' l-art. Dan huwa isem ieħor għal dawk li jemmnu. Kif jiena nafu dan? X'jagħmel Sultan? Hu jsaltan! Ħalli naraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dan.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Rivelazzjoni 5:10,**

> "*U għamiltna għal Alla tagħna slaten u qassisin: **u aħna nsaltnu fuq l-art**.*"

**Rivelazzjoni 20:6,**

> "*Imbierek u qaddis hu min għandu sehem fl-ewwel qawma: fuq dawn it-tieni mewt ma għandhiex setgħa, imma jkunu qassisin ta' Alla u ta' Kristu, **u jsaltnu miegħu elf sena**.*"

Mela hawn naraw li dawk is-slaten, l-emmiena, il-Kristjani, sejrin isaltnu ma' Kristu għal elf sena li hija figura li tirrappreżenta l-perjodu kollu tat-Testment il-Ġdid u li jiġi fit-tmiem fl-aħħar jum. Aħna nsaltnu fuq l-art u dik il-ħakma tkun u tibqa' **għal dejjem ta'**

**dej-jem**. "U huma jsaltnu miegħu **għal elf sena**" (Rive-lazzjoni 20:6). Xi jfissru "l-elf sena"? Dawn ifissru: "U huma jsaltnu **għal dejjem ta' dejjem**" (Rivel-azzjoni 22:5). Wieħed jistagħġeb meta jisma' dwar it-tagħlim żbaljat ta' ħakma ta' Kristu ta' elf sena lette-rali fuq l-art wara li jkun qara dawn l-Iskritturi kollha li jinterpretaw b'mod sempliċi lilhom infushom. Hija tassew ħasra kbira li Satana, bħal iljun feroċi qiegħed jirrnexxilu jaqbad ħafna taħt il-ħakma tiegħu permezz ta' dak it-tagħlim falz!

**Efesin 2:13-19,**

> "***Imma issa***, *fi Kristu Ġesù, intom li darba kontu bgħid ħafna, sirtu qrib bid-demm ta' Kristu. Għax hu s-sliem tagħna,* ***u t-tnejn għamilna wieħed***, *u* ***waqqa'*** *l-ħajt tan-nofs li kien jifridna; Billi* ***ħassar*** *b'ġismu l-mibegħda, il-liġi tal-kmandamenti, li tikkonsisti fi pre-ċetti;* ***biex mit-tnejn jagħmel fih inn-ifsu bniedem wieħed ġdid***, *u hekk iġib is-sliem; U biex iħabbibkom* ***it-tnejn f'ġisem wieħed ma' Alla*** *bis-salib, wara li jkun* ***qered*** *bih il-mib-għeda; U ġie u xandar is-sliem lilkom li kontu bgħid, u lil dawk li kienu qrib. Għax permezz tiegħu aħna t-tnejn għa-ndna d-dħul bi Spirtu* ***wieħed*** *għand il-Missier.* ***Issa*** *mela* ***m'għadkomx aktar barranin u għorba, imma nies ta' l-istess belt mal-qaddisin, u tad-dar ta' Alla***.

> *Mibnija* ***lkoll*** *fuq is-sisien ta' l-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka. Fih, il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej; fih, intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew* ***flimkien f'dar fejn jgħammar Alla****.*"

Jista' xi ħadd, wara li jkun qara dawn il-versi, ikun tant prużuntuż li jkompli jsostni li l-frażi "**dar Iżrael kollha**" f'Eżekjel 37:11 tirreferi għal Iżrael nazzjonali jew fiżiku! X'qiegħed jgħid hawn l-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostlu Pawlu? Qiegħed jgħid bl-aktar mod ċar u sempliċi biex żgur ma jkunx hemm xi għal-liem falz u jipprova jinterpretah b'mod żbaljat, "*Imma issa, fi Kristu Ġesù,…it-tnejn għamilna wieħed,… waqqa' l-ħajt…li kien jifred...ħassar il-liġi…biex mit-tnejn jagħmel…bniedem wieħed ġdid…it-tnejn f'ġis-em wieħed ma' Alla…Issa aħna nies ta' l-istess belt… tinbnew flimkien* ***f'dar*** *fejn jgħammar Alla.*" Din id-**dar** li fiha jgħammar Alla hija **l-Iżrael spiritwali**, il-knisja ta' Kristu. Jekk xi ħadd ikollu xi dubju dwar **min huma** d-dar, l-Ispirtu s-Santu jgħidlu wkoll:

**Lhud 3:1-6,**

> "*Għalhekk ħuti qaddisa, intom li għandkom sehem fis-sejħa tas-sema, aħsbu fuq l-appostlu u l-qassis il-kbir ta' l-istqarrija tal-fidi tagħna, Kristu Ġesù; Li kien fidil ma' dak li għamlu, bħal ma kien ukoll Mosè fidil* ***f'daru*** *kollha. Għax dal-bniedem kien magħdud li jis-*

> *tħoqqlu aktar glorja minn Mosè, daqs-kemm dak li bena d-dar għandu iżjed ġieh mid-dar. Għax kull dar hi mibnija minn xi bniedem; imma dak li jibni kollox hu Alla. U Mosè tassew kien fidil f'***daru*** *kollha, bħala xhieda ta' dawk il-ħwejjeġ li* ***kellhom jingħadu wara;*** ***<u>Imma</u>*** *Kristu hu bħala iben fuq* ***daru stess; U DARU HI AĦNA****, jekk inżommu sħiħ il-fiduċja u l-ferħ tat-tama qawwija sa l-aħħar.*"

Qiegħed tara meta wieħed ikollu għajnejn **spiritwali** kif l-Ispirtu s-Santu jurih dak li hu **spiritwali**! Id-DAR HI AĦNA u **mhux** huma, Iżrael fiżiku! Mela, wara li l-premillenjalisti jkunu qraw dan, l-Ispirtu s-Santu jgħidilhom, fil-vers ta' wara,

**Lhud 3:8,**

> "*Għalhekk bħal ma jgħid l-Ispirtu s-Santu: Jekk illum tisimgħu leħnu, La twebbsux qalbkom…*"

Jekk int għandek dak it-tagħlim falz tal-premillenja-listi, issa li taf sewwa x'jgħid l-Ispirtu s-Santu, warrbu fil-ġenb, rattab qalbek, u aċċetta t-tagħlim s-safi ta' l-Ispirtu s-Santu. Jekk int m'intix lest li tagħmel dan, allura aqra versi 10 u 11 għaliex dak li jintqal fihom, dak li hemm lest għalik:

**Lhud 3:10-11,**

> "*Għalhekk kont imgħaddab għal dak in-nisel, u għidt: Dejjem jiżbaljaw*

> *f'qalbhom; u ma għarfux triqati. Għal-hekk ħlift f'għadbi:* ***Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi****.*"

Jekk xi ħadd ikompli jsostni li aħna għandna nagħrfu lil Iżrael *fiżiku, skond il-ġisem*, allura dan jerġa' jsib lil l-Ispirtu s-Santu bil-Kelma Tiegħu fejn jurih kemm hu qiegħed fl-iżball u għal darb' oħra jagħtih tweġiba l-aktar ċara dwar jekk *aħna llum għandniex nagħrfu lil xi ħadd skond il-ġisem*:

**2 Korintin 5:16-17,**

> "*Għalhekk aħna* ***ma nagħrfu lil ħadd skond il-ġisem****. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħr-fuhx aktar hekk. Meta wieħed jingħa-qad ma' Kristu, isir Ħolqien ġdid;* ***il-qadim għadda u daħal il-ġdid****.*"

"*Il-qadim għadda u daħal il-ġdid.*" X'inhu "l-qadim" u x'inhu "l-ġdid"? Il-qadim huwa dak li wieħed kien jagħrfu "**skond il-ġisem**." Il-ġdid hu dak li aħna na-għrfuh "**spiritwalment!**" Mela, **jekk l-Ispirtu s-San-tu mhuwiex** qiegħed iqis din id-differenza, ċertament li aħna **m'għandniex** inqisuha!

**Rumani 10:12,**

> "***Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; hu Sid ta' kulħadd*** *u għani ma' dawk kollha li jsejħulu.*"

Imma dawk li jgħallmu t-tagħlim falz tal-millenju ja-għmlu għażla għaliex jgħidu li l-Lhud se jkunu ppre-feruti fl-aħħar! Imma l-Ispirtu s-Santu qiegħed jgħid

illi li tkun Lhudi skond il-ġisem **ma jiswa xejn!** Ħalli naraw x'jgħid l-appostlu Pawlu b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu.

**Rumani 3:9,**

> "*Xi ngħidu mela?* ***Aħna Lhud aħjar mill-oħrajn****?* ***B'ebda mod****.* ***Ġa wrejna li sew il-Lhud u sew il-Grieg huma lkoll*** *taħt il-ħakma tad-dnub.*"

"B'EBDA MOD" ma huma l-Lhud aħjar mill-oħrajn jgħidilna l-Ispirtu s-Santu! "ĠA WREJNA" jerġa' jgħid l-Ispirtu s-Santu li ma hemm ebda differenza bejn Lhudi u Ġentili, imma dan ma jiswa xejn għal premillenjalisti għaliex huma xorta waħda ma jridux jaraw u jibqgħu jgħallmu t-tagħlim żbaljat tagħhom (Imma ara Atti 28:25-27)? Hemm biss kelma waħda li tispjega għaliex huma jkomplu jgħallmu dak it-tagħlim falz: **SUPPERVJA!**

**Rumani 3:29,**

> "*Forsi Alla hu Alla* ***tal-Lhud biss****? Mhux tal-pagani wkoll? IVA, tal-pagani* ***WKOLL****.*"

**Rumani 3:30,**

> "*Alla hu wieħed, u hu l-istess wieħed li jiġġustifika permezz tal-fidi l-Lhudi ċirkonċiż u l-pagan mhux ċirkonċiż.*"

Imma wara li qrajna dawn il-provi kollha xorta jkun hemm min iwebbes rasu u jibqa' jiddefendi t-tagħlim falz. Dan ikun lest li jwarrab lill-Mulej biex ikompli

jaqdi lil Satana. Il-Kelma ta' Alla tgħid hekk dwar dawn in-nies:

**Lhud 6:4-6,**

> "*Għax ma jistax ikun li treġġa' lura għal l-indiema lil dawk li, wara li dar-ba sfaw imdawla; wara li daqu d-don tas-sema fl-Ispirtu s-Santu; wara li daqu t-tjubija tal-kelma ta' Alla u l-qawwa taż-żmien li għad irid jiġi,* ***imbagħad reġgħu lura waqgħu****; għa-liex dawn, bl-istess imġiba tagħhom, isallbu lil l-Iben ta' Alla u* ***jwaqqgħuh għat-tmaqdir****.*"

L-aktar li tolqotni hawn hija l-aħħar frażi, "*u jwaqqgħ-uh għat-tmaqdir.*" Matul iż-żminijiet kienu u għadhom il-profeti foloz premillenjalisti jbassru t-tmiem u jiffis-saw dati imma l-profeziji u t-tbassir tagħhom dejjem ġew fix-xejn, fallew. Dawk li ma jemmnux iwaqqgħu għat-tmaqdir lil-Kelma ta' Alla u lil Alla Nnifsu min-ħabba dawn il-profeti foloz għaliex għalihom (għal dawk li ma jemmnux) dak li jkunu qegħdin ibassru l-profeti reliġjużi, imma foloz, huwa ġej minn Alla. Sat-ana ċertament li hu l-uniku wieħed li qiegħed jixxala u jieħu gost b'dak li qiegħed jiġri! Trid int li tkun parti minn dak? Agħżel **issa** lil min int trid taqdi, lil Alla jew lil Satana? (Ġożwè 24:15, 22-24).

## <u>Eżekjel 37:12-13</u>

> "*Għalhekk ħabbar u għidilhom: hekk jgħid il-Mulej Alla; Ara, O poplu tiegħi, jiena sa niftaħ l-oqbra tagħkom, u ntellagħkom mill-oqbra tagħkom, u nġibkom fl-art ta' Iżrael. U tagħrfu li jiena l-Mulej, meta niftaħ l-oqbra tagħkom, O poplu tiegħi, u ntellagħkom mill-oqbra tagħkom.*"

Qabel ma aħna nibdew is-suġġett ta' *l-oqbra* f'dawn il-versi, ħalli nħarsu lejn it-terminu "*l-art ta' Iżrael*." Aħna diġà rajna li Iżrael jagħmel minn dawk kollha li huma salvi kemm Lhud fiżiċi u kemm Ġentili. Biex jagħtina għarfien bażiku, aħna għandna mmorru lura għal Ġenesi 17:8 li jgħarrafna aktar dwar l-art ta' Iżrael.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Ġenesi 17:8,**

> "*U nagħti lilek, u lil nislek warajh, l-art li fiha inti qiegħed* ***barrani, l-art koll-ha ta' Kangħan, biex tkun tagħkom għal dejjem****; u jien inkun Alla tagħ-kom.*"

Ħalli mmorru issa għall-passaġġ li jiddettalja għalina t-terminu "*barrani*" li nsibu f'Ġenesi 17:8.

**Lhud 11:8-10, 13,**

> "*Bil-fidi Abraham, meta kien imsejjaħ biex imur f'art li kien sa jieħu wara* ***b'wirt****, obda; u telaq, bla ma kien jaf fejn kien sejjer. Bil-fidi hu għammar*

*fl-art tal-wegħda, bħala f'art barranija, jgħix fit-tined ma' Iżakk u ma' Ġakobb, werrieta miegħu ta' l-istess wegħda: Għax hu kien jistenna belt li għandha s-sisien, li l-bennej u l-imgħallem tagħha hu Alla….Dawn kollha mietu fil-fidi, bla ma qalgħu l-wegħdiet, iżda rawhom mill-bogħod, u emmnuhom, u sellmulhom, u stqarru* ***li kienu barranin u għorba fuq l-art****.*"

Hawn aħna naraw li Abraham u l-Patrijarki l-oħra kellhom għarfien **spiritwali** biex jirrealizzaw lid-dar reali tagħhom, il-**wirt** tagħhom, **ma kinetx hawn fuq l-art** (Ara 1 Pietru 1:4-5). Imma kemm hawn illum min qiegħed jiġi mqarraq b'tagħlim falz li l-art se tibqa'? Hawn, aħna l-Kristjani, qegħdin ilkoll bħala għorba, pellegrini, *barranin*. Kif aħna nafu li aħna barranin fuq l-art? Għaliex il-filosofija tiegħek tal-ħajja hija differenti. Kun onest fuq ix-xogħol u ara jekk int tieħux promozzjoni. Maqdar xi forma ta' dnub jew ta' xi tagħlim falz, ukoll fil-knisja, u ara kif tkun ittrattat jew milqugħ. Naħseb li taf għal xhix jiena ġej. Biex tkun ubbidjenti għall-Kelma ta' Alla huwa li ċċanfar il-modi tad-dinja. Huwa li teħodha kontra kull tagħlim li jmur kontra l-Kelma ta' Alla. Raġuni oħra li aħna nafu li l-Patrijarki kienu qegħdin jaraw l-art bħala art barranija hija minħabba l-Iskritturi li ġejjin:

**Ġenesi 25:8,**

> *"U Abraham radd ruħu, u miet kbir sewwa fiż-żmien, raġel xiħ, u mimli għomor; **u nġabar ma' niesu**."*

Hawn Abraham kien miġbur ma' niesu **wara** li hu miet u mhux qabel. Aħna naraw hawn b'mod ċar li "n-nies tiegħu" u tagħna huma dawk *li diġa' ħallew din l-art* u li fil-preżent jinsabu fi ħdan Abraham, f'Post l-Imwiet (Luqa 16:22-23), li jfisser lin-nies tagħna huma l-mifdija ta' Alla.

It-tieni terminu li jiena rrid li nħarsu lejh f'Ġenesi 17:8 huwa "Art ta' Kangħan." Aħna niksbu xi għarfien dwar l-Art ta' Kangħan minn Rumani 4:13.

**Rumani 4:13,**

> *"Għax il-wegħda, li hu jkun **il-werriet tad-dinja**, ma kinetx lil Abraham, jew lin-nisel tiegħu, permezz tal-liġi, iżda permezz tal-ġustizzja tal-fidi."*

Innota li l-Bibbja tgħid li l-Art ta' Kangħan hija pussess għal dejjem u meta nħarsu lejn Rumani 4:13, aħna naraw li Abraham kellu jkun werriet tad-dinja kollha. Issa, aħna għandna nistaqsu l-mistoqsija, hija Kangħan illimitata għal Iżrael nazzjonali jew hija illimitata għad-dinja kollha? It-tweġiba, naturalment, hija d-dinja kollha, kif diġà rajna li Alla qiegħed isalva miljuni barra mid-dinja kollha. Mela, kull wieħed li jsir salv ikun daħal f'Kangħan hekk kif huma jirċievu l-ħajja ta' dejjem. Dawk li huma tal-fidi huma nisel Abraham u d-dinja li tagħha hu jkun werriet huma dawk li qegħdin jiġu salvati matul id-dinja kollha. Imbagħad meta Alla jġedded is-smewwiet u l-

art, it-twettiq ta' l-aħħar tal-profezija ta' Kangħan ikun kom-plut billi emmiena biss jgħammru fis-smewwiet ġodda u art ġdida, li hija **idjoma Biblika għas-Smewwiet** fejn qiegħed Alla li Jista' Kollox, b'hekk jagħmel lil Abraham il-werriet tad-dinja kollha. Hija sfortuna li l-premillenjalisti din il-frażi jeħduha f'sens *letterali* wkoll u mhux bħala *idjoma Biblika* kif fil-fatt hi (ara paġna 52). Jekk aħna tassew inħallu l-Kelma ta' Alla tgħidilna fejn qiegħed il-wirt tagħna u mhux lil xi għalliema foloz moderni, allura m'għandna jkollna ebda diffikultà biex nifhmu fejn se jkunu "s-smewwiet ġodda u l-art ġdida."

Tajjeb li nidħlu aktar fid-dettall dwar dan is-suġġett għaliex jekk wieħed jifhem sewwa dak li tgħid il-Kelma ta' Alla dwar l-art u dwar it-tmiem tagħha, allura ħafna mid-diffikultajiet, mhux biss dwar Eżekjel 37, imma dwar ħafna mill-interpetazzjonijiet żbaljati tal-premillenjalisti, dan għandu jsib li dawk kollha jiġu fix-xejn. Inħoss li hu meħtieġ li dan is-suġġett dwar l-art għandi nieħdu fit-tul kemm jista' jkun biex kemm jista' jkun nistudjaw il-biċċa l-kbira tal-passaġġi li jitt-rattaw dwar dan is-suġġett. Dan huwa suġġett li jiena nħares lejh bħala li huwa arma letali għat-tagħlim pre-millenjali!

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**1 Pietru 1:3-5,**

> "*Imbierek ikun Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li bil-ħniena kbira tiegħu wellidna mill-ġdid għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu minn bejn l-*

*imwiet,* ***Għal wirt li ma jitħassarx, ma jittebbax, u ma jgħibx, merfugħ*** ***<u>fis-sema</u>*** ***għalikom.***"

Imma ħafna premillenjalisti jargumentaw li Alla id-disinja l-Ommna art sabiex tkun abitazzjoni **eterna** għall-qaddisin Tiegħu. Huwa sostnut, għalhekk, li fuq ir-ritorn ta' Kristu l-art tkun "meqruda," imma "im-ġedda mill-ġdid" għal abitazzjoni tal-bniedem.

Kuntrarju għal kif il-premillenjalisti jgħallmu, id-dinja qatt ma kienet intenzjonata biex tkun id-dar per-manenti tal-bniedem; għalhekk bil-miġja tal-Mulej, l-art tkun meqruda għal kollox. Is-sema materjali tispiċ-ċa u l-partiċelli elementari nfushom tal-materja jkunu mdewba (2 Pietru 3:7, 10; Mattew 24:35; Rivelazzjoni 21:1).

Imma xi ngħidu dwar dawk is-siltiet li jitkellmu dwar li *l-Art tibqa' għal dejjem*? Dawk li jsostnu li l-art tkun l-abitazzjoni eterna għall-poplu ta' Alla jap-pellaw għal bosta siltiet Bibliċi f'appoġġ għall-veduti tagħhom. Fost dawn insibu: Salmi 78:69; 104:5; Ekk-leżjażti 1:4—"*L-art tibqa' għal dejjem.*" Huwa nuqqas ta' fehma ta' siltiet bħal dawn li wassal lil xi wħud biex jemmnu u jaċċettaw it-tagħlim falz li l-Art tkun ippurifikata bin-nar u b'hekk issir id-dar eterna tal-ġusti. Dan l-irraġunar huwa żbaljat għal kollox għaliex imkien fl-Iskrittura Mqaddsa ma jintqal dan il-kliem. Li xi ħadd jagħti interpretazzjoni ħażina ta' xi siltiet ma jfissirx li dan jgħid dak li jintqal! L-Iskrit-tura tgħidilna bi kliem ċar ħafna fejn se tkun id-dar **eterna** tal-ġusti kif għadna kif rajna u sejrin inkomplu naraw aktar 'il quddiem. Forsi jiena

qiegħed nieħu xi ftit fit-tul dwar dan is-suġġett, imma dan huwa ta' importanza kbira biex wieħed jifhem aħjar dak li jint-qal f'Eżekjel.

F'dawn il-versi, iżda, it-terminu Lhudi *olam* huwa wżat. Il-kelma sempliċiment tfisser "sakemm idum iż-żmien," u, kif l-Ebrajist (Mgħallem fl-ilsien Lhudi) innota: "Meta applikata għall-ħwejjeġ fiżiċi, din hija wżata fi qbil mal-verità irrivelata lis-sema u l-art jgħaddu, u hija illimitata b'din il-verità" (Robert Girdlestone, *Synonyms of the Old Testament*, p. 317). Il-kelma sempliċiment tissuġġerixxi li l-oġġett li qiegħed ikun ikkunsidrat idum *sakemm* dan kien iddisinjat biex idum. Eżempju sempliċi li wieħed jista' jagħti huwa fejn jiena ngħid lil xi ħadd li jiena u marti se nibqgħu ngħixu fid-dar li noqgħodu fiha għal dejjem. Żgur li "għal dejjem" ma tfissirx eternità, imma semp-liċiment tfisser li **sakemm** aħna nibqgħu ħajjin nib-qgħu ngħixu f'dik id-dar. Jekk aħna nħallu l-Kelma ta' Alla tinterpretalna dan u nwarrbu kull tagħlim tal-bnedmin, allura nkunu nistgħu nifhmu aħjar dak li tas-sew irid jgħidilna l-Mulej tagħna.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

Din il-kelma *olam* (għal dejjem) hija wżata f'bosta versi fl-Iskrittura u dwar ħwejjeġ differenti, per eżem-pju, dwar *l-Għid Lhudi* fejn naqraw:

**Eżodu 12:14,**

> *"U dan il-jum ikun għalikomn b'tifkira; u tħarsuh bħala għid lill-Mulej minn nisel għal nisel tagħkom; tħarsuh bħala għid b'liġi **għal dejjem**."*

Ukoll dwar *is-Saċerdozju Levitku* fejn naqraw:

**Numri 25:13,**

> "*U tkun għalih, u għal nislu warajh, għaqda ta' saċerdozju* ***għal dejjem****;...*"

*Olam* hija wżata wkoll dwar *l-ilsir li jaqdi lil sidu*:

**Eżodu 21:6,**

> "*Imbagħad sidu jieħdu għand l-imħallfin; jieħdu wkoll sa ħdejn il-bieb, jew sa ħdejn ħiser il-bieb, u sidu jtaqqablu widintu b'xifa; u jibqa' jaħdimlu* ***għal dejjem****.*"

Ukoll naqraw dwar *is-Sibt*,

**Eżodu 31:16-17,**

> "*Iħarsu għalhekk ulied Iżrael is-Sibt, biex iżommu s-Sibt f'kull nisel tagħhom, b'għaqda* ***ta' dejjem****. Hu sinjal bejni u bejn ulied Iżrael* ***għal dejjem****: għax f'sitt ijiem il-Mulej għamel is-sema u l-art, u fis-seba' jum strieħ, u ħa n-nifs.*"

Naqraw dwar *l-offerta magħmula bin-nar*:

**Levitku 3:16-17**

> "*U l-qassis jaħraqhom fuq l-artal bħala ikel, offerta magħmula bin-nar ta' rieħa tfuħ: ix-xaħam kollu lill-Mulej. Dan ikun statut* ***għal dejjem****, għal nisilkom kollha, fl-agħmajjar kollha*

*tagħkom kollha, li ma tiklux l-ebda xaħam u l-ebda demm.*"

Issa, dwar *l-art* naqraw hekk:

**Ekkleżjażti 1:4,**

"*Nisel jgħaddi, u nisel ieħor jiġi: iżda l-art tibqa'* ***għal dejjem****.*"

Dawn huma ftit eżempji fost il-ħafna oħrajn li nsibu fil-Bibbja li kulħadd jaqbel dwar li dawn illum kollha spiċċaw bit-tneħħija tas-sistema Możajka. Ċertament li l-ilsir jew il-qaddej illum m'għadux jaħdem għal sidu wkoll għalkemm jintqal li "*jibqa' jaħdimlu* ***għal dejjem****.*" Għalhekk, l-art tibqa' **sakemm** din kienet ippjanata minn Alla li ddum, jiġifieri, sakemm iż-żmien jibqa', imma mhux matul l-eternità.

Dwar dan il-Kelma ta' Alla wkoll tagħtina eżempji biex aħna nkunu nafu sewwa dak li l-Mulej irid iffisser. Xi siltiet Skritturali bħala eżempju ta' dan huma:

**Ġenesi 8:22**,

"***Kemm iddum*** *l-art, żrigħ u ħsad, bard u għomma, sajf u xitwa, u nhar u lejl, ma jehdewx.*"

"***Kemm iddum*** *l-art*" juri li xi darba l-art se tispiċċa, se tieqaf milli tkompli fl-eżistenza tagħha. Kieku l-art kienet se tibqa' għal dejjem il-kliem kien ikun differenti u forsi kien jintqal li:

"***Fl-art****, żrigħ u ħsad, bard u għomma, sajf u xitwa, u nhar u lejl, ma jehdewx.*"

U mhux jintqal, “**kemm iddum** l-art.” Imma l-għalliema foloz idawwru u jfissru l-Kelma ta’ Alla “ħażin għat-telfien tagħhom stess u ta’ oħrajn li jinqabdu fl-iżbalji tagħhom.” Il-Kelma ta’ Alla twissina bil-qawwa kollha dwar dan billi tgħidilna:

**2 Pietru 3:16-17,**

> “*Intom, mela, ħuti għeżież, ladarba tafu dan,* ***għassu sewwa*** *li ma tisfawx maħkuma mill-iżbalji ta’ dawn in-nies bla rażan u taqgħu mnejn tinsabu qegħ-din fis-sod.*”

Dwar xhix aħna għandna *ngħassu sewwa*? Dwar it-tagħlim żbaljat ta’ l-għalliema foloz!

**Salm 102:25-28**,

> “*Mill-qedem int qegħidt is-sisien ta’ l-art: u s-smewwiet huma xogħol idejk.* ***Huma jintemmu, iżda int tibqa****: iva, huma lkoll jiqdiemu, bħal libsa tbid-dilhom, u huma jitbiddlu: iżda int li int tibqa’: u sninek m’għandhomx tmiem.*”

“*Huma jintemmu*” f’kuntrast ma “*int tibqa’ u sninek m’għandhox tmiem*” juri li l-art għad tispiċċa. Ċertament li “*huma jintemmu*” ma tfissirx li huma se jibqgħu għal dejjem! “*Iżda*”—konġunzjoni li tifred—imma x’tifred din? Din tifred: dak “li jintemm” (is-sisien ta’ l-art) minn dak li “*ma* jintemmx,” “int,” il-Mulej Alla. “Sninek m’għandhomx tmiem.” Din il-frażi tfisser “eternità.” Iżda dak li hu mqabbel ma’

"sninek" għandu tmiem għaliex jekk dan m'għandux tmiem ukoll, x'ikun l-iskop ta' "*iżda int li int tibqa': u sninek m'għandhomx tmiem*"? Il-kuntrast jispiċċa għal kollox, anzi, ma jista' jkun hemm ebda kuntrast! Hawn għandna l-Kelma ta' Alla kontra l-kelma tal-premillenjalisti, l-għallliema u l-profeti foloz moderni, il-qaddejja ta' Satana! Dan huwa irripetut mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu fejn qal:

**Mattew 24:35,**

> "*Is-sema u l-art jgħaddu, iżda kliemi ma jgħaddix.*"

Jekk l-art se tibqa' għal dejjem, allura dan il-kliem tal-Mulej ma jagħmel ebda sens! Isaija jgħid hekk dwar l-art:

**Isaija 24:20,**

> "*L'art tixxengel 'l hawn u 'l hinn bħal wieħed sikran, u titbandal bħal għarix, u dnubha jitqal fuqha; u taqa',* ***u ma tqumx aktar***"

"*Taqa' u ma tqumx aktar*" jgħid l-Ispirtu s-Santu, imma l-premillenjalisti jgħidu, le, l-art se terġa; tqum, tkun imġedda!

**Isaija 34:4,**

> "*L-eżerċtu kollu tas-sema jdub, u s-smewwiet jitkebbu bħal ktieb: u l-eżer-ċtu tagħhom kollu jaqa', bħal ma taqa' l-werqa mid-dielja, u bħal tina niexfa li taqa' mis-siġra tat-tin.*"

Qatt int rajt xi werqa li waqgħet minn xi dielja terġa' tiegħu l-ħajja? Qiegħed tara meta wieħed iħalli l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha kif ikun jista' jifhem sewwa t-tifsira ta' l-idjoma "sema ġdida u art ġdida"? Dan jaqbel perfettament ma' dak li qal l-appostlu Pietru b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, dwar it-tmiem tad-dinja, meta qal:

**2 Pietru 3:10-12,**

> "*Jasal, tabilħaqq, jum il-Mulej bħal ħalliel; jintemmu mbagħad is-smewwiet bi ħsejjes kbar,* ***jinħallu bin-nar*** *l-elementi tad-dinja, u l-art* ***b'kull ma fiha tkun maħruqa min-nar****. Ladarba hekk* <u>*kollox*</u> *għandu* ***jintemm****, araw daqsxejn kif għandkom iġġibu ruħkom, kemm għandha tkun qaddisa u tajba ħajjit-kom, waqt li tistennew b'ħerqa kbira l-miġja tal-jum ta' Alla. Hu minħabba f'dan il-jum* ***li s-smewwiet jinħarqu u jinħallu u l-elementi tad-dinja jin-qerdu bin-nar****.*"

Hawn Pietru ma semma xejn dwar purifikazzjoni bin-nar, kif jippruvaw jinterpretaw din is-silta xi wħud, imma tkellem biss dwar **qerda totali bin-nar**!

Dawn l-eżempji jservu biex juru li l-kelma jew il-frażi "*għal dejjem*" spiss kellha sinjifikat temporanju, ifisser, matul iż-żmien appuntat, jew sat-tmiem ta' żmien mogħti. U hekk ukoll hija "*l-art tibqa' għal dejjem,*" matul il-ġenerazzjonijiet kollha, matul iż-żmien

appuntat tagħha. Għalhekk, "*għal dejjem*" kif użata f'dawn is-siltiet tat-Testment il-Qadim kienet tfisser medda twila ta' żmien u mhux żmien mingħajr tmiem.

Il-fatti li se nuri huma magħmula assolutament ċari fl-Iskrittura:

Is-sema u l-art **mhumiex l-istess post**. Hemm is-sema fejn jittajru l-għasafar u hemm is-sema fejn jgħammar il-Mulej. Ġesù għallem ċar ħafna li aħna m'għandniex nagħmlu għalina teżori fuq l-art imma fis-sema:

**Mattew 6:19-21,**

> "*La taħżnux teżori* ***fl-art*** *għalikom, fejn il-kamla u s-sadid iħassru, fejn il-ħallelin jiftħu u jisirqu:* ***iżda*** *aħżnu għalikom teżori* ***fis-sema****, fejn la l-kamla u la s-sadid ma jħassru, u fejn il-ħallelin la jiftħu u lanqas jisirqu.*"

Hawn għandna l-istess konġunzjoni li tifred, "*iżda*." It-tnejn huma għalhekk differenti. Meta l-Mulej ħalla din l-art, Hu kien "*imtella* ***fis-sema***." (Mark 16:19).

L-art "*tgħaddi*" (Mattew 24:35); din tkun "*maħru-qa*" (2 Pietru 3:10); tkun imdewba (Salm 75:3; 2 Piet-ru 3:12). Għalhekk "*ma tibqax aktar*" (Rivelazzjoni 21:1; 20:11). L-espressjoni "*sema ġdida u art ġdida,*" mela, hija sempliċiment figura rettòrika **għas-sema nfisha**. Il-Bibbja hija mimlija b'dan ix-xorta ta' kliem, figura rettòrika. Ħafna jaqbdu u jaċċettaw tagħlim żbaljat mingħajr qatt ma huma jkunu taw każ jew stu-djaw dan il-kliem rettòriku. Din hija **idjoma Biblika**. L-istess kif meta aħna nużaw l-idjoma

Maltija meta ngħidu: "ried ħaġa bl-art u l-baħar," jiġifieri, jridha bil-fors, bil-mezzi kollha. Jew inkella, "xtaq l-art tibil-għu," li tfisser li wieħed staħa ħafna u ried li jinħeba dak il-ħin. Hekk ukoll "*sema ġdida u art ġdida*" hija **idjoma Biblika** li turi għas-smewwiet bħala li huma s-sema l-ġdida u l-art il-ġdida. L-għajnejn *fiżiċi* u *ma-terjali* ma jarawħx dan. Imma l-għajnejn *spiritwali* dan jarawh u jifhmuh sewwa.

**Salm 37:11,**

> "*Iżda l-ġwejdin jirtu l-art; u jitgħaxx-qu bi sliem kotran.*"

Din il-wegħda għandha x'taqsam primarjament għall-barkiet abbundanti ta' Alla li l-Lhud li kienu ġwejdin gawdew fid-dar tagħhom ta' l-art ta' Kagħnan. U dan huwa minnu wkoll li dawk id-dixxipli biss ta' Kristu li huma ġwejdin jistgħu "jirtu l-art," biex igawdu l-bar-kiet abbundanti ta' Alla f'din il-ħajja. Il-Kristjani tass-ew jirċievu l-barkiet kollha ta' Alla. L-appostlu Pawlu jgħidilna:

**1 Korintin 3:21-23,**

> "*Għalhekk ħadd ma għandu jitfaħar bil-bnedmin; għax* ***kollox hu tagħ-kom****, sew jekk Pawlu, sew jekk Apol-lo, sew jekk Kefa, sew jekk id-dinja, sew jekk il-ħajja, sew jekk il-mewt, sew jekk iż-żmien ta' issa, sew jekk li ġej:* ***kollox hu tagħkom****, u intom ta' Kristu, u Kristu ta' Alla.*"

Bla dubju, dawk il-ħwejjeġ kollha ta' din id-dinja li huma ta' siwi huma l-possessjoni tal-ġwejdin. Huma ħafna dawk li finanzjarjament ma jonqoshom xejn imma kuntentizza m'għandhomx, sa xi wħud minnhom jaslu biex ineħħu ħajjithom. Imma dawk li huma gwejdin, jiġifieri ta' qalb u mġieba tajba, dawn ikollhom il-kuntentizza tad-dinja kollha! F'dan is-sens li Ġesù qal li l-ġwejdin jirtu l-art.

Iżda għalkemm l-Ispirtu s-Santu interpreta għalina dik **l-idjoma**, xorta waħda l-premillenjalisti u dawk li jaqblu magħhom mhumiex lesti li jaċċettaw l-interpretazzjoni Tiegħu imma jkomplu jwebbsu rashom u jkomplu jaċċettaw it-tagħlim żbaljat ta' l-għalliema foloz, il-qaddejja ta' Satana! Lesti li jwarrbu l-Kelma ta' Alla u mhumiex lesti li jwarrbu t-tagħlim tal-bnedmin.

Ħalli nkomplu nħallu l-Kelma ta' Alla tfissrilna dwar "is-sema ġdida u l-art ġdida."

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**2 Pietru 3:13**,

> "*Madankollu aħna, skond il-wegħda tiegħu, nistennew smewwiet ġodda, u art ġdida, li fihom igħammar il-ħaqq.*"

**Rivelazzjoni 21:1,**

> "*U rajt sema ġdida u art ġdida: għax l-ewwel sema u l-ewwel art għabu; u ma baqax baħar iżjed.*"

Il-wegħda ta' sema ġdida u art ġdida ma tinsabx fit-Testment il-Ġdid biss imma tinsab ukoll fit-Test-

ment il-Qadim f'Isaija 65:17; 66: 22. Ġwanni kellu viżjoni tagħha li huwa jiddeskrivi f'Rivelazzjoni 21:1. "Is-sema u l-art" li għalihom jirreferi Pietru huma murija bħala "ġodda." Is-sema u l-art li Pietru jiddes-krivi hawn ikunu ġodda u mhux li jkunu qdiemu. Pie-tru jgħid li "*fihom jgħammar il-ħaqq.*" Dan għandu jkun ta' għajnuna għalina biex nifhmu aktar x'inhuma "s-sema ġdida u l-art ġdida." Fil-viżjoni tal-ġudizzju Ġwanni ra s-sema u l-art jaħarbu (Rivelazzjoni 20:11) għaliex ma kinux adattati bħala dar għall-mifdija. F'Rivelazzjoni 21:1 Ġwanni jara art ġdida addattata għall-ġisem tagħna meta jkun "*jixbaħ il-ġisem tal-glorja tiegħu*" (Filippin 3:21). L-appostlu Pawlu jgħid, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu:

**Filippin 3:19-21,**

> "*Li tmiemhom hu t-telfien, li żaqqhom hi alla tagħhom, u li l-glorja tagħhom hi fil-għajb tagħhom, u li moħħhom fil-ħwejjeġ* ***ta' l-art****.* ***__Għax__ iċ-ċittadinanza tagħna hi fis-sema; minn hemm*** *ukoll aħna nistennew is-Salvatur, lil Sidna Ġesù Kristu: li jbiddel il-ġisem ta' l-umiljazzjoni tagħna, biex ikun jixbah il-ġisem tal-glorja tiegħu, skond il-qawwa li biha jista' wkoll jissuġġetta kollox għalih innifsu.*"

Hawn l-Ispirtu s-Santu, permezz ta' l-appostlu Pawlu, għamel distinzjoni ċara bejn "il-ħwejjeġ ta' l-art u dawk tas-sema meta hu qal "GĦAX iċ-cittadinanza tagħna hi

FIS-SEMA" u mhux fuq l-art. Mela x'inhuma "s-sema ġdida u l-art ġdida"?

**Rivelazzjoni 21:1-2,**

> "*U rajt sema ġdida u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu; u ma kienx hemm iżjed baħar. U jien Ġwanni rajt il-belt qaddisa, Ġerusalem ġdida, nieżla mingħand Alla mis-sema, imħejjija qisha għarusa mżejna għal żewġha.*"

Ngħaddu minn kapitlu 20 fejn kapitlu 21 juri s-sema ġdida u l-art ġdida. Din mhijiex espressjoni ġdida. Kif diġà rajna, din tinsab fit-Testment il-Qadim u f'postijiet oħra fit-Testment il-Ġdid. Meta wieħed li jistudja l-Bibbja bil-għaqal ma jieqafx fuq passaġġ wieħed biss, iżda jfittex biex jara x'kienet tfisser l-istess espressjoni f'passaġġi oħra fil-Bibbja, dan ċertament li jkollu t-tifsira t-tajba. Induru għal Isaija 66:22-23 l-espressjoni hija applikata għall-kondizzjonijiet tal-poplu ta' Alla, Iżrael wara r-ritorn tagħhom minn Babel. Isaija jgħid hekk:

**Isaija 66:22-23,**

> "*Għax bħalma s-smewwiet ġodda, u l-art ġdida, li ser nagħmel, jibqgħu quddiemi, igħid il-Mulej, hekk jibqa' nisilkom u isimkom. U jiġri, minn qamar ġdid għal qamar ġdid, u minn Sibt għal Sibt, illi kull ħaj jiġi jqim quddiemi, igħid il-Mulej.*"

Wara li kienu meħlusa mill-jasar, meħuda lura lejn arthom, fis-"*sema ġdida u art ġdida*," tagħhom huma jerġgħu mill-ġdid "minn qamar ġdid għal qamar ġdid, u minn Sibt għal Sibt" jiġu "biex iqimu quddiemi, igħid il-Mulej." Għalhekk, f'Rivelazzjoni 20 il-ħelsien tal-knisja ippersegwitata mill-persekuturi tagħhom huwa mfisser bħala "s-sema ġdida u art ġdida." Jekk aħna nħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha m'għandu jkollna ebda diffikultà biex nifhmu sewwa t-tifsira ta' dawn is-siltiet. Jekk ħelsien mill-jasar fit-taqsima antika kien jista' jkun imsejjaħ "sema ġdida u art ġdida" għal Iżrael, ċertament vittorja fuq il-persekuturi tal-knisja fit-taqsima l-ġdida tista' tissejjaħ jew tkun irriferuta b'mod xieraq f'figura bħal din. U dik hija l-qawwa ta' l-espressjoni f'Rivelazz-joni 21. Imma meta din id-dinja antika tkun meqruda bin-nar, skond it-2 Pietru 3:13, ikun hemm "sema ġdida u art ġdida" għall-eternità kollha. Hemm il-kuntrast qie-għed bejn din l-isfera tad-dinja li tgħaddi u dik id-dinja eterna msejħa smewwiet. Imma s-sema l-ġdida u l-art il-ġdida, kemm jekk fit-Testment il-Qadim u kemm jekk fit-Testment il-Ġdid, **qatt ma tirreferi għal żmien mil-lenjali fuq l-art**. Ħalli aħna nkomplu nħallu lil l-Ispirtu s-Santu jinterpretalna dawn il-passaġġi mill-Kelma Tie-għu u mhux lil l-għalliema foloz biex b'hekk ikollna l-interpretazzjoni t-tajba.

Ġesù Kristu, wara l-qawmien Tiegħu, **mar fis-sema**. Dwar naqraw hekk fil-Bibbja Mqaddsa:

**Mark 16:19,**

> *"U hekk il-Mulej Ġesù, wara li kellim-hom, kien imtella' fis-sema u qagħad in-naħa tal-lemin ta' Alla."*

Ġesù wiegħed, bl-aktar mod ċar, u fi kliem li jista' jifhmu kulħadd, li fejn **Hu jkun, hemm aħna** nistgħu li nkunu **wkoll**. Ġesù jgħid hekk:

**Ġwanni 14:3,**

> *"U meta mmur u nhejjilkom post, ner-ġa' niġi biex* ***neħodkom*** *miegħi,* ***biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll****."*

*"Biex, fejn inkun jien,* ***tkunu intom ukoll****."* Hemm xi ħadd li jipprova jkun tant prużuntuż li jdawwar dan il-kliem hekk ċar tal-Mulej Innifsu? Fejn se jkun Ġesù fuq l-art jew **fis-smewwiet għal l-eternità**? Min għan-du l-kuraġġ li jgħid li se jkun fuq l-art għal l-eternità jew għal xi żmien? U dan hu meta aħna ngħidu li l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha. Fl-eternità, il-ġusti jabitaw "f'sema ġdida u art ġdida" li nerġa' ntenni, hi **idjoma Biblika** għas-sema nfisha. L-Ispirtu s-Santu jgħidilna hekk fi kliem ċar ħafna, permezz ta' l-app-ostlu Pawlu,

**Kolossin 1:5,**

> *"Minħabba fit-tama li hemm tistennie-kom* ***fis-smewwiet****..."*

U biex ikompli jiċċara aktar dan, l-Ispirtu s-Santu jerġa' jgħid bi kliem ċar ħafna wkoll, permezz ta' l-appostlu Pietru,

**1 Pietru 1:4-5,**

> "*U għal wirt li la* ***jitħassar****, la jittebba', u lanqas jinxef. Dan il-wirt hu merfugħ għalikom* ***fis-sema****.*"

Imbagħad l-Ispirtu s-Santu jkompli jgħidilna, bħala Kristjani, u bħala twissija għal dawk li jseħu lilhom infushom Kristjani, billi jibda bil-kelma "Jekk":

**Kolossin 3:1-3,**

> "***Jekk*** *intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ* ***tas-sema****, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin.* ***Aħsbu*** *fil-ħwejjeġ* ***tas-sema mhux f'dawk ta' l-art****. Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla. Meta jidher Kristu, li hu l-ħajja tagħkom, imbagħad intom ukoll tidhru* ***flimkien miegħu fil-glorja***"

Huma ħafna li jaħsbu li huma Kristjani imma ma jkunux għamlu dak li kien meħtieġ li jagħmlu biex isiru Kristjani skond l-Iskrittura Mqaddsa. "Imbagħad intom ukoll tidhru **flimkien miegħu fil-glorja**" jgħidilna Pawlu. Pawlu jgħid ukoll:

**2 Tessalonikin 2:14,**

> "*Għal dan Alla sejħilkom permezz ta' l-evanġelju tiegħi, biex ikollkom sehem* ***fil-glorja ta' Ġesù Kristu****.*"

Fejn Ġesù Kristu qiegħed *fil-glorja* Tiegħu, fuq l-art jew fis-sema? Ma' dawn għandna l-wegħda ta' Ġesù li "ħlasna hu kbir **fis-smewwiet**" (Matt. 5:12). Lest

xi ħadd igiddeb lil l-Ispirtu s-Santu u jgħid lit-tama tagħna mhix qed tistenniena **fis-smewwiet imma fuq l-art***?* Jew li mhux veru li l-wirt tagħna hu merfugħ għalina **fis-smewwiet imma fuq l-art***?* Jew li aħna se nidhru ma' Kristu mhux fejn Hu qiegħed **fil-glorja *imma fuq* l-art***?* Jew inkella li Ġesù qarraq bina meta qalilna li "ħlasna hu kbir **fis-smewwiet**" għaliex ħlasna se jkun **fuq l-art**? Min se jissogra jgiddeb lil l-Ispirtu s-Santu? Tassew li hemm ħafna għalliema foloz li qegħdin jagħmluh dan u ta' dan għad iridu jagħtu kont lil Alla ta' għemilhom! Huma dejjem jip-pruvaw jiddefendu t-tagħlim falz tagħhom minflok ma jiddefendu l-Kelma ta' Alla. Ir-riga tal-qies għali-hom huwa t-tagħlim tal-bnedmin u mhux il-Kelma ta' Alla. Minflok ma jqabblu t-tagħlim falz tagħhom mal-Kelma ta' Alla huma jqabblu l-Kelma ta' Alla mat-tagħlim falz tagħhom, ukoll jekk xi wħud minnhom ma jindunawx li qegħdin jagħmlu dan! It-tagħlim premillenjali tagħhom sar għalihom infallibbli! Huma ma jkunux iridu jaċċettaw l-iżball tagħhom għalkemm il-Kelma ta' Alla turi dan biċ-ċar! Tassew li Satana jqarraq bihom għaliex huma ma jieqfulux bil-Kelma ta' Alla (Ġakbu 4:7). Naqraw fil-Kelma ta' Alla,

**Ġakbu 3:1,**

> "*Ħuti, la ssirux ħafna minnkom għall-iema, għax tafu li* ***aħna li ngħallmu nkunu ġġudikati b'reqqa akbar****.*"

Din hija twissija serja ħafna. Immaġina li għalliem ikun qiegħed jgħallem tagħlim falz. Dan sejjer jkun

iġġudikat, mhux biss bir-reqqa, imma b'reqqa **akbar**. Kemm huwa importanti li nkunu ċerti li dak li qegħdin ngħallmu hu Skritturali u mhux skond it-tagħlim falz tal-bnedmin!

"Fejn inkun jien**, tkunu intom ukoll**" qalilna l-Mulej fi **Ġwanni 14:3.** Pawlu jgħidilna biex "infittxu l-ħwejjeġ tas-sema FEJN KRISTU QIEGĦED." Mela aħna nafu **biċ-ċert** li Kristu **qiegħed fis-sema** u li Hu qalilna li **fejn qiegħed Hu se nkunu aħna wkoll**! Nemmnuh dan aħna jew għad għandna xi dubju? Imbagħad, biex ikompli jiċċara aktar illi aħna, bħala Kristjani, sejrin ngħaddu l-eternità **fis-sema** u mhux fuq l-art, l-Ispirtu s-Santu, li kien jaf x'tagħlim falz kien se jkun mgħallem fis-sekli ta' wara, jgħidilna permezz ta' l-appostlu Pawlu:

**1 Tessalonikin 4:16-18,**

> "*Għaliex il-Mulej innifsu mal-kmand, mal-leħen ta' l-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-sema, u dawk li jkunu mietu fi Kristu jqumu l-ewwel. Imbagħad aħna li nkunu ħajjin, li nkunu għadna hawn, ninħatfu magħhom fl-ajru fis-sħab biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru.* ***Hekk inkunu dejjem mal-Mulej. Agħmlu l-qalb lil xulxin b'dan il-kliem.***"

Dan juri ċar biżżejjed kemm huwa falz it-tagħlim li l-art se tibqa' għal dejjem. "*Hekk inkunu* ***DEJJEM*** *mal-Mulej.*" Kif inkunu? Aħna nkunu għal dejjem mal-Mulej **FIS-SEMA**! "**Agħmlu l-qalb lil xulxin**

**b'dan il-kliem**" jgħidilna l-Ispirtu s-Santu u mhux bil-kliem tal-profeti u għalliema foloz moderni. Dan ukoll għandu jkun bħala tweġiba għal dak li naqraw f'Atti 1:10-11 fejn dawn il-versi huma versi favoriti ta' dawk li jgħallmu li Kristu se jerġa' jiġi fuq l-art. Malli xi ħadd jistaqsihom "fejn fl-Iskrittura nsibu li Kristu se jerġa' jiġi **fuq l-art,**" huma jkunu pronti jik-kwotaw dawn il-versi bħala prova għat-tagħlim falz tagħhom u minflok ma huma jħallu l-Ispirtu s-Santu jinterpreta dawn il-versi għalihom Hu, huma jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom, ukoll għalkemm jafu li dan ma jistgħux jagħmluh (2 Pietru 1:20-21), u jagħmluha bħala l-interpretazzjoni t-tajba. Hawn naqraw hekk:

**Atti 1:10-11,**

> "*Waqt li kienu b'għajnejhom fis-sema jħarsu lejh sejjer, f'daqqa waħda dehru ħdejhom żewġt irġiel libsin l-abjad, u qalulhom: 'Irġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesù, li kien meħud minn magħkom lejn is-sema, għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer.*"

Fejn jintqal hawn li Ġesù se jinżel **fuq l-art**? Imma meta aħna nħallu l-Ispirtu s-Santu jinterpreta Hu, im-bagħad ikollna t-tifsira eżatta. Din hi l-interpretazz-joni ta' l-Ispirtu s-Santu:

**Atti 1:9,**

> "*Wara dan, huma u jħarsu lejh, kien meħud 'il fuq,* ***u sħaba*** *ħaditulhom minn quddiem għajnejhom.*"

"**Sħaba** ħaditulhom….għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer." Aħna qrajna minn 1 Tessalonikin 4:16-18. Versi 16 u 17 jinterpretawlna dak li nsibu f'Atti 1:10-11.

**1 Tessalonikin 4:17-18,**

> *"Għaliex il-Mulej innifsu mal-kmand, mal-leħen ta' l-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-sema, u dawk li jkunu mietu fi Kristu jqumu l-ewwel. Imbagħad aħna li nkunu ħajjin, li nkunu għadna hawn, ninħatfu magħhom fl-ajru **fis-sħab** biex niltaqgħu mal-Mulej **fl-ajru**. **Hekk inkunu dejjem mal-Mulej**."*

Mela, meta l-Mulej jinżel mis-sema, aħna se niltaqgħu Miegħu, mhux fuq l-art, imma "**fl-ajru fis-sħab**" l-istess kif Hu kien meħud **fi sħaba** (Atti 1:9)! Din hija l-interpretazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, imma dik ta' l-għalliema foloz hija differenti għal kollox!

Imma hawn ukoll l-għalliema foloz jippruvaw jagħmlu distinzjoni arbitrarja dwar il-kliem Grieg tat-Testment il-Ġdid li jirriferi għar-ritorn ta' Kristu. Mhuwiex l-iskop ta' dan l-istudju li nidħol fid-dettall dwar dan il-kliem imma tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni għalihom ħalli, int, li qiegħed taqra dan, ma tkunx imqarraq b'dan it-tagħlim ukoll. Il-millenjalisti jargumentaw li *parousia*, "miġja" (1 Tessalonikin 4:15), tirreferi għar-"rapiment," li huma jgħidu huwa l-ewwel fażi tar-ritorn ta' Kristu, waqt li *epiphany*, "dehra" (Titu 2:13; u oħrajn) u *apocalypse*, "rivelazzjoni" (ikun irrivelat) (2 Tessalonikin 1:7; u oħrajn),

tirreferi għall-miġja Tiegħu "*mal*" qaddisin Tiegħu wara s-seba' snin. Imma dawn huma tliet kelmiet li jfissru *l-istess ħaġa* u huma wżati fl-istess mod bħal meta aħna nirriferu għall-"Kalvarju," "is-salib," "is-sagrifiċċju Tiegħu," "Hu xerred demmu," eċċ. Meta aħna nużaw dawn it-termini differenti ma nkunux qegħdin infissru jew inkunu qegħdin nissuġġerixxu li kien hemm mewtiet differenti ta' Ġesù. Lanqas ma jista' wieħed jassumi li termini differenti applikati dwar il-miġja ta' Kristu juru li hemm involuti miġjiet differenti. Il-fatt huwa li dawn it-tliet termini huma wżati biex juru *l-istess ġrajja* u **qatt** ma jissuġġerixxu li Ġesù se jiġi darbtejn. Il-Millenjalisti jgħallmu li l-ewwel darba t-tajbin jiltaqgħu ma' Ġesù fl-ajru, fejn fit-tieni darba Hu jinżel fuq l-art. Imma, kif diġa rajna, **imkien** fl-Iskrittura kollha ma jintqal li Ġesù xi darba se jerġa' jmiss l-art! Dan hu tagħlim li jagħmel lil l-Ispirtu s-Santu jikkontradixxi Lilu nnifsu għaliex l-Ispirtu s-Santu jgħidilna ċar dwar Ġesù li:
**Lhud 9:12,**

> "***Hu daħal darba għal dejjem*** *fis-sant-warju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess,* ***u hekk kiseb fidwa għal dejjem****.*"

Jekk kiseb "fidwa għal dejjem" x'ikun l-iskop li jerġa jinżel fuq l-art għal elf sena? U li "daħal darba għal dejjem" ma tkun tfisser xejn, għaliex Hu se jerġa' joħroġ għal elf sena! Imma, billi l-Ispirtu s-Santu kien wissa dwar dawn l-għalliema foloz, u kien jaf li

se jgħallmu dan it-tagħlim falz dwar il-miġja ta' Kristu, Hu qal permezz ta' l-appostlu Pawlu,

**Lhud 9:27-28,**

> "*U kif hu miktub għall-bnedmin li għa-ndhom imutu* ***darba biss****, u wara dan isir il-ġudizzju***, hekk ukoll Kristu***, wara li offra lilu nnifsu* ***darba biss*** *biex jitgħabba bid-dnubiet ta' kulħadd, għad jerġa' jidher* ***it-tieni darba****, mhux biex ineħħi d-dnubiet, imma biex isal-va lil dawk li qegħdin jistennewh bil-ħerqa.*"

Skond dan il-kliem ispirat Ġesù se jerġa' jidher **darb' oħra biss** u mhux aktar. Qiegħed tara kemm il-mille-njalisti qegħdin jgħallmu tagħlim falz? Naqraw ukoll:

**Lhud 9:24-28.**

> "*Għax Kristu ma daħalx f'santwarju magħmul b'idejn il-bnedmin, li hu biss xbieha tas-santwarju veru, imma daħal* ***fis-sema stess****, biex issa jidher għalina quddiem Alla.* ***U daħal hemm*** *mhux biex minn żmien għal żmien joffri lilu nnifsu bħalma l-qassis il-kbir jidħol kull sena fis-santwarju biex joffri demm ħaddieħor. Li kieku kien hekk, kien ikollu jbati ħafna drabi sa mill-ħo-lqien tad-dinja.* ***Iżda issa deher darba għal dejjem****, meta waslet il-milja taż-żminijiet, biex ineħħi d-dnub bis-sagri-fiċċju tiegħu nnifsu. U*

> *kif hu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu* ***dar-ba biss, u wara dan isir il-ġudizzju, hekk ukoll*** *Kristu, wara li offra lilu nnifsu* ***darba biss*** *biex jitgħabba bid-dnubiet ta' kulħadd, għad jerġa' jiġi* ***darb'oħra, mhux biex ineħħi d-dnu-biet****, imma biex isalva lil dawk li qegħ-din jistennewh bil-ħerqa.*"

Nerġa' ntenni li l-wegħda tal-Mulej għalina hija din:

> "*Ifirħu u thennew, Għax ħlaskomn kbir* ***fis-smewwiet****…*" (Mattew 5:12).

Il-ħlas tal-Kristjan hu FIS-SMEWWIET u mhux fuq l-art! Aħna nemmnu lill-Mulej u mhux lill-għalliema u l-profeti foloz! Ħaġa ta' l-iskantament hija, kif xi wħud jiddubitaw lill-Mulej u jaċċettaw it-tagħlim tal-bnedmin bla ebda dubju ta' xejn! Jista' l-Mulej juża kliem aktar ċar minn hekk?

Ġesù kellu f'moħħu d-dar tas-sema meta qal,

**Ġwanni 14:2,**

> "*Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna post-ijiet: li ma kienx hekk, kont ngħidil-kom. Sejjer inhejjilkom fejn toqgħo-du.*"

Il-kelma "dar" tfisser hawn aktar minn sempliċiment post fejn wieħed jgħammar fih. Din turi wkoll stat ta' eżistenza li huwa muri bħala dar. Dan juri l-kondizz-joni ta' l-eżistenza fid-dar tagħna **tas-sema**. L-istat

ta' eżistenza tad-dar tas-sema ikun dak ta' perfezzjoni. Lhud 12:23 juri lil dawk li "*isimhom hu miktub fis-sema*" bħala "l-erwieħ ta' nies tajba u perfetti." Din il-perfezzjoni tkun għaliex ma jkunx hemm ebda dnub hemm. Xejn ma jidħol li ma jkunx safi. Ġwanni jgħidilna:

**Rivelazzjoni 21:27; 22:14-15,**

> "*Imma ma tidħol fiha ebda ħaġa mniġġsa, ħadd li jagħmel ħwejjeġ mistkerrha, ebda ħaġa b'oħra ma tidħol, imma biss dawk li tniżżlu fil-ktieb tal-ħajja tal-Ħaruf…Hienja dawk li jaħslu lbieshom, sabiex ikollhom is-setgħa fuq is-siġra tal-ħajja u* ***jidħlu fil-belt*** *mill-bibien. Jibqgħu* ***barra*** *l-klieb u s-saħħarin, iż-żienja u l-qattiela, l-idolatri u dawk kollha li jħobbu l-qerq u jagħmluh!*"

Hawn għandna żewġ postijiet u żewġ klassijiet ta' nies: Dawk li jidħlu fil-belt u dawk li jibqgħu barra. Ma hemm **tliet** klassijiet ta' nies, dawk *tajba ta' ġewwa*, dawk *tajba ta' barra*, u dawk ħżiena *ta' barra*! Hemm *biss tnejn*. Aħna nafu li l-belt hija **s-sema** u mhux **l-art** għaliex dan jgħidulna l-Ispirtu s-Santu! Dwar din id-dar li qal li kien se jippreparalna, Ġesù qal,

**Ġwanni 14:2,**

> "***Li ma kienx hekk, kont ngħidilkom.***"

"*Li ma kienx hekk*" jiġiferi, li kieku kien kif jgħidu l-premillenjalisti, jiġiferi li aħna nibqgħu ngħixu fuq l-art, u mhux li l-wirt tagħna hu "fis-sema" (1 Pietru 1: 4) Hu kien jgħidilna. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna per-mezz ta' l-appostlu Pawlu:

**2 Korintin 4:16-18,**

> "*Għalhekk ma naqtgħux qalbna, għax imqar jekk il-bniedem ta' barra jitħas-sar, il-bniedem ta' ġewwa jiġġedded minn jum għal jum. Id-daqxejn ta' tba-tija ta' issa thejjilna kobor ta' glorja bla qjies għal dejjem;* ***lilna li ma nħarsux lejn il-ħwejjeġ li jidhru, iżda lejn dawk li ma jidhrux. Dawk li jidhru huma għal żmien qasir, dawk li ma jidhrux huma għal dejjem****.*"

X'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar il-fidi tagħna u l-ħwejjeġ li ma jidhrux?

**Lhud 11:1,**

> "*Issa l-fidi hi l-pedament tal-ħwejjeġ li nittamaw fihom,* ***prova tal-ħwejjeġ li ma jidhrux****.*"

Il-fidi tagħna hija **prova** tal-ħwejjeġ **li ma jidhrux** u mhux tal-ħwejjeġ li jidhru, dawk materjali! Dik hija l-fidi tal-premillenjalisti! L-appostlu Pawlu jgħid ukoll,

**2 Korintin 5:1-10,**

“***Aħna nafu*** *li jekk din it-tinda ta' l-għamara tagħna* ***fl-art*** *tiġġarraf, aħna għandna dar oħra, maħduma mhux bl'idejn, imma xogħol ta' Alla,* ***għal dejjem <u>fis-sema</u>****. Aħna f'din nitniehdu, imxennqa li nilbsu fuq din l-għamara tal-ġisem l-għamara l-oħra* ***<u>tas-sema</u>****. Għax jekk nilbsu din ma ninstabux għarwenin. Aħna, li qegħdin f'din it-tinda, nitniehdu, mgħobbija kif aħna; għalhekk ma rridux ninżgħu, iżda nil-bsu oħra minn fuq biex il-ġisem li jmut jinxtorob mill-ħajja. Alla stess sawwar-na għal dan, hu li tana r-rahan ta' l-Ispirtu. Aħna dejjem qalbna qawwija u nafu li sakemm indumu mlibbnsa b'dan il-ġisem, nibqgħu 'l bogħod mill-Mulej; aħna ngħixu* ***bil-fidi u mhux bil-viżjoni****…Aħna qalbna qaw-wija u persważi li aħjar noħorġu minn dan il-ġisem* ***u mmorru noqogħdu <u>għand</u> il-Mulej****. Għalhekk fuq kollox aħna nfittxu li nogħġbu lilu, sew jekk nibqgħu hawn, sew jekk noħorġu minn dan il-ġisem. Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem.*”

L-istqarrija tal-ftuħ, **aħna nafu**, tindika li aħna għad ikollna dar eterna **fis-sema jekk id-dar tagħna ta' l-art tispiċċa**. Il-ġisem ta' l-art huwa ikkuntemplat bħala struttura ta' l-art jew għamara jew tinda u dan jispiċċa fil-mewt. Din il-ħajja ta' fuq l-art hija biss pellegrinaġġ. F'kuntrast ma' dan il-ġisem materjali **aħna nafu** li għad ikollna dar fejn ngħammru fiha **għal dejjem**. "*U hekk inkunu* ***dejjem mal-Mulej***" (1 Tessalonikin 4:17b). **Dar maħduma mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, FIS-SEMA, u għal dejjem**. Aħna hekk nemmnu, li wara li mmutu, it-tama tagħna hija li niksbu l-ħlas tagħna FIS-**SEMA** kif wiegħed il-Mulej tagħna! (Mattew 5:12) u mhux kif jgħallmu l-għalliema foloz moderni. Ukoll fl-Lhud 10:34-36 għandna l-istess ħsieb fejn naqraw,

**Lhud 10:34-36,**

> "*Għax intom kellkom ħniena minni meta kont marbut fil-ktajjen, u lqajtu bil-ferħa s-serq ta' ġidkom, billi tafu fi-kom infuskom* ***li għandkom <u>fis-sema</u>*** *ġid* ***aħjar u li jibqa'. La tarmux mela <u>l-fiduċja</u> tagħkom, li għandha <u>ħlas kbir</u>***. *Għax intom taħtieġu s-sabar, biex wara li tkunu għamiltu r-rieda t'Alla,* ***taqilgħu l-wegħda***."

Il-ġid aħjar tagħna mhuwiex *fuq l-art imma fis-sema* u li jibqa' għaliex dan huwa "dar maħduma mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, *fis-sema u għal dejjem.*" Għaliex *ma narmux il-fiduċja tagħna*? Għaliex "**għandha ħlas kbir**." U x'inhu dan il-ħlas kbir? Huwa li

**naqilgħu l-wegħda**, jiġifieri, dak li wiegħed il-Mulej meta qal:

**Mattew 5:12,**

> "*Ifirħu u thennew, **<u>għax ħlaskom kbir fis-smewwiet</u>**.*"

Sfortunatament, il-permillenjalisti qegħdin "jarmuha" dik il-fiduċja għaliex huma qegħdin iħallu lil Satana jqarraq bihom u jridu li jibqgħu fuq l-art u magħhom qegħdin ukoll ikaxkru ħafna erwieħ oħra għat-telfien ta' dejjem bit-tagħlim falz tagħhom. Kif diġà kkwotajt aktar qabel, ara x'jgħidilna l-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostlu Pietru:

**1 Pietru 1:4,**

> "*Għal wirt li ma **jitħassarx**, ma jittebbax, u ma jgħibx, **merfugħ FIS-SEMA għalikom**.*"

L-Ispirtu s-Santu jgħidilna, permezz ta' l-appostlu Pawlu li hemm "**tama waħda**" biss (Efesin 4:4). Imma jħallinix fid-dlam ħalli ma nkunux nistgħu nafu fejn tinsab din it-tama. Xi nies qegħdin jiġu ngannati billi jintqal lilhom illi huma sejrin jibqgħu fuq l-art b'hekk it-tama tagħhom hija għal fuq l-art. Imma l-Ispirtu s-Santu jgħidilna wkoll *fejn hija* din it-tama tagħna, jekk hijiex fuq l-art jew jekk hijiex fis-sema?

**Kolossin 1:5**,

> "*Għax it-tama li hi **merfugħa** għalikom **FIS-SMEWWIET, li biha intom smajtu qabel <u>fil-kelma tal-verità</u> ta' l-evanġelju**.*"

Qiegħed tara kemm ikun faċli li tifhem il-Kelma ta' Alla meta tħalliha tinterpreta lilha nfisha u ma tħallix it-tagħlim falz tal-bnedmin jingannak? Dan ifakkarni f'dak li naqraw f'Mattew 15:4-5 fejn Ġesù għamel distinzjoni bejn dak li jgħidu l-għalliema foloz u dak li jgħid Alla, meta qal:

> "*Għax **Alla qal**,…Imma **intom tgħidu**…*"

Fejn hija t-tama tiegħek, li tibqa' tgħix fuq l-art, jew li tgħix **għal dejjem fis-Smewwiet mal-Mulej**? Alla jgħid lit-tama tagħna hija **fis-Smewwiet**, imma l-għalliema foloz jgħidu lit-tama tagħna **hija fuq l-art**! Għażel int lil min se temmen! Jekk jiena nagħżel lit-tama tiegħi hija fuq l-art, allura "l-verità ta' Alla nkun qiegħed inbiddilha f'gidba" (Rumani 1:25) u b'hekk inkun qiegħed **ingiddeb** lil Alla!

Ħadd ma jiddubità r-realtà tad-dar materjali tiegħu ta' l-art. Dawk li jemmnu f'Alla u fi Kristu, li tassew jimxu bil-fidi, ma jiddubitaw bl-ebda mod ir-realtà tad-dar spiritwali tagħhom **fis-sema**. Dak li l-Mulej jgħid dwar id-dar tagħna **fis-sema** huwa tassew daqs dak kollu li Hu jgħid dwar ħwejjeġ oħra. Il-ħwejjeġ kollha ta' din l-art għandhom jispiċċaw, jiġu fit-tmiem. Imma ċ-ċirku tal-familja **tas-sema** qatt ma jkun imkisser minn xi xorta ta' separazzjoni. Ġwanni jgħidilna:

**Rivelazzjoni 3:12**,

> "*Ir-rebbieħ nagħmlu kolonna fit-tempju ta' Alla tiegħi, minn fejn **qatt iżjed ma joħroġ**…*"

It-tempju ta’ Alla jinsab **FIS-SEMA**, u dan qiegħed jgħidu l-Ispirtu s-Santu, u mhux fuq l-art. Ejja, kif dejjem għamilna, inħallu lil l-Ispirtu s-Santu jgħidilna fejn qiegħed it-tempju ta’ Alla u mhux lill-bnedmin, u naraw skond l-Iskrittura Mqaddsa jekk jinsabx fis-sema jew inkella jinsabx jew għandux ikun fuq l-art meta Kristu jerġa’ jiġi fit-Tieni Miġja Tiegħu, kif qegħdin jgħallmu l-premillenjalisti. Qabel taqra l-vers li sejjer nikkwota nitolbok biex twarrab it-tagħlim kollu tal-bnedmin minn moħħok u aċċetta biss dak li se jgħidlek dan il-vers ispirat:

**Rivelazzjoni 11:19,**

> “*U nfetaħ it-tempju ta’ Alla **li hemm fis-sema**.*”

“**LI HEMM FIS-SEMA**.” Mela dan juri ċar fejn il-Kristjani se jkunu **għal dejjem**. Ġesù qal: “Sejjer in-hejjilkom fejn toqgħodu” u “nerġa niġi **biex neħod-kom miegħi**” (Ġwanni 14:2, 3). Ġesù mhuwiex **reġa’ ġej biex jippreparah** dan il-post. Hu mar biex jipp-repara post għalina, **fis-sema** u mhux fuq l-art! Meta jerġa’ jiġi **l-post ikunu ippreparat** għaliex hekk qal Ġesù. Kif diġa kkwotajt qabel, l-appostlu Pietru jgħid:

**1 Pietru 1:4-5,**

> “*U għal wirt, li la jitħassar, la jittebba’, u lanqas jinxef. Dan il-wirt hu merfugħ għalikom **FIS-SEMA**.*”

L-appostlu Pawlu wera dan b’mod l-aktar ċar meta qal,

**Filippin 1:21-24,**

> *"Għax għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt, hi rebħ. Jekk għandi nibqa' ħaj fil-ġisem, dan ifisser li għandi nagħti l-frott tax-xogħol tiegħi. X'naqbad nagħ-mel ma nafx; ninsab bejn ħaltejn. Min-naħa l-waħda, nixtieq nintemm* ***u nkun ma' Kristu****, li jkun ħafna aħjar għalija, min-naħa l-oħra, jekk nibqa' ngħix fil-ġisem, ikun ħafna aħjar għalikom."*

Pawlu hawn juri ċar ħafna li ma kellu ebda tama li xi darba se jibqa' jgħix fuq l-art. It-tama tiegħu wara li jintemm kienet li **jkun ma' Kristu fis-sema**! Nerġa' ngħid, ma hemm ebda xhieda li Ġesù Kristu qatt se jerġa' jirfes fuq l-art. **Is-sema** hija t-tama tagħna (Mattew 6:19-21). Għalhekk tħallux 'il min iqarraq bikom b'ebda mod jgħidilkom l-Ispirtu s-Santu (2 Tessalonikin 2:3; Efesin 5:6)!

Meta Ġesù kien mistoqsi dwar il-qawmien mill-imwiet, xi Sadduċej ippruvaw jonsbuh billi għamlulu mistoqsija fejn qalulu:

**Mattew 22:23-30,**

> *"Mgħallem, Mosè qal, 'Jekk wieħed imut u ma jħallix tfal, l-armla tiegħu jkollu jiżżewwiġha ħuh, biex dan inissel ulied għal ħuh.' Kellna fostna sebat aħwa; il-kbir iżżewweġ, u miet bla tfal; għalhekk ħalla l-armla tiegħu għal ħuh. It-tieni wieħed ġralu l-istess, u t-tielet*

*ukoll, u hekk sas-seba' wieħed. Fl-aħħar, wara kulħadd, mietet il-mara. Issa din, fil-qawmien ta' l-imwiet, mart min minnhom is-sebgħa tkun? Għax ilkoll kienu ħaduha. Weġibhom Ġesù: "**Kemm sejrin żball, għax la tafu l-Iskrittura u lanqas il-qawwa ta' Alla**! Għax fil-qawmien ta' l-imwiet in-nies la jżewġu u lanqas jiżżewġu, imma jkunu bħal l-anġli ta' Alla **FIS-SEMA**."*

Illum ninsabu fl-istess sitwazzjoni li dwarha għadna kif qrajna fejn ħafna għalliema foloz "la jafu l-Iskrittura u laqnas il-qawwa ta' Alla." Li kieku huma tassew kienu jafu l-Iskrittura ma kinux jgħallmu dak it-tagħlim falz tagħhom! Minn fomm il-Mulej Innifsu aħna għandna prova li wara l-qawmien, aħna mhux fuq l-art se nkunu imma **fis-sema** fejn qegħdin ukoll l-anġli. Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn dan? Imma biex il-kliem ikun ċar biżżejjed biex żgur li ma jkunx hemm xi ħadd u jipprova jdawwru, jew jagħtih xi interpretazzjoni ħażina, Ġesù ma qalx "bħal l-anġli ta' Alla **<u>tas</u>**-sema" imma qal "bħal l-anġli ta' Alla **<u>fis</u>**-sema." U dan juri b'mod l-aktar ċar kemm hu falz it-tagħlim li l-art se tibqa' u fuqha jkomplu jgħammru n-nies! Dan juri ċar lit-tajbin se jkunu għal dejjem bħal l-anġli ta' Alla **FIS-SEMA**. Temmnu dan int jew temmen t-tagħlim falz tal-bnedmin?

F'dawn l-Iskritturi kollha u oħrajn bħalhom, il-Mulej biegħed il-qlub tagħna 'l bogħod mid-dinja. Aħna nemmnu dawn il-wegħdiet u l-imħuħ tagħna jaħsbu fi ħwejjeġ **ta' fuq**, it-teżori tagħna u ċ-ċittadi-

nanza tagħna huma **FIS-SEMA**, u aħna nistennew **biex immorru hemm**. F'dik id-dar **tas-sema**, il-mifdija jkollhom dak kollu li jkunu jeħtieġu. Il-Mulej tagħna jgħidilna,

**Rivelazzjoni 7:16,**

> "*Ma jbatux aktar ġuħ, anqas għatx ma jagħmel bihom aktar; ix-xemx ma taħkimhomx, anqas ebda għomma.*"

Meta Ġesù jgħidilna dwar "ħafna postijiet" jinsabu fid-dar ta' Missieru (Ġwanni 14: 2), Hu jimplika li jkun hemm wisa' biżżejjed għal dawk kollha li jkunu parti mill-familja ta' Alla. Kull min jaċċetta lil Kristu bħala s-Salvatur tiegħu u jimxi Miegħu f'din il-ħajja jista' jkun jaf fiż-żgur li jkun hemm wisa' biżżejjed għalih f'dak il-post fejn l-ulied mifdija ta' Alla għandhom jgħammru għal l-eternità.

Meta wieħed jaqra f'Rivelazzjoni, dan għandu jsib tagħrif dwar dan. F'Rivelazzjoni naqraw dwar il-belt il-qaddisa, Ġerusalem, li hija l-Knisja (Galatin 4:24-26), dwar it-tron ta' Alla, dwar it-Tempju ta' Alla, u dwar il-mifdija ta' Alla. Fejn dawn kollha jinsabu? Fuq l-art jew fis-**Sema**? L-Ispirtu s-Santu jgħidilna b'mod l-aktar ċar fejn jinsabu dawn:

**Rivelazzjoni 21:2, 10,**

> "*U l-Belt il-qaddisa, Ġerusalem il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha….U ħadni fl-ispirtu fuq muntanja kbira għolja, u wrieni*

*l-belt il-qaddisa, Ġerusalem, nieżla mis-sema mingħand Alla.*"

Il-"Ġerusalem il-ġdida" nieżla mis-sema, hija deskrizzjoni ta' l-inżul trijonfali tal-knisja fil-kobor tal-glorja tagħha, imżejna b'ilbies tal-vittorja. Il-viżjoni kollha hija tal-knisja vittorjuża u trijonfali li rebħet il-kuruni tal-ħajja permezz tat-tbatija, u issa fil-ġmiel ta' għarusa mżejna fl-ilbies ileqq tagħha, hija tieqaf fil-ġmiel ta' l-għarusa tal-Mulej. Hawn Ġwanni qiegħed juża l-metafori biex juri l-kobor immens ta' l-għarusa vittorjuża ta' Kristu, il-mara tal-Ħaruf ta' Alla. Għal-hekk, mix-xeni ta' persekuzzjoni, tbatija u niket, it-tixbiha ta' Ġwanni tisplodi għall-viżjonijiet li jgħaxxqu ta' trijonf u vittorja!

Tajjeb hawn li wieħed jinnota li l-knisja u s-smewwiet huma żewġ komponenti ta' l-istess realtà. Per eżempju, it-tnejn huma msejħa "is-saltna." It-terminu "saltna" huwa wżat biex jirreferi għal dak il-qasam li fuqu Alla jaħkem. Fiż-żmien preżenti, l-espressjoni tad-dinja ta' dan hija msejħa l-knisja (Mattew 16:18, 19), waqt li l-aspett tas-sema huwa sempliċiment imsejjaħ semwwiet (Mattew 6:9, 10, 20). B'hekk il-kittieba tat-Testment il-Ġdid jistgħu jirriferu bħala li *qegħdin* fis-saltna (fi kliem ieħor, il-knisja: ara Kolossin 1:13; Lhud 12:28; Rivelazzjoni 1:6, 9; 5:10), waqt li fl-istess ħin huma ħarsu 'l quddiem lejn li f'xi jum *jidħlu* fis-saltna (jiġifieri, fis-Smewwiet; ara Atti 14:22; 2 Timotju 4:18; Ġakbu 2:5; 2 Pietru 1:11). F'dawn il-kapitli ta' Rivelazzjoni, jiġiferi, kapitli 21:1 sa 22:5 xi kultant ikun diffiċli biex tagħraf bejn *in-nies* (il-

knisja) u *l-post* (is-smewwiet) tant kemm huma qrib ta' xulxin.

Mela, din hija wkoll belt, il-belt il-qaddisa, Ġerusalem. Imma din il-belt fejn se tkun, fuq l-art jew fissema? Ġwanni ra lil din il-belt "nieżla mis-sema." Ifisser dan li din niżelt fuq l-art? Ma ninsewx li Ġwanni kien qiegħed jara viżjoni u mhux realtà. (Xi premillenjalisti jinterpretaw "Ġerusalem il-ġdida" ta' Rivelazzjoni 21 u 22 bħala li hija l-belt irrinovata tal-Palestina ta' l-art fi preparazzjoni għall-ħakma immaġinattiva tagħhom ta' elf sena ta' Kristu fuq l-art. Imma ara kemm hu sempliċi biex iġġib fix-xejn dak it-tagħlim falz. Jekk "Ġerusalem" għandha tkun meħuda *letterali*, kif isostnu l-premillenjalisti, allura hekk ukoll għandhom ikunu meħuda l-qisien tagħha f'kap-itlu 21:16. Il-Palestina, iżda, hija biss madwar 240 kilometru b'112 kilometru; ma hemm ebda lok fiha għall-belt ta' 2,400 kilometru kwadru! Il-Kelma ta' Alla kull darba li xi ħadd jipprova jbabas fiha tikxfu u toħorġu ta' giddieb u turih bħala li hu profeta u għal-liem falz!

Il-fatt li "Ġerusalem il-ġdida" hija murija bħala nie-żla mis-sema mingħand Alla huwa simboliżmu. "Il-Ġerusalem il-ġdida" ma tinżilx letteralment missema għal fuq l-art. Din ma tistax tinżel għal fuq l-art mate-rjali l-antika, għaliex dik l-art tkun spiċċat (Rivel-azzjoni 20:11). L-iskop tal-kliem "nieżla missema" mhuwiex biex jindika direzzjoni jew destinazzjoni, imma *oriġini divina*. Il-barka eterna mhijiex kisba tal-bniedem imma don minn Alla.

Imma jekk aħna nħallu l-Kelma ta' Alla tinterpretalna fejn se tkun din il-belt allura m'għandu jkun hemm ebda problema dwar dan.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

(1) Din il-belt hija kollha ħaġar prezzjuż (21:18-21). (2) Din il-belt qaddisa hija l-Għarusa, Mart il-Ħaruf (21:9). (3) Il-Belt il-Qaddisa għandha dija, bħal glorja ta' Alla u l-musbieħ tagħha l-Ħaruf (21:11, 23; 22:5). (4) Ma hemm ebda santwarju f'din il-belt għax is-santwarju huwa l-Mulej Alla li Jista' Kollox u l-Ħaruf (21:22). (5) Il-Ġerusalem il-ġdida għandha ħajt, kbir u għoli, ta' mija u erbgħa u erbgħin driegħ b'qies ta' bniedem jew ta' anġlu (21:12, 17, 18). (6) Il-Belt, il-qisien tagħha huma kubu perfett, tnax-il elf stadju (21:16). Ċertament li dawn il-qisien huma figurattivi u mhux letterali! (7) Il-ħajt għandu tnax-il pedament (21:14, 19-20). (8) Il-belt għandha wkoll tnax-il bieb (21:12, 13, 21, 25, 27; 22:14-15). (9) Ukoll din il-belt għandha pjazza tad-deheb fin, tleqq qisha ħġieġ (21: 21). (10) Il-belt għandha xmara ta' ilma tal-ħajja, ċara daqs il-kristall, tgelgel mit-tron ta' Alla u tal-Ħaruf (22:1). (11) Bejn ix-xmara u l-pjazza hemm ġenna, ġnien, is-siġra tal-ħajja (22:1-3). (12) F'din il-belt hemm it-Tron ta' Alla u tal-Ħaruf (22:3-4). (13) Min huma dawk li hemm f'din il-belt? (ara 21:7, 12, 24, 27; 22:3, 44).

Iċ-ċittadini huma dawk ir-rebbieħa; il-veru Iżrael ta' Alla (Rumani 2:28-29; 9:6-8; Galatin 3:7, 26-27; 6:16; Filippin 3:3); il-maħturin minn kull nazzjon (Rivelazzjoni 7:9-12), dawk li isimhom hu miktub fil-

ktieb tal-ħajja (Rivelazzjoni 3: 5); dawk li jagħtuh qima; il-kotra issiġilata (Rivelazzjoni 14:1). Imma fejn jinsabu dawn kollha, fuq l-art jew fis-sema? Ħalli naraw fejn jgħidilna l-Ispirtu s-santu li dawn jinsabu? Naqraw dwar it-tron ta' Alla u tal-Ħaruf:

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Rivelazzjoni 4:2,**

> "*U minnufih dħalt fl-ispirtu: u, ara, tron twaqqaf* ***fis-sema****, u wieħed qagħad fuq it-tron.*"

Ukoll jissemma t-tron u l-post li jinsab fih:

**Rivelazzjoni 22:1-5**

> "*Imbagħad l-anġlu wrieni x-xmara ta' l-ilma tal-ħajja, ċara daqs il-kristall, tgelgel* ***mit-tron*** *ta' Alla u tal-Ħaruf.* ***F'nofs il-belt****, fuq naħa u oħra tax-xmara, hemm siġra tal-ħajja tagħmel frott ta' tnax-il xorta, trodd il-frott tagħha darba fix-xahar; il-weraq tas-siġra huma duwa tajba għall-ġnus. Ebda saħ-ta ma jkun hemm iżjed.* ***Fiha jkollha t-tron*** *ta' Alla u tal-Ħaruf, u l-qaddejja tiegħu jaqduh, jaraw wiċċu, u jkoll-hom ismu fuq ġbinhom. Lejl ma jkunx hemm iżjed, u ma jkunx jaħtieġu dawl ta' musbieħ u dawl tax-xemx, għax il-Mulej Alla jkun jiddi fuqhom, u huma* ***jsaltnu għal dejjem ta' dejjem****.*"

Dwar in-numru simboliku tal-mifdija kollha fejn ukoll jippreżentahom bħala folla kbira naqraw hekk:

**Rivelazzjoni 7: 4, 9, 11, 15-17,**

> *"Imbagħad smajt x'kien il-għadd ta' l-issiġillati:* ***mija u erbgħa u erbgħin elf*** *issiġillati, minn kull tribù ta' wlied Iżrael…Wara dan ħarist, u ara, kien hemm* ***kotra kbira*** *li ħadd ma jista' jgħoddha, minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien, weqfin* ***quddiem it-tron u quddiem il-Ħaruf****,…L-anġli kollha kienu qegħdin madwar it-tron u madwar ix-xjuħ u l-erba' ħlejjaq ħajjin, u waqgħu wiċċhom fl-art* ***quddiem it-tron*** *jagħtu qima lil Alla…Għalhekk jinsabu* ***quddiem it-tron*** *ta' Alla, lejl u nhar jaqduh* ***fit-tempju*** *tiegħu; u dak li qiegħed* ***fuq it-tron*** *jeħodhom igħam-mru taħt il-kenn tiegħu. Ma jbatux ak-tar ġuħ, anqas għatx ma jagħmel bihom aktar; ix-xemx ma taħkimhomx, anqas ebda għomma, ladarba l-Ħaruf, li hemm* ***f'nofs it-tron****, ikun ir-ragħaj ta-għhom; u hu jwassalhom ħdejn ilmijiet ta' l-għejun tal-ħajja. U Alla jixxottal-hom kull demgħa minn għajnejhom."*

F'Rivelazzjoni 14:3-5 nerġgħu naqraw dwar il-mifdi-ja kollha li qegħdin "jgħannu għanja **quddiem it-**

**tron**…" li jindika li huma *kienu fil-preżenza ta' Alla u tal-Ħaruf*.

Mela minn dan kollu li aħna rajna sirna nafu lit-tron *jinsab fis-sema* (Rivelazzjoni 4:2). Rajna wkoll lit-tron qiegħed *fit-tempju* (Rivelazzjoni 7:15-17). Imma t-tempju qiegħed ukoll *fis-sema* u mhux fl-art, għaliex naqraw f'Rivelazzjoni 11:19,

> "U nfetaħ it-Tempju ta' Alla, **li hemm fis-sema**…"

Il-mifdija kollha li huma irrappreżentati bin-numru figurattiv ta' 144,000 kif ukoll huma irrappreżentati permezz tal-kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha, **ilkoll** jinsabu quddiem it-tron li qiegħed fit-tempju ta' Alla **fis-sema**!

Imma dwar dan l-għalliema u l-profeti foloz ukoll biddlu l-interpretazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu fejn xi wħud minnhom jgħidu li l-144,000 huma l-klassi tas-sema u l-kotra huma dawk li se jibqgħu jgħixu fuq l-art, waqt li għalliema u profeti foloz oħra jgħidu li l-144,000 huma l-fdal tal-Lhud u li dan il-fdal meta Kristu jerġa' jiġi fir-rapiment iħabbru l-Evanġelju tas-saltna lill-"kotra l-kbira li ħadd ma jista' jgħoddha" u l-kotra jkunu salvati, u li, apparentament matul dan il-perjodu u l-millenju li jiġi mmedjatament warajh, "il-maġġoranza enormi ta' l-abitanti ta' l-art tkun salva-ta." Iżda f'Rivelazzjoni 7 ma jintqalx li l-kotra huma obligati għas-salvazzjoni tagħhom lejn il-144,000. Imma mhux hekk biss, huwa iddikjarat b'mod l-aktar ċar li din il-kotra li huma lebsin f'ilbies abjad "ħaslu lbieshom u

bajduhom **fid-demm tal-Ħaruf**" (Rivel-azzjoni 7:14). Dan jista' biss ifisser li huma kienu aċ-ċettaw, mhux "l-evanġelju tas-saltna" li, skond dawn l-għalliema foloz, ma jagħmel ebda riferenza għas-salib, imma "l-Evanġelju tal-grazzja ta' Alla" li huwa "l-Aħbar it-Tajba li Ġesù Kristu…miet fuq is-Salib għad-dnubiet tad-dinja." Kien il-predikar tas-Salib, kemm jekk minn fdal Lhudi u kemm jekk mill-qaddisin tal-Knisja, li huma kienu obligati lejh għas-salvazzjoni tagħhom. Minn dan wieħed jara sa fejn jaslu dawn il-profeti foloz. Tassew iġibu l-Kelma ta' Alla fix-xejn! Imma jkun tajjeb li huma jaqraw sew-wa dan li jintqal f'Rivelazzjoni 22:18-19!

Dan it-tagħlim falz jaf il-bidu tiegħu minn Edward Irving (1792), Skoċċiż. Imbagħad tkompla minn John N. Darby (1800-1882). Wara kien C. I. Scofield (1843-1921) li ħareġ il-ktieb bl-isem ta' "Scofield's Reference Bible" li fil-fatt ma hu riferenza xejn tal-Bibbja imma huwa ktieb dwar it-tagħlim falz imsejjaħ "Dispensational Premillenialism." Għalhekk għandna wisq aktar nagħtu widen għat-twissijiet li jagħtina l-Ispirtu s-Santu dwar dawn il-profeti u għalliema foloz (Efesin 5:6)!

Mela l-mistoqsija hija: "Tibqa' l-art teżisti għal dejjem jew le?" Kif rajna li "l-kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha" huma mfissra bħala li qegħdin quddiem it-tron (Rivelazzjoni 7:9). It-tron qiegħed fis-sema (Rivelazzjoni 1:4; 3:21; 4:2-10; 5:1, 6-13; 7:9-11; 8:3; 12:5; 14:3; 16:17; 19:4-5), li jfisser li l-kotra l-kbira jkunu **fis-sema**, li hija irrappreżentata wkoll bin-numru ta' 144,000. Rajna wkoll, li hemm tama

**waħda** biss (Efesin 4:4), wirt wieħed imwiegħed, li huwa **fis-sema** (Kolossin 1:5; 1 Pietru 1:3-4). L-Art, bħala tama għal xi wħud, u bħala tama għal oħrajn, jagħmlu żewġ tamiet, mhux *tama waħda*! Rajna wkoll liċ-ċittadinanza tal-Kristjani hija **fis**-sema u mhux **tas**-sema (Filippin 3:20). Sakemm aħna qegħdin 'il bogħod mis-sema, aħna nkunu *barranin u stranġieri* (1 Pietru 2:11). Aħna nkunu qegħdin fid-dar biss meta aħna ngħammru fejn ikollna ċ-ċittadinanza tagħna. **Is-sema**, għalhekk, mhux l-art, għandha tkun id-dar eterna tal-Kristjani kollha. Rajna wkoll li Ġesù mar biex jippreparalna post, biex b'hekk, **fejn ikun Hu nkunu aħna wkoll** (Ġwanni 14:3). Ġesù mar **fis-sema** (Ġwanni 3:13; 1 Pietru 3: 22), mela **s-sema** għandha tkun il-post fejn aħna se mmorru. Bħala sfera tanġibbli, l-art hija temporali, mhux eterna (2 Korintin 4:17-18); għalhekk, tgħaddi (Mattew 24:35). Din l-art, li tkun maħruqa għal kollox (2 Pietru 3:10), ma tistax tkun id-dar eterna tagħna. Id-dar eterna tagħna hija **fis-Smewwiet**:

**2 Korintin 5:1,**

> "*Għax aħna nafu li, jekk l-agħmara tagħna* ***ta' l-art*** *tiġġarraf, għandna dar mibnijja minn Alla, agħmara mhix maħduma bl-idejn,* ***eterna <u>fis-sema</u>****.*"
> (2 Korintin 5:1).

*Aħna nafu* bħala Kristjani lid-dar eterna tagħna mhijiex f'din l-art imma **fis-sema**, u dan nafuh għaliex jgħidulna l-Ispirtu s-Santu fil-Kelma tiegħu u mhux

xi profeta u għalliem falz modern. Ma jaqbilx dan ma' kliem il-Mulej fejn qal li:

> "*Ħlaskom hu kbir **fis-smewwiet***" (Mattew 5:12)?

Il-144,000 huma biss simbolu tal-knisja ta' Ġesù Kristu, għaliex dak kollu li jintqal dwarhom jintqal ukoll dwar il-knisja. Fil-fatt, il-knisja ma tistax tkun imfissra b'mod aktar aħjar minn dan. Ħalli naraw kif ifissirha l-Ispirtu s-Santu. Hawn għandna lil l-Ispirtu s-Santu jinterpreta kull diffikultà li wieħed jista' jkollu, billi dak li naqraw f'Rivelazzjoni dwar il-knisja, l-Ispirtu s-Santu jagħtina l-interpretazzjoni Tiegħu f'sil-tiet oħra mit-Testment il-Ġdid. Aħna għandna naċċet-taw l-interpretazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu u nwarrbu kull interpretazzjoni żbaljata li tiġi mill-bnedmin! Ma ninsewx it-twissija li jagħtina Alla dwar kull inter-pretazzjoni li ġejja mill-bnedmin u mhux mill-Ispirtu s-Santu:

**2 Pietru 1:20-21,**

> "*Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li ebda profezija ta' l-Iskrittura ma għa-ndu ħadd ifissirha minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Isirtu s-Santu.*"

Aħna sejrin naraw u nqabblu dak li jintqal f'Rivelazzjoni dwar il-144,000, fejn għandna kkwotat il-versi fejn dawn jissemmew. Imbagħad fin-nofs tat-tabella

għandna d-deskrizzjoni mogħtija mill-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostlu Ġwanni, waqt li fuq il-lemin tat-tabella għandna lil dawn murija bħala li huma l-knisja ta' Kristu, dawk kollha mifidija.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

| **Il-144,000** | **Id-Deskrizzjoni** | **Il-Knisja** |
|---|---|---|
| Riv. 7:3 | qaddejja ta' Alla | 1 Pietru 2:16; |
| Riv. 7:4 | issiġillati | 2 Kor. 1:22; Ef. 1:13; 4:30 |
| Riv. 7:4 | l-Iżrael ta' Alla | Galatin 6:16; |
| Riv. 14:1 | fuq il-Muntanja Sijon | Lhud 12:22, 23 |
| Riv. 14:1 | iġibu isem il-Missier | Efesin 3:15; Riv. 3:12 |
| Riv. 14:1 | iġibu isem Ġesù | Ġakbu 2:7; Atti 11:26 |
| Riv. 14:3 | mixtrija, mifdija | Atti 20:28 |
| Riv. 14:4 | ma tniġġsux | Efesin 5:27 |
| Riv. 14:4 | verġni | 2 Korintin 11:2 |
| Riv. 14:4 | l-ewwel frott | Lhud 12:23; Ġakbu 1:18 |
| Riv. 14:5 | bla gideb f'fommhom | Kolossin 3:9 |

"*Kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha*" (Rivelazzjoni 7:9-17) *tista' tirrappreżenta l-mifdija taż-żminijiet kollha li diġa' ħallew din il-ħajja.* Din il-kotra kbira hija mfissra f'Rivelazzjoni fl-istess mod bħal dawk li jidħlu fil-Ġerusalem il-ġdida: (1) Huma mill-ġnus kollha (7:9; 21:24; (2) huma jilbsu lbies abjad (7:9; 19:14); (3) huma qegħdin mal-Ħaruf (7:9; 21:22; 22:1); (4) huma qegħdin fejn qiegħed it-tron

(7:9; 22: 3); (5) huma kienu salvati (7:10; 21:27); (6) huma jilbsu lbiesi maħsula (7: 14; 19:8; 22:14); (7) huma jservu Lilu (7:15; 22:3); (8) huma jkunu fit-tempju ta' Alla, li huwa Alla Nnifsu (7:15; 21:22); (9) Alla jgħa-mmar magħhom (7:15; 21:3); (10) ma jaqbadhomx aktar ġuħ (7:16; 22:2); (11) ma jaqbadhomx aktar għatx (7:16; 21:6; 22:1); (12) ma jeħtieġu ebda xemx (7:16; 21:23; 22:5); (13) huma għandhom l-ilma tal-ħajja (7:17; 21:6); u (14) Alla jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom (7:17; 21:4).

Biċ-ċar, aħna lkoll li nobdu lil Ġesù, u mhux il-144,000 *letterali* kif jagħllmu l-premillenjalisti, għandna **t-tama l-waħda** tal-glorji tas-sema matul l-eternità kollha. Is-salvi kollha, il-knisja ta' Kristu (Efesin 5:25-27), u s-salvi ta' l-art ikunu ppremjati ħajja eterna **fis-sema**, **it-tama waħda u unika tagħna** (Mattew 5:12).

Imma dan mhux biżżejjed. F'Rivelazzjoni 20:11-15 naqraw dwar il-ħaqq finali:

> "*U rajt tron kbir abjad, u lil dak li kien qiegħed fuqu, li min quddiem wiċċu ħarbu l-art u s-sema; u ma nstabx post għalihom.*"

Il-mifdija kollha li huma irrappreżentati bin-numru figurattiv ta' 144,000 u wkoll huma irrappreżentati permezz tal-kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha, **ilkoll** jinsabu quddiem it-tron li qiegħed fit-tempju ta' Alla **fis-sema**! Mela minn dan jidher ċar li l-art u s-sema li

naraw aħna waqt li aħna hawn fuq l-art, dawn **ma nstabx post għalihom**.

Mela sa hawn rajna li l-mifdija **kollha** se jkunu ġo t-tempju fejn hemm it-tron ta' Alla u tal-Ħaruf. Imma l-Kelma ta' Alla tgħidilna wkoll **min** se jkun hemm **barra** mit-tempju jew **barra** mill-bwieb tal-Belt u ċertament li ħadd minna ma jrid li jkun ma' dawn. Ma hemmx premju ta' minn se jkun ġewwa u prenju ta' min se jkun barra! Il-premju jinsab **biss fis-sema!** Jekk aħna nemmnu li sejrin nibqgħu ngħixu fuq l-art u mhux fis-sema, allura nistgħu ngħoddu lilna nfusna ma' dawk ta' **barra** u mhux ma dawk **tas-sema**.

**Rivelazzjoni 21:8, 27,**

> "*Iżda l-beżżiegħa, u dawk li ma jemmnux, u l-moqżieża, u l-qattiela, u ż-żienja u s-saħħara, u l-idolatri, u l-giddieba kollha, ikollhom sehemhom fil-għadira li tħeġġeġ bin-nar u l-kubrit: din hi t-tieni mewt…U fiha (fil-Belt) ma jidħol xejn li jħammeġ, lanqas min jagħmel ħwejjeġ moqżieża, jew jigdeb; imma dawk li huma miktubin fi ktieb il-ħajja tal-Ħaruf*"

U jkompli jgħid:

**Rivelazzjoni 22:15,**

> "*Għax* ***barra*** *huma l-klieb, u s-saħħara, u ż-żienja, u l-qattiela, u l-idolatri, u dawk kollha li jħobbu u jagħmlu l-qerq.*"

Jew **ġewwa** fis-smewwiet jew **barra** fejn hemm il-biki u t-tagħżżiż tas-snien.

**Rivelazzjoni 20:15,**

> "*Hekk ukoll min ma nstabx imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, kien mixħut fil-bel-liegħa tan-nar.*"

Fejn tippreferi li tkun int, barra jew ġewwa **fis-sema**?

Meta l-Kristjan fidil jieqaf fil-ġudizzju, hu jisma' l-kliem sabiħ dwar il-ferħ li jkollu mal-Mulej **fis-smewwiet**:

**Mattew 25:21, 23,**

> "*Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien se nafdalek ħafna:* ***idħol*** *fil-hena ta' sidek.*"

"**Idħol**" u mhux "**oħroġ**." Minn dan kollu li rajna naslu għall-konklużjoni unika li dak kollu li qrajna dwaru qabel, jiġifieri, il-blet il-qaddisa, Ġerusalem il-ġdida, is-sema ġdida u l-art ġdida, il-Ħaruf, it-tempju, it-tron, dawn kollha qegħdin **fis-smewwiet** u mhux fuq l-art! Tista' temmen int li meta l-Mulej jgħidilna biex **nidħlu** fil-hena Tiegħu, ikun qiegħed jirriferi *għal l-art u mhux għas-smewwiet*? Temmen int li l-Mulej bil-kliem li qal qiegħed jgħidilna biex **noħorġu** u mhux biex **nidħlu**?

Għalhekk aħna għandna nagħtu wisq aktar widen għat-twissijiet li nsibu fil-Kelma ta' Alla bħal ma huma:

**Kolossin 2:8,**

> “*Qisu li ħadd ma jassarkom b’filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja* ***u mhux ta’ Kristu****.*”

U,

**Efesin 5:6,**

> “*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f’hekk tinżel il-korla t’Alla fuq dawk li ma jisim-għux.*”

Ukoll,

**2 Tessalonikin 2:3,**

> “*Tħallux ’il min iqarraq bikom,* ***b’ebda mod!***”

Għalhekk, aħna bħala ulied ta’ Alla, bħala Kristjani, għandna:

**Mattew 5:12,**

> “*Nifirħu u nithennew, għaliex ħlasna hu kbir* ***fis-smewwiet****.*”

Hekk qalilna u hekk wiegħed l-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Issa jiddependi minn kull wieħed u waħda minna lil min aħna sejrin nemmnu. L-għażla hija bejn dak li jgħid Alla u dak li jgħidu l-profeti u l-għalliema foloz (Mattew 15:4, 5)!

Qabel inkomplu fuq Eżekjel 37, tajjeb issa li naraw passaġġ ieħor li l-premillenjalisti jagħmlu ħerba min-nu bl-interpretazzjoni falza tagħhom. Dan hu passaġġ

favorit li xi wħud minnhom iħobbu juruh bi stampi kollha kuluri li jolqtu l-għajn biex jippruvaw jiġbu n-nies lejhom u tassew ikomplu jqarrqu bis-segwaċi tagħhom. Tassew li Satana juża kull arma biex jipprova jqarraq bil-maħturin!

Dan il-passaġġ huwa minn Isaija 11:6-9, li meta wieħed jaqrah l-ewwel impressjoni tiegħu wara li jkun qrah tkun li dan qiegħed jitkellem dwar xi ħaġa li mhix tas-soltu, mhix naturali imma xi ħaġa straordi-narja għal kollox. Ħalli naqrawh u kif għamilna s'issa, nkomplu nħallu lil l-Ispirtu s-Santu jinterpretah għalina.

## IL-LUPU U L-ĦARUF
## Isaija 11:6-9

*"U l-lupu jgħammar mal-ħaruf, u l-leopard jinxeħet mal-gidi; u l-għoġol, u l-ferħ ta' l-iljun u l-imsemmen fost il-bhejjem, joqogħdu flimkien; u figel żgħir isuqhom; Il-baqra tirgħa ma' l-ors, u l-frieħ tagħhom jinxeħtu flimkien; u l-iljun jiekol it-tiben bħall-gendus. It-tarbija tal-ħalib tilgħab fuq it-toqba tas-serp, u t-tifel miftum idaħħal idu fil-bejta tal-lifgħa. La jagħmlu ħsara u lanqas jeqerdu fuq il-għolja kollha mqaddsa tiegħi: għax l-art tkun mimlija bil-għarfa tal-Mulej, bħalma l-ilmijiet jiksu l-baħar."*

Din is-silta minn Isaija hija silta minn ħafna oħrajn li waqgħet taħt il-mannara tal-profeti u l-għalliema fo-loz li l-Mulej tagħna wissa kemm-il darba biex aħna noqgħodu attenti għalihom (ara Mattew 7: 15; 24:11, 24; Mark 13:22; Luqa 6:26; Atti 13:6; 2 Pietru 2:1; 1 Ġwanni 4:1; Rivelazzjoni 16:13; 19:20; 20:10). Ħaġa ta' l-iskantament kif dawk li jgħallmu li l-art se tkun il-post fejn in-nies se jgħammru, japplikaw dak kollu li jsibu fil-Kelma ta' Alla għat-tagħlim falz tagħhom biex iqarrqu b'dak li jkun, u tassew jirnexxielhom ma' xi wħud!

Il-premillenjalisti jifhmu din is-silta bħala li hija letterali fl-applikazzjoni u fil-kondizzjonijiet fuq l-art wara li Ġesù jiġi u jwaqqaf is-saltna Tiegħu ta' l-art (dejjem skond it-tagħlim żbaljat tagħhom). Imma, Ġesù **diġa' waqqaf** l-unika saltna Tiegħu li qatt kell-ha tkun imwaqqfa fuq din l-art; dik is-saltna hija l-knisja. Mark 9:1 juri biċ-ċar lit-twaqqif tas-saltna fuq l-art ma jistax li jkun għadu fil-futur. **Il-Mulej** qal hekk:

**Mark 9:1,**

> "*Tassew ngħidilkom: Hemm x'uħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, qabel ma jaraw is-saltna ta' Alla ġejja bil-qawwa.*"

Ħaġa ta' l-iskantament, siltiet ċari bħal dawn, dawn l-għalliema foloz ma jifhmuhomx, imma siltiet li huma diffikultużi jifhmuhom mingħajr ebda diffikultà! Mhux talli hekk, talli huma jippruvaw jagħtuhom int-erpretazzjoni ħalli tkun taqbel mat-tagħlim falz tagħ-

hom. Minflok ma jqabblu t-tagħlim falz tagħhom mal-Bibbja huma jagħmlu l-kontra, iqabblu l-Bibbja mat-tagħlim falz tagħhom! Għalhekk huma "jitgħallmu dejjem, **u qatt ma jistgħu jaslu biex jagħrfu l-verità**" (2 Timotju 3:7). Mattew 16:18-19 jagħmel il-fatt ċar ħafna li l-knisja hija s-saltna:

> "*U jien ngħidlek: Li int Pietru, u fuq din il-blata nibni **l-knisja** tiegħi; u l-bwieb ta' post l-imwiet ma jegħlbuhiex. U jien lilek nagħtik l-imfietaħ **tas-saltna tas-smewwiet**: u dak kollu li torbot fl-art ikun marbut ukoll fis-smewwiet: u dak kollu li tħoll fl-art ikun maħlul fis-smewwiet.*"

Hawn naraw li l-Mulej uża l-kliem "knisja" u "saltna tas-smewwiet" bħala li jfissru għal l-istess ħaġa. Imma dan ukoll l-għalliema foloz isibuh wisq diffiċli biex jifhmuh! Imma r-raġuni aħna nafuha għaliex! Għaliex dawn huma siltiet li jmorru kontra t-tagħlim falz tagħhom!

It-tnejn, kemm l-appostlu Pawlu kif ukoll l-appostlu Ġwanni affermaw b'mod l-aktar ċar u b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu li huma u l-qaddisin l-oħra ta' l-ewwel seklu kienu **diġa** *jinsabu fis-saltna*. Ara xi jgħid l-Ispirtu s-Santu permezz ta' dawn l-appostli:

**Kolossin 1:13,**

> "*Li ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u **daħħalna fis-saltna** ta' Ibnu l-maħbub.*"

**Rivelazzjoni 1:6, 9,**

*"U **għamilna saltna** u qassisin għal Alla Missieru; lilu glorja u qawwa għal dejjem ta' dejjem. Amen….Jien Ġwanni, li jien ukoll ħukom, u sehibkom fit-tiġrib u **fis-saltna** u fis-sabar ta' Ġesù Kristu, kont fil-gżira li jisimha Patmos, minħabba l-kelma ta' Alla, u x-xhieda ta' Ġesù Kristu."*

Lil min aħna għandna nemmnu, lill-profeti u għalliema foloz jew lil l-Ispirtu s-Santu? Ma ninsewx x'qal il-Mulej dwar dak li "intom tgħidu u Alla qal" (Mattew 15:4-5). Din hija għażla semplici li kull persuna għandha tagħmel. Hija għażla li għandha tiddeċiedi fejn persuna se tgħaddi l-eternità! Mela x'ried ifisser Isaija b'dak il-kliem li nsibu f'kapitlu 11:6-9?

Seba' sekli qabel it-twelid ta' Kristu, il-profeta Isaija ta' daqqa t'għajn fil-futur u pinġa n-natura glorjuża ta' l-epoka tal-Messija għal dawk li jfittxu refuġju Fih. Isaija kiteb kapitlu 11:6-9 f'simboliżmu qawwi.

L-idea ta' twettiq letterali fil-millenju, kif jippruvaw jgħallmu l-premillenjalisti, tinforza teorija letterali li jkollha annimali selvaġġi mimlija bl-għarfien ta' Alla u annimali letterali jgħammru fil-muntanja qaddisa. Il-premillenjalisti ma jagħmlu ebda konċessjoni għal lingwa figurattiva u tixbiha *spiritwali*. Il-profezija kollha kemm hi hija evidentament imwettqa fl-epoka ta' l-Evanġelju li aħna ninsabu fiha. L-ewwel żewġ versi ta' Isaija 11 juru għall-miġja tal-Messija fid-din-ja. F'versi 6-9 l-karattri tan-nies huma irrappreżentati f'figuri ta' estrem wiesa u kuntrast. Taħt l-influwenza li tittrasforma jew li tbiddel ta' l-

Evanġelju, il-karattri tan-nies huma mibdula minn dawk li kienu irrappreże-ntati minn annimali karnivori (li jieklu l-laħam), bħal l-lupu, l-ors, il-leopard u l-iljun f'karattri irrappreżen-tati min-natura li ma tagħmel ebda ħsara tal-baqra u l-ħaruf u l-gidi u t-tarbija. Taħt l-istess figura n-nies ta' Alla u d-dixxipli ta' Kristu huma msejħa ngħaġ (Ġwanni 10:7-18). Ukoll, Ġesù Nnifsu uża din il-figu-ra rettòrika meta qal dwar Erodi,

> "*U qalilhom: Morru għidulu lil* ***dak il-volpi****, 'Ara, jiena nkeċċi x-xjaten u nfejjaq il-mard illum u għada, u fit-tielet jum nasal fit-tmiem tiegħi*" (Luqa 13:32).

Fisser Ġesù b'dan il-kliem li Erodi kien letteralment volpi? Ċertament li le! Mela x'ried ifisser hawn Ġesù? Ġesù ried ifisser li Erodi kellu *l-karatteristiċi* ta' volpi, makakk, qarrieqi, ħalliel, eċċ. Dan kien estrem fuq naħa waħda. Ftit aktar l-isfel, fl-istess kapitlu, naraw l-estrem fuq in-naħa l-oħra, jiġifieri, fejn hemm il-karatteristiċi ta' mħabba. F'vers 34 Ġesù qal hekk,

> "*Ġerusalem! Ġerusalem! Int kont toq-tol il-profeti u tħaġġar il-messaġiera li jibgħatlek Alla,* ***kemm ridt niġbor lil uliedek bħalma qroqqa tiġbor il-flie-les tagħha taħt ġwenħajha****, u int ma ridtx!*"

Jiena ċert li l-premillenjalisti m'għandhom ebda problema biex jinterpretaw dawn il-versi. Huma jafu

sewwa d-differenza bejn il-volpi u l-qroqqha u l-flieles! Huma jafu sewwa f'liema sens il-Mulej uża dawn il-kreaturi, jiġifieri, il-volpi, il-qroqqha u l-flieles u ma semmiex mal-volpi xi tigra jew iljun jew leopard jew ors! Mela għaliex il-problema biex jifhmu sewwa Isai-ja 11:6-9? Il-problema tinsab minħabba s-suppervja tagħhom u minħabba t-tagħlim żbaljat tagħhom! Il-problema hija għaliex kif xi ħadd jipprova jbabas xi passaġġ mill-Bibbja dan ikollu mbagħad ibabas passa-ġġi oħra li jekk ma jagħmilx hekk jagħmilhom li jik-kontradixxu lilhom infushom, ikunu wkoll jikkontra-dixxu t-tagħlim falz tiegħu! Dik hija l-problema!

Il-profeta Isaija, b'ispirazzjoni minn Alla (2 Timotju 3:16), iqiegħed l-attenzjoni tiegħu 'l bogħod fil-futur lejn is-saltna tal-Messija. Hu jiddeskrivi ħakma ta' *paċi* fost dawk li jfittxu refuġju fi Kristu. Simboli grafiċi huma applikati biex iwasslu l-messaġġ. Kreaturi *li huma egħdewwa naturali*, eżempju, il-lupu u l-ħaruf, il-leopard u l-gidi, eċċ., jgħixu flimkien f'armonija waħda (v. 6). Ukoll l-iljun li jiekol il-laħam jiekol it-tiben kif ukoll l-ors (v. 7), u t-tfal jilgħabu fiż-żgur fost is-sriep (v. 8). L-iskop uniku li Alla għażel dawn l-annimali opposti għal xulxin huwa biex iwassal il-messaġġ ta' l-Evanġelju, is-sliem. Ara xi jgħid Ġesù:

> "*Imma jien ngħidilkom: Ħobbu lil l-egħdewwa tagħkom, u itlobu għal dawk li jippersegwitawkom, biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet; għax hu jtella' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u*

*jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex. Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? Mhux il-publikani wkoll jagħmlu dan? U jekk issellmu lil ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed? Mhux il-pagani wkoll jagħmluh dan? Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet*" (Mattew 5:43-48; ara wkoll Luqa 2:12-14).

Hawn għandna tifsira perfetta ta' dak li jintqal f'Isaija 11:6-9. Jekk il-lupu jgħammar ma' lupu ieħor bħalu kollox ikun skond l-imġieba naturali tagħhom. Imma jekk il-lupu jgħammar mal-ħaruf, allura din tkun xi ħaġa differenti għal kollox! Jekk il-leopard jie-kol flimkien ma' leopard x'ikun hemm speċjali? Xejn. Imma jekk il-leopard jinxeħet mal-gidi allura jkun hemm differenza enormi fl-imġieba tiegħu. Jekk il-baqra, l-iljun, l-ors, u ż-żgħar tagħhom joqgħodu flimkien ikun differenti għal kollox milli wieħed jie-kol lil l-ieħor! Hekk ukoll aħna, fis-saltna ta' Kristu, il-knisja Tiegħu, għandna nħobbu u nirrispettaw lil xulxin, inkunu mil-liema razza nkunu, kemm jekk suwed, bojod, sofor, ħomor, eċċ. Bħala eżempju wieħed jista' jaqra Ġwanni 4:1-42 biex b'hekk jifhem aħjar dak li qal Isaija. Il-Lhud u s-Samaritani kienu egħdewwa ta' xulxin. Naqraw hekk,

"*...Mela Ġesù, billi kien għajjien bil-vjaġġ tiegħu, qagħad hekk bil-qiegħda fuq il-bir: u kienet madwar is-sitt sie-*

*għa. Ġiet hemm mara mis-Samarija timla l-ilma, u qalilha Ġesù: Agħtini nixrob...Qaltlu mbagħad il-mara Samaritana: Kif int, li int Lhudi, titlob tixrob lili, mara Samaritana? **Għax il-Lhud ma jagħmluhiex mas-Samaritani***" (Ġwanni 4:6b, 7, 9).

Dan huwa eżempju ieħor dwar żewġ egħdewwa jsiru ħbieb, isiru ħaġa waħda fi Kristu meta wieħed ikompli jaqra fl-Iskrittura, speċjalment fil-ktieb ta' Atti. (Ara wkoll Galatin 3:26-27.)

Fil-ħajja ta' kuljum tara nies ta' razzez differenti jiġġieldu kontra xulxin sa joqtlu lil xulxin. Imma fil-knisja ta' Kristu nies ta' razzez differenti jirrispettaw u jħobbu lil xulxin bħala aħwa fi Kristu, bħala wlied Alla. Dik hija t-tifsira ta' Isaija 11:6-9. Isaija wkoll bassar dwar Ġesù bħala li **l-Prinċep tal-Paċi** li kellu jiġi:

> "*Għax tweldilna tifel; ingħatalna iben: u s-setgħa tkun fuq spallejh, u jissemma ismu Kunsillier tal-Għaġeb, Alla qawwi, Missier għal dejjem, **Prinċep tal-Paċi***" (Isaija 9:6).

Il-veduta tal-premillenjalisti tara l-lingwa ta' Isaija 11:6-9 letteralment u jissuġġerixxu li hija deskrizzjoni ta' l-art matul il-"ħakma millenjali" ta' Kristu. *Imma la l-kuntest u lanqas it-tagħlim kollu tal-Bibbja, kif rajna, ma jammetti din l-interpretazzjoni*. Il-fatt huwa, Isaija qiegħed juri l-qawwa ta' l-Evanġelju **li tbiddel**

il-qlub tan-nies hekk kif huma jiġu "fil-muntanja qaddisa" (v. 9).

Aħna diġà rajna li l-Kelma ta' Alla tgħid li l-art mhix se tibqa' għal dejjem imma se tispiċċa. Mela għal xhix dan il-passaġġ ta' l-għaġeb jirreferi? Huwa pjuttost magħruf sewwa, kif għadna kif rajna, li l-premillenjalisti jallegaw li dan il-kuntest "jiddeskrivi kondizzjonijiet *fuq l-art* fiż-żmien tas-saltna li ġejja li Kristu jerġa' jiġi fid-Dinja" (Henry M. Morris, **Back to Genesis,** September, 1994, p. a).

Din il-veduta, għalkemm hija aċċettata minn ħafna nies sinċiera, hija żbaljata għal diversi raġunijiet oħra ma' dawk li għandna kif rajna aktar qabel.

L-ewwel, "iż-żmien tas-saltna" mhuwiex fil-futur. Dawk li kienu obdew l-Evanġelju ta' l-Iben ta' Alla qegħdin **issa** fis-saltna tal-Mulej. Ġesù ddikjara lit-twelid mill-ġdid jintroduċi lill-persuna ġewwa s-saltna (Ġwanni 3:3-5), u li l-qaddisin (Kristjani) tal-bidu kienu murija bħala li kienu ċittadini fis-saltna ta' Alla (Kolossin 1:13; Rivelazzjoni 1:6, 9). L-ikla tal-Mulej kellha tkun osservata **fis**-saltna (Luqa 22:29-30).

Ukoll, it-tieni miġja ta' Kristu għandha **ġġib fit-tmiem** il-ħakma tas-saltna tal-Mulej, **mhux tibdiha** kif jgħallmu l-premillenjalisti.

**1 Korintin 15:23-25,**

> "*Imma kull wieħed fejn imissu: Kristu l-ewwel frott; imbagħad dawk li huma ta' Kristu fil-miġja tiegħu. Imbagħad jiġi t-tmiem, meta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull*

> *ħakma u kull setgħa u qawwa. Għax jeħtieġ li hu jsaltan, sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh. L-aħħar għadu li jinqered hi l-mewt.*"

Li kieku l-premillenjalisti kellhom jagħtu ftit aktar attenzjoni għal dan il-passaġġ, u jistudjawh aktar bir-reqqa, ċertament li huma jwarrbu t-tagħlim żbaljat tagħhom dwar il-millenju. L-ordni tal-ġrajjiet f'dan il-passaġġ **ma tipprovdix** għall-Millenju tal-Premillenjalisti. Osserva l-ordni:

1. Il-qawmien ta' Kristu.
2. Il-qawmien fil-miġja ta' Kristu.
3. **It-tmiem**—*mhux bidu għall-ħakma ta' l-elf sena.*
4. Is-saltna **mogħtija**—mhux *imwaqqfa.*
5. *Għax* ***jeħtieġ*** *li hu jsaltan, sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh*—**mhux** "*imbagħad*" hu jeħtieġ isaltan. Hu jeħtieġ, għandu jkompli jsaltan—kif qiegħed jagħmel issa, u kontinwament, sat-tmiem.

Dan hu t-tagħlim ċar tal-Bibbja. Kristu qiegħed, issa jsaltan, u Hu **jeħtieġ** li jsaltan issa u mhux "**imbagħad**" jeħtieġ li jsaltan. Il-premillenjalisti jgħidu li "mbagħad" Kristu għandu jsaltan. Il-Bibbja tgħid li Kristu "jeħtieġ" isaltan. Lil min int temmen?

It-tieni, il-lingwa ta' Isaija 11:6-9 hija ovvjament simbolika. Regola waħda li tiddetermina meta passaġġ huwa figurattiv hija meta dan jinvolvi *impossibbiltà*. Il-kuntest għandu ljuni jieklu t-tiben!

L-iljuni huma karnivori (jiġifieri, jieklu l-laħam), huma ma jistgħux isajru fl-istonku t-tiben. Sejjer il-Mulej jifforma mill-ġdid is-saltna kollha ta' l-annimali għall-allegat mill-enju? Biex il-premillenjalisti jippruvaw jiġġustifikaw it-tagħlim falz tagħhom, huma jwieġbu: Imma Alla jista' jagħmel kollox, jekk irid li jagħmel hekk Hu jista'. Iva, Alla jista' jagħmel kollox, sempliċiment jgħid il-kelma u jsir (Ġob 42:2; Salm 115:3; Mattew 19:26; Luqa 1:37). Imma meta Hu ħalaq l-annimali Hu "*ra li dan kien tajjeb*" (Ġenesi 1:20-25). Għalhekk Alla mhuwiex se jifforma mill-ġdid is-saltna kollha ta' l-annimali, għaliex dak kollu li hemm fiha Alla rah li kien "**tajjeb**" u Hu mhuwiex se jbiddel dak li għamel **tajjeb** biex jerġa' jagħmlu **tajjeb** minħabba t-teorija falza tal-premillenjalisti! Fejn kien hemm il-ħtieġa ta' bidla, iva, Alla għamel dik il-bidla u qal li għamilha (ara Rumani 2:29; 2 Korintin 5:17-21; Galatin 3:23-25; Kolossin 2:13-18; Lhud 1:1-2; 7:11-15, 20-28; 8: 13; 12:22-23; eċċ.). It-teorija premillenjali hija mimlija b'din ix-xorta ta' letteraliżmu gwapp li jinjora l-proċedura interpretattiva. Is-simboli ta' Isaija 11:6-9 jirrappreżentaw id-dispożizzjoni mibdula ta' dawk li jikkonvertu u jidħlu fil-knisja ta' Kristu (Isaija 11:9; Danjel 2:35).

It-tielet, il-veduta premillenjali tinjora totalment l-ispjega tat-Testment il-Ġdid ta' din il-basra tat-Testment il-Qadim. Il-profeta jiddikjara li l-Evanġelju jinfirex matul id-dinja kollha (Isaija 11:9; Ħabakuk 2:14; Luqa 24:47; Atti 1:8), li kien imwettaq saħansitra qabel ma l-ewwel seklu ġie fit-tmiem tiegħu (Atti 17:6;

Rumani 10:18; Kolossin 1:6, 23). F'Isaija 11:10, Isaija jitkellem dwar il-Ġentili jfittxu l-mistrieħ fil-"*għerq ta' Ġessi*" (Kristu).

Issa hawn għandna dan il-punt li jiffinalizza l-argument: l-appostlu ispirat Pawlu jikkwota dan il-passaġġ fl-ittra tiegħu lir-Rumani:

> "*Jgħid ukoll Isaija: Ikun hemm il-għerq ta' Ġessi, u dak li jqum biex isaltan fuq il-Ġentili; fih il-Ġentili jittamaw*" (Rumani 15:12).

Pawlu japplikah għall-ilqugħ tal-Ġentili ta' l-Evanġelju **f'din l-epoka**, **f'dan iż-żmien**—**mhux f'xi millenju fil-futur** ivvintat minn profeti u għalliema foloz, qaddejja ta' Satana!

Il-premillenjalisti huma żbaljati għal kollox fil-veduta tagħhom ta' Isaija 11:6-9. Aħna ninkorraġġuhom biex jistudjaw din il-ħaġa aktar bil-għaqal u jwarrbu t-tagħlim falz tagħhom u jibdew jaqdu lill-Mulej u ma jkomplux jaqdu lil Satana, ukoll jekk huma ma jafux li qegħdin jagħmlu dan! Li wieħed ikun sinċier mhuwiex biżżejjed biex isalva (Atti 8:26-40; 10:1-2, 47-48; 11:14).

Għalhekk, jiena nagħlaq bil-wegħda sabiħa u ta' l-għaġeb ta' l-Ispirtu s-Santu li hija mifruxa mal-Bibbja kollha:

> "*Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ **tas-sema** fejn Kristu qiegħed,... Minħabba fit-tama li hemm tistenniekom **fis-smewwiet**...għax iċ-ċittadinanza tagħna hi **fis-sema**...u*

> *għal wirt, li la jitħassar, la jittebba', u lanqas jinxef. Dan il-wirt hu merfugħ għalikom* ***fis-sema****…fejn la jżewġu u lanqas jiżżewġu, imma nkunu bħal l-anġli ta' Alla* ***fis-sema****…f'dik id-dar mibnijja minn Alla, agħmara mhux maħduma bl-idejn, eterna* ***fis-sema****… biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll. Għalhekk, ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir* ***fis-smewwiet****… Hekk inkunu dejjem mal-Mulej…Li ma kienx hekk, kont ngħidilkom…* ***Agħmlu l-qalb lil xulxin b'dan il-kliem***" (Kol. 3:1; 1:5; Filipin 3:20; 1 Pietru 1:4-5; Matt. 22:23-30; 2 Kor. 5: 1; 1 Tess. 4:17; Ġwanni 14:3; Mattew 5:12; Ġwanni 14:2).

Mela issa aħna rajna fid-dettall kollu dwar dak li jintqal F'Eżekjel 37:12, dwar l-art ta' Iżrael. Rajna li dawk *b'għajnejn fiżiċi* jaraw din bħala art **fiżika**, **materjali**. Imma dawk *b'għajnejn spiritwali* jarawha kif l-Ispirtu s-Santu jinterpretaha li hi, bħala li hi f'sens **spiritwali!**

Issa ħalli nkomplu fejn ħallejna u mmorru lura għal **Eżekjel 37:12-13** u nittrattaw mat-terminu "*oqbra.*" Kull meta nħarsu lejn terminu, aħna nippruvaw narmonizzawh mal-kumplament tal-Bibbja. Ħalli nħarsu lejn xi spjegi ta' dan it-terminu. Kull meta nitkellmu dwar oqbra, aħna għandna nistaqsu l-mistoqsija, "xi jżomm fih qabar?" It-tweġiba, naturalment, hija sempliċi ħafna, ġisem mejjet. U kif Alla jara lil dak li ma

jemminx u lil dak li jemmen qabel ma jkunu salvi, qabel ma jkunu rċevew il-maħfra tad-dnubiet permezz tal-magħmudija (Atti 2:38)? It-tweġiba wkoll hija sempliċi ħafna, Hu jarana bħala MEJTA fid-dnubiet tagħna. Imma aħna rridu nħallu l-Kelma ta' Alla turina dan, għalhekk sejrin inħarsu lejn numru ta' versi li jgħallmu sewwasew dik il-verità b'mod aktar ċar.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Isaija 65:1-5,**

> "*Jien kont imfittex minn dawk li ma staqsewx għalija; kont misjub minn dawk li ma fittxunix. Jien għidt: Hawn jien, hawn jien, lil ġens li b'ismi ma sejjaħlix. Il-jum kollu ftaħt idejja lill-poplu mxewwex u rasu iebsa; li miexi fit-triq li mhix tajba, wara ħsibijiet-hom. Poplu li jipprovokani f'wiċċi kontinwament; li joffri sagrifiċċji fil-ġonna, u jaħraqu l-inċens fuq l-artali tal-madum;* ***Li joqogħdu fl-oqbra****, u jgħaddu l-lejl f'postijiet sigrieti, li jieklu laħam il-ħanżir, u brodu ta' ħwejjeġ immniġġsa fil-borom tagħhom; U li jgħidu: Warrab, tersaqx lejja; għax jien qaddis aktar minnek! Dawn huma duħħan fi mnifsejja, nar li jaqbad il-jum kollu!*"

Issa, hawn, Alla qiegħed jgħidilna lil dawk in-nies qegħdin joqogħdu **fl-oqbra**. Qiegħed Alla jgħidilna li huma **letteralment** jibqgħu fl-oqbra jew qiegħed Hu

juża dan bħala figura? Alla qiegħed juża dan bħala figura hekk kif Hu juri l-karattru ta' dawn in-nies. Il-karatteristiċi li Alla juri huma dawk assoċjati man-nies mhux salvi; ribellużi, idolatri, jieklu ikel imniġġes, aktar qaddisa minnek mentalment, eċċ. Alla jagħmel lista tal-karatteristiċi li huma assoċjati ma' dawk **li huma mejta fi dnubiethom**. Il-Kelma ta' Alla tgħid hekk dwar dan:

**Efesin 2:1-6,**

> "*U lilkom ta l-ħajja, intom* ***li kontu mejtin bil-ħtijiet u d-dnubiet****; Li fihom intom imxejtu fl-imgħoddi skond il-mixja tad-dinja, skond il-prinċep tal-ħakma ta' l-ajru, l-ispirtu li issa jaħdem f'ulied id-diżubbidjenza: Li fosthom ukoll għexna aħna lkoll fiż-żminijiet imgħoddija fix-xewaqt ħżiena ta' ġi-simna, inwettqu x-xewqat tal-ġisem u tal-moħħ; u konna min-natura wlied il-għadab, l-istess bħall-oħrajn. Imma Alla, li hu għani fil-ħniena, għall-imħ-abba kbira tiegħu li biha ħabbna,* ***Ukoll meta konna mejtin fid-dnubiet****, tana l-ħajja flimkien ma' Kristu, (bil-grazzja intom salvati;) U qajjimna flimkien, u qegħidna flimkien fis-smewwiet fi Kristu Ġesù.*"

Hawn Alla jgħid biċ-ċar li l-emmiena darba kienu mejta fi dnubiethom hekk kif aħna mxejna fuq il-

ħażen ta' Satana, li għamilna iġsma mejta **spiritwali**. Imma Alla li semma l-maħturin Tiegħu sa minn qabel is-sisien tad-dinja tana l-ħajja għal Alla u wkoll qajjimna u għamilna li noqgħodu f'postijiet tas-sema mal-Mulej Ġesù Kristu. Fi kliem ieħor, Alla diġà ra t-tmiem tal-ħażen u lil uliedu jaħkmu fis-sema l-ġdida u l-art il-ġdida. Imma ħalli l-Ispirtu s-Santu jkompli jfis-srilna Hu, permezz ta' l-appostlu Pawlu:

**Rumani 6:3-5,**

> "*Ma tafux, li minna li konna mgħammdin f'Ġesù Kristu, konna mgħammdin* ***fil-mewt*** *tiegħu? Għalhekk aħna* ***midfunin*** *miegħu bil-magħmudija* ***fil-mewt****; biex bħalma Kristu qam mill-imwiet bil-glorja tal-Missier, hekk ukoll aħna nimxu fit-tiġdid tal-ħajja. Għax jekk sirna ħaġa waħda miegħu* ***fix-xebħ tal-mewt tiegħu****, hekk ukoll inkunu* ***fix-xebħ*** *tal-qawmien tiegħu.*"

**Kolossin 2:12-15,**

> "***Midfunin*** *miegħu fil-magħmudija, li fiha intom ukoll qomtu miegħu permezz tal-fidi fil-qawwa ta' Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet. U lilkom,* ***billi kontu mejtin fi dnubietkom*** *u n-nuqqas taċ-ċirkonċiżjoni ta' ġisimkom, takom il-ħajja flimkien miegħu, u ħafrilkom id-dnubiet kollha; Billi ħasar il-kitba tal-preċetti li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħieha min-*

> *nofs, u sammarha mas-salib. U wara li nażża' l-prinċipati u s-setgħat, waqqagħhom għad-daħk quddiem id-dinja, billi ħareġ rebbieħ fuq is-salib.*"

Hawn għandna passaġġi kbar ta' trijonf għal min jemmen. Hawn għandna muri kemm il-magħmudija hi meħtieġa għas-salvazzjoni u mhux kif jgħallmu xi għalliema foloz li l-magħmudija mhix meħtieġa għas-salvazzjoni, jiġifieri, li wieħed ikun salv qabel ma jkun mgħammed! Dan hu tagħlim tax-xjaten u mhux ta' l-Ispirtu s-Santu! Aħna darba konna **mejtin spiritwalment** imma Kristu ħa kull penalità għal kull dnub magħmul, fil-passat, fil-preżent, u fil-futur. "**Midfunin**" fejn? Ċertament li mhux f'qabar taħt l-art fejn jidfnu lil dawk li jkunu mietu *fiżikament*! Imma *midfunin fil-qabar ta' l-ilma meta aħna nitgħammdu għall-maħfra tad-dnubiet*! Kif aħna nistgħu nkunu midfunin "**fix-xebħ** tal-mewt Tiegħu" jekk aħna ma nkunux għadna tgħammidna?

Eżempju ċar dwar dan li qegħdin nitkellmu dwaru nsibuh fil-parabbola ta' l-iben il-ħali.

**Luqa 15:31-32,**

> "*Ibni, qallu missieru, inti dejjem miegħi, u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek. Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk* ***kien mejjet*** *u reġa' qam, kien mitluf u nstab.*"

Waqt li l-iben iż-żgħir kien qiegħed iberbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra u man-nisa tat-triq (versi 13, 30), li ċertament kien fl-aqwa tiegħu f'dik li hija ħajja

fiżika, il-missier iddeskriva dan bħala li ibnu kien **mejjet (v. 32)**! La kien mejjet, hu kien ġol-qabar. Imma f'liema sens l-iben iż-żgħir kien mejjet u għalhekk ġol-qabar? ċertament li mhux f'sens letterali, f'sens fiżiku, imma f'sens **spiritwali**. Jekk in-nies iħallu lil l-Ispirtu s-Santu jinterpretalhom il-Kelma Tiegħu Hu, allura ħafna mit-tagħlim falz tal-bnedmin jiġi mwarrab. Jekk huma, sinċerament, jiddeċiedu li "*jeħtieġ nobdu lil Alla aktar milli 'll-bnedmin*" (Atti 5:29), allura dak it-tagħlim falz tal-premillenjalisti għandu jkun imwarrab darba għal dejjem!

Issa minħabba Kristu, ma hemm xejn li jista' jżomm lil min jemmen milli jmur fis-smewwiet billi kull dnub kien imħallas għalih. Dan kien l-ewwel jum tal-ġudizzju, fejn Kristu miet għad-dnubiet tal-poplu Tiegħu. It-tieni jum tal-ġudizzju jkun il-ġudizzju tat-Tron Krib Abjad jew dawk li ma jemmnux imutu għad-dnubiet tagħhom stess.

## Eżekjel 37:14

> "*U **nqiegħed l-Ispirtu tiegħi fikom**, u jkollkom il-ħajja, u nqegħidkom f'art-kom: imbagħad tagħrfu li jiena, il-Mul-ej, tkellimt, u għamilt, jgħid il-Mulej.*"

Jiena nixtieq li noffri osservazzjoni preliminari fuq dan il-vers. Jekk Eżekjel 27 *kien profezija ta' Iżrael nazzjonali*, allura xi ħaġa hija ħażina. Alla jgħid li Hu kien se jqiegħed l-Ispirtu Tiegħu fihom. Min Hu l-

Ispirtu ta' Alla? Huwa l-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu Hu dak li jixhed ma' l-ispirtu tagħna għall-Persuna u x-xogħol ta' Kristu (ara Ġwani 14:26; Rumani 8:16-17). In-nazzjon ta' Iżrael għadu sal-lum f'ribelljoni kontra Alla billi huma għadhom jirriġettaw u jobgħodu lil Kristu! Huma ma jemmnux fi Kristu bħala l-Messija, bħala li Hu l-Iben ta' Alla (Ġwanni 19:7). Billi din il-kondizzjoni tippersisti llum, huwa ovvju li Alla *ma poġġix* l-Ispirtu Tiegħu fil-Lhud li mhumiex salvi jew inkella huma jkunu qegħdin jimxu fi Kristu u ma jirrġettawhx kif huma kontinwament qegħdin jagħmlu. Imma l-Ispirtu s-Santu jgħidilna:

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**1 Ġwanni 2:23,**

> "*Kull min jiċħad l-Iben, ma għandu lanqas il-Missier, imma min jistqarr l-Iben għandu l-Missier ukoll.*"

Mela, billi l-Lhud jiċħdu lil Iben, huma qegħdin ukoll jiċħdu lill-Missier. Il-Kelma ta' Alla tkompli tgħid:

**Rumani 8:9,**

> "*Imma intom ma tgħixux fil-ġisem, iżda fl-Ispirtu, jekk l-Ispirtu ta' Alla jgħix fikom.* ***Issa jekk wieħed m'għa-ndux l-Ispirtu ta' Kristu, dan mhux wieħed minn tiegħu.***"

Hawn Alla jerġa' jdur lura għall-art jenfasizza li l-art mhijiex art **fiżika** imma hija *s-saltna ta' Alla, il-knisja ta' Kristu*. ħalli nkomplu naqraw minn Eżekjel:

**Eżekjel 36:24-28,**

> *"Għax jien neħodkom minn qalb il-ġnus, u niġmagħkom mill-artijiet kollha,* ***u nġibkom f'artkom****. Imbagħad* ***inroxx fuqkom ilma nadif****, u tindafu: mit-tinġis kollu tagħkom, u mill-idoli kollha tagħkom, insaffikom.* ***U qalb ġdida wkoll nagħtikom, u spirtu ġdid inqiegħed fikom****: u naqlagħlkom il-qalb tal-ġebel minn ġisimkom, u na-għtikom qalb tal-laħam.* ***U nqiegħed l-ispirtu tiegħi ġewwa fikom****, u nagħ-mel li timxu skond l-istatuti tiegħi, u tħarsu l-ordinanzi tiegħi, u tagħmlu-hom.* ***U tgħammru fl-art li tajt lil missirijietkom; u tkunu poplu tiegħi, u jien inkun Alla tagħkom****."*

Staqsi lilek innifsek hawn, qatt xi ħadd qralek dawn il-versi u interpretahomlok bħala li jfissru li l-Lhud jerġgħu lura f'Iżrael? Jekk iva, u int aċċettajt dik l-interpretazzjoni, kif fil-fatt jagħmlu xi wħud, allura int kont ingannat! Satana qarraq bik permezz tal-profeti u l-għalliema foloz tiegħu!

Hawn Alla qiegħed jgħid li Hu se jġibhom fl-art tagħhom stess u jroxx "ilma nadif" fuqhom. X'inhu l-ilma nadif li Hu se jroxx fuqhom? Huwa xi ilma minn xi xmara aktar nadifa minn dawk ix-xmajjar li huma kellhom? Dan ifakkarni f'Nagħman, il-kap ta' l-eżerċtu tas-sultan tas-Sirja li kien imġiddem. Dan ukoll fehem bħal kif jifhmu l-premillenjalisti llum, jiġifieri, b'mod letterali meta huwa rrabja u qal,

“*Jaqaw Abana u Farfar mhumiex xmajjar ta' Damasku,* ***aħjar*** *mill-ilmijiet kollha ta' Iżrael?*” (2 Slaten 5:1, 12).

L-ilma letterali ma kien fih ebda qawwa biex ifejjaq, imma *l-ubbidjenza* kienet il-fattur prinċipali tal-fejqan tiegħu. Mela xi jfisser dan li qrajna minn Eżekjel? Jista' xi ħadd jemmen li dawk il-Lhud li Eżekjel kiteb lilhom kellhom f'ġisimhom “**qalb tal-ġebel**”? Hekk jgħid Eżekjel 36, vers 26, li huma kellhom! Mhux hekk biss, immajkompli jgħid: “u nagħtikom **qalb tal-laħam**.” Mela huma mhux qalb tal-laħam kellhom? Qiegħed tara kemm ikun diffiċli li tinterpreta l-Iskrittura b'mod letterali u mhux figurattiv meta dak għandu jkun interpretat figurattivament? Żgur li l-premillenjalisti ma jinterpretawx “qalb tal-**ġebel**” letteralment! Jiena ċert li lanqas “qalb tal-**laħam**” huma ma jinter-pretwaha letteralment! Mela għaliex kliem ieħor jin-terpretawh b'mod letterali!

Alla hawn kien qiegħed jgħidilhom *b'mod figurattiv* li Hu kien se jnaddafhom mill-idolatrija kollha u dnubiet oħra ta' nuqqas ta' fedeltà. Għalkemm dan il-kliem intqal lin-nies ta' żmien Eżekjel, bla dubju dan il-kliem huwa applikat għas-salvazzjoni magħmula fi Kristu, li l-profezija fl-aħħar tħares lejha.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Ġeremija 31:31-34,**

“*Ara, jiġu l-jiem, jgħid il-Mulej, li jien nagħmel rabta ġdida ma' dar Iżrael, u ma' dar Ġuda: Mhux bħar-rabta li għamilt ma' missirijietkhom, meta qbadt-*

> *hom minn idhom biex noħroġhom mill-art ta' l-Eġittu; għax huma kisru r-rabta tiegħi, għalkemm jkien kont Sid-hom, jgħid il-Mulej.* ***Iżda*** *din tkun ir-rabta li nagħmel ma' dar Iżrael: Wara dawk il-jiem, jgħid il-Mulej, inqiegħed il-liġi tiegħi ġo fihom,* ***u niktibhom f'qalbhom****; u jien inkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi. U ma jgħallmux aktar wieħed lil għajru, u kull wieħed lil ħuh, billi jgħid: Agħarfu l-Mulej: għax huma lkoll jagħrfuni, miż-żgħir sal-kbir fosthom, jgħid il-Mulej: għax jien naħfrilhom il-ħażen tagħhom, u ma niftakarx aktar dnub-hom*" (ara wkoll Lhud 8:8-13; 10:15-18).

"*Qalb ġdida u spirtu ġdid.*" Jekk hemm xi importanza tipika dwar it-traxxix ta' l-ilma nadif, din għandha tkun fit-traxxix tad-demm ta' Kristu:

**Lhud 12:24,**

> "*Lejn Ġesù l-medjatur ta'* ***patt ġdid****; u lejn id-demm imraxxax tiegħu li jitkellem b'mod aqwa minn dak ta' Abel.*"

Id-demm ta' Ġesù huwa mraxxax fuq *il-qlub* ta' dawk li huma mnaddfin mid-dnub f'dan iż-żmien tad-dinja.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Lhud 10:22,**

*“Ħa nersqu b’qalb sinċiera bil-milja kollha tal-fidi, **bi qlubna mnaddfin minn kuxjenza ħażina, u ġisimna <u>maħsul b’ilma nadif</u>***.”

**Efesin** 5:25-27,

*“Intom irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, bħalma Kristu ħabb ukoll lill-knisja, u ta’ lilu nnifsu għaliha; Biex iqaddisha u jnaddafha **<u>bil-ħasil ta’ l-ilma</u> bil-kelma***.”

It-tindif mid-dnub, iżda, kemm matul iż-żmien ta’ Eżekjel, jew fiż-żmien Kristjan, kien ikun ta’ ftit benefiċċju għall-persuna nvoluta kieku ma kienx ikun hemm bidla tan-natura *ta’ ġewwa* (Rumani 6:3-7). Ir-riferenza għall-*qalb il-ġdida* għandha tinqara fid-dawl ta’ Eżekjel 11:14-21; 18:25-32; Ġeremija 31:31-34. Meta dan isir, ma jkunx diffiċli biex wieħed jara li l-bniedem ukoll għandu r-responsabbiltà (kuntrarju għal kif jgħallmu xi wħud), f’li jieħu *qalb ġdida u spirtu ġdid*. Għalkemm Alla jrid li kull bniedem ikun salv (Eżekjel 33:11; 1 Timotju 2:3, 4; 2 Pietru 3:9), huwa wkoll l-istess tassew li Alla ma jsalvax lil xi ħadd kontra r-rieda tiegħu, jew li ma jagħmilx il-parti tiegħu fil-pjan tal-Mulej biex isalva lil mitlufin (Efesin 2:8-10). L-Ispirtu s-Santu jgħid hekk dwar il-parti tal-bniedem:

**Rivelazzjoni 22:17,**

*“L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: ‘Ejja!’ min jisma’, ħa jgħid: Ejja! U min hu*

> *bil-għatx, ħa jiġi, u jieħu b'xejn* ***min irid*** *mill-ilma tal-ħajja.*"

"**Min irid**" ifisser li jista' jkun hemm "**min ma jridx**." "Min irid" u mhux bilfors. L-għażla hija ta' l-individid-wu u tiegħu biss! Jiddependi mill-individwu jekk hu jridx jew ma jridx li jilqa' l-istedina biex isalva!

**Rivelazzjoni 3:20,**

> "*Ara, jien qiegħed fil-bieb, u nħabbat: jekk xi ħadd jisma' leħni,* ***u jiftaħ il-bieb****, nidħol għandu, u niekol miegħu, u hu miegħi.*"

"Il-bieb" ħadd ma jista' jiftħu ħlief l-individwu! Il-Mulej qiegħed iħabbat kontinwament fuq il-bieb tal-qlub tan-nies, imma jiddependi mill-individwi jekk jiftħulux jew le. Ġesù mhuwiex se jisforza lil xi ħadd biex jiftaħlu. Imma meta persuna tagħmel dak li Alla ordna għaliha biex tagħmel fil-Kelma Tiegħu, il-Bibb-ja Mqaddsa, huwa f'dak il-waqt li l-Mulej jista' fil-fatt jagħtiha *qalb ġdida u spirtu ġdid*; u dak huwa dak li u mfisser meta l-Iskrittura tgħid li tkun "ħolqien ġdid fi Kristu" (Rumani 6:1-11; 2 Korintin 4:16; Kolossin 3: 9-10; Rumani 7:22). In-natura umana tista' tkun mib-dula biss meta l-bniedem jabbanduna lilu nnifsu:

**Mattew 16:24-25,**

> "*Imbagħad Ġesù qal lid-dixxipli tie-għu:* ***Jekk*** *xi ħadd irid jiġi warajja, ħa jiċħad lilu nnifsu, u jarfa' salibu, u jiġi*

*warajja. Għax **kull min irid** isalva ħaj-tu jitlifha: u kull min jitlef ħajtu min-ħabba fija jsibha.*"

"**Kull min irid**" isalva, bir-rieda tiegħu stess u mhux sfurzat minn Alla! Mela, kif diġà għedt, in-natura um-ana tista' tkun mibudla biss meta l-bniedem jabban-duna lilu nnifsu u jkollu sehem min-natura *divina* (1 Pietru 1:3-11).

Tajjeb hawn ukoll li niġbed l-attenzjoni għal tagħ-lim żbaljat ieħor, dak tal-predestinazzjoni, jiġifieri, li Alla għażel minn qabel lil min Hu jrid li jsalva! Jiġi kkwotat minn Efesin 1:3-11 u xi siltiet oħra mill-Iskri-ttura imma l-interpretazzjoni li tingħata hija żbaljata għaliex tikkontradixxi passaġġi oħra mill-Iskrittura bħal dawk li għadna kif qrajna aktar qabel. It-tifsira ta' Efesin 3:11, hija li kif Alla ippredestina l-kreaturi bil-garġi għall-ħajja fil-baħar, hekk ukoll dawk fi Kristu kienu ippredestinati għall-ħajja eterna Fih. Dawk kollha li **jiftħu l-bieb huma** għal Kristu biex jidħol fil-ħajja tagħhom, dawk kollha li **jridu u jmor-ru huma** minn jeddhom biex jieħdu b'xejn mill-ilma tal-ħajja huma ippredestinati għall-ħajja ta' dejjem. Alla ma jagħżilx min se jidħol fi Kristu, imma jgħid li dawk kollha li jagħmlu dan huma kklassifikati bħala l-maħturin Tiegħu. Ukoll naqraw dwar din l-għażla fit-Testment il-Qadim:

**Ġożwè 24:15,**

"*U jekk **jidhrilkom** li hu ħażin taqdu l-Mulej, **agħżlu intom** illum lil min **tri-du taqdu;** l-allat li qdew*

> *missirijietkom in-naħa l-oħra tax-xmara, jew l-allat ta' l-Amurrin, li intom qegħdin f'arthom: iżda ngħid għalija u għal dari, aħna naqdu l-Mulej.*"

Il-poplu ta' Iżrael kien hu li għamel l-għażla t-tajba f'dak il-waqt (Ġożwè 24:16) imma huma kienu fil-libertà li jagħmlu l-għażla l-ħażina wkoll li kieku riedu, l-istess kif huma fil-libertà kollha llum dawk kollha li jridu li jaċċettaw u jgħallmu t-tagħlim falz premillenjali. Kreatura ta' rieda ħielsa, il-bniedem jagħżel jekk jobdix jew ma jobdix lil Alla, u meta jagħżel lil Alla, u mhux lill-bniedem, hu b'hekk ikun maħtur għas-salvazzjoni fi Kristu Ġesù. Il-maħturin ta' Alla huma magħmula minn dawk kollha li ddeċidew **huma** biex jidħlu fi Kristu u dak huwa magħmul peremzz ta' ubbidjenza lejn l-Evanġelju:

**Rumani 6:16,**

> "*Ma tafux intom, li lil min tagħtu ruħkom bħala qaddejja biex tobduh, issiru qaddejja ta' dak li tobdu; sewwa taddnub għall-mewt, u sewwa ta' l-ubbidjenza għall-ġustizzja.*"

Dik hija salvazzjoni "bil-grazzja permezz tal-fidi" (Efesin 2:8). Il-grazzja ta' Alla tipprovdi salvazzjoni u l-fidi tal-bniedem taddatta dik il-barka.

Alla ippermetta lill-bnedmin il-libertà u r-rieda ħiel-sa biex jgħażlu huma t-tajjeb u l-ħażin. Xi wħud jidde-ċiedu li jgħażlu l-ħażin u jikkawżaw qirda ta' oħrajn kif fil-fatt qiegħed jiġri permezz tat-tagħlim

falz tal-premillenjalisti. In-neċessità hija l-ebusija tar-ras tan-nies u mhux id-digrieti ta' Alla. Alla ma joqtolx lin-nies, l-anqas ma jċaħħadhom min-natura ħielsa tagħ-hom, l-anqas ma jillimita l-azzjoni ħielsa tagħha fil-qasam allokat tagħha sabiex ma jħallix lill-bnedmin milli jidinbu. Hi liġi fundamentali tan-natura tal-bnie-dem li l-karattru tiegħu għandu jkollu medda sħiħa ta' ħsieb ħieles biex jiżviluppa lilu nnifsu; b'hekk ir-resp-onsabbiltà tkun tista' teżisti, il-penalità tkun tista' tkun iġġustifikata, u l-premju jkun jista jiġi mogħti.

**1 Pietru** 3:21,

> "***Dan l-ilma kien ifisser il-magħmu-dija, li issa ssalva lilkom ukoll****.* *Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem,* ***imma għax hi talba lil Alla ħierġa min kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu****.*"

Persuna tagħmel kutnatt mad-demm ta' Kristu **fil-magħmudija**. Il-magħmudija, "li issa **ssalva** lilkom ukoll," mhijex xi opra, kif jippruvaw jgħallmu xi wħud, imma, skond l-Ispirtu s-Santu, hija "*talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qaw-mien ta' Ġesù Kristu*" (qabbel Rumani 6:3-5 u Kolos-sin 2:12). "Il-bniedem il-qadim tagħna," jgħidilna l-Ispirtu s-Santu, "issallab miegħu, biex jinqered dan il-ġisem tad-dnub, sabiex ma nkunux aktar ilsiera tad-dnub" (Rumani 6:6). Dan isir biss permezz tal-magħ-mudija. Ma hemm ebda mod ieħor kif wieħed jista' jagħmel dan. Dan hu kif aħna nkunu mogħtija **qalb**

**ġdida u spirtu ġdid**. L-ispirtu mejjet tagħna jkun magħmul ħaj permezz ta' l-abitazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu u dan isir meta aħna nitgħammdu għall-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38) u mhux kif jgħallmu l-għalliema foloz moderni meta wieħed jemmen! Meta wieħed jemmen, Alla jagħtih "is-setgħa **li jsir** ibnu" (Ġwanni 1:12), u mhux **jagħmlu** ibnu! Dan isir iben ta' Alla meta hu jitgħammed (ara Galatin 3:26-27).

**Efesin 5:26,**

> "*U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha* ***bil-ħasil ta' l-ilma u l-kelma***."

Hawn naraw li l-ħasil ta' l-ilma jiġi permezz tal-Kelma ta' Alla li ġġib l-Evanġelju veru lis-semmiegħa tagħha.

Ħalli issa mmorru lura mill-ġdid għat-terminu "**f'artkom**," għax, kif diġà għedt aktar qabel, ħafna jattribwixxu dan (b'mod żbaljat għal kollox) għan-nazzjoni ta' Iżrael.

Tajjeb hawn li mmorru lura għall-bidu u naraw minn fejn l-idea ta' art għal Iżrael ġiet u kif din kienet ġiet interpretata ħażin u applikata ħażin.

**Ġenesi 12:1-3,**

> "*Issa l-Mulej qal lil Abraham: Oħroġ minn artek, u minn niesek, u minn dar missierek, lejn l-art li sa nurik: U nagħmel minnek ġens kbir, u nbierkek, u nkabbar ismek; u int tkun barka: u nbierek lil min ibierkek, u lil min jistħek, nisħtu:* ***u jitbierku fik il-familji kollha ta' l-art***."

**Ġenesi 12:7,**

> *"U l-Mulej deher lil Abraham, u qal: **Lil nislek nagħti din l-art**: u hemm bena artal lill-Mulej, li kien deherlu."*

Ibbażat fuq dawn iż-żewġ settijiet ta' versi aħna nistgħu nikkonkludu li Iżrael nazzjonali se jkollu art tiegħu u li dak ġara meta huma ħallew l-Eġittu u l-art ta' Iżrael kienet maqsuma fost tnax-il tribù li lkoll saru nazzjon wieħed. Issa ħalli nistaqsu l-mistoqsija, "huwa dan dak li Alla kellu quddiemu?" Għal darb'oħra aħna għandna nħallu l-Bibbja li tkun l-interpretu tagħha nfisha.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Ġenesi 13:5,**

> *"**Għax l-art kollha li qiegħed tara, nagħtihielek, u lil nislek għal dejjem.**"*

Hawn għandna għarfien ieħor hekk kif aħna naraw żewġ kelmiet li għandhom ikunu iffatturizzati fl-ekwazzjoni u dawn huma "għal dejjem." Alla issa qiegħ-ed jibda biex iżid dimensjoni eterna waqt li simultan-jament jitkellem fid-dimensjoni fiżika. **L-uniċi nies** fl-Iskrittura li se jkunu jgħammru f'art eterna se jkun l-mifdija ta' Alla, għalhekk Alla ċertament li m'għan-dux lil Iżrael nazzjonali quddiemu meta jitkellem dwar ħwejjeġ ta' dejjem, eterni. Issa, naturalment, hemm dawk li Alla salva minn Iżrael nazzjonali u Hu għadu qiegħed isalva ħafna Lhud fiżiċi llum u jdaħħa-lhom f'Iżrael

spiritwali. Ħalli nħarsu lejn vers wieħed ieħor li jinforza dan it-tagħlim u li aħna diġà ħarisna lejh imma tajjeb li nirripetuh.

**Ġenesi 17:8,**

> "*U ngħati lilek, u lil nislek warajk, l-art li fiha inti qiegħed barrani, l-art kollha ta' Kangħan,* ***biex tkun tagħkom għal dejjem****: u jien inkun Alla tagħkom.*"

Kull darba li inti tara xi wieħed mill-patti fl-Iskrittura li għandu l-kliem li jitkellem dar l-eternità, int awto-matikament tkun taf li Alla mhux qiegħed jitkellem dwar patt fiżiku imma li qiegħed jitkellem dwar l-Eva-nġelju li huwa patt etern. Alla diġà wettaq il-wegħdiet kollha Tiegħu lil Abraham f'konnessjoni ma' l-art fiż-ika. Xi wħud, sfortunatament, dan huma għadhom ma jaċċettawħx, imma jekk huma tassew li jridu jkunu jafu l-verità dwar dan, u jħallu l-Kelma ta' Alla tinter-pretalhom Hi, allura m'għandu jkollhom ebda diffi-kultà biex jifhmu sewwa t-twettiq ta' dawk il-wegħdi. Hawn huma xi Skrittrui li jirrivelaw dan:

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Ġożwè 21:43-45,**

> "***U hekk il-Mulej ta lill-Iżrael l-art kollha li kien ħalef lil missirijiethom li jagħtihom; huma <u>ħaduha</u> u qagħa-du fiha****. U l-Mulej tahom is-serħan minn kullimkien,* ***kollox bħal ma ħalef lil***

> ***missirijiethom**, u ħadd mill-egħdewwa tagħhom kollha ma waqaf quddiemhom; il-Mulej erħilhom f'idej-hom l-egħdewwa tagħhom kollha. **Ma baqa' xejn mill-wegħdi ta' ġid li l-Mulej għamel lil dar Iżrael LI MA SEĦĦX; KOLLOX SAR**.*"

"Huma **ħaduha u qagħdu** fiha" u ħaduha mhux fl-1948 jew għad iridu jeħduha meta Kristu jerġa' jiġi, imma ħaduha fi żmien Ġożwè! Temmen int li "**ma baqa' xejn mill-wegħdi…xi jseħħu**" jew temmen li għad baqa' xi jseħħ kif jgħallmu l-premillenjalisti llum? Ma tantx hemm x'wieħed jitfixkel dwar dan, jew il-Mulej qarraq jew il-premillenjalisti qegħdin iqa-rrqu! Jiena nemmen lill-Mulej, int lil min se temmen?

**Ġożwè 23:1-5,**

> *"U ġara, żmien twil wara li l-Mulej se-rraħ lil Iżrael mill-egħdewwa tagħhom kollha dawramejt, illi Ġożwè kien xjieħ u mdaħħal fiż-żmien. U Ġożwè sejjaħ lil Iżrael kollu, lix-xjuħ tiegħu, lill-kapijiet tiegħu, lill-imħallfin tiegħu, u lill-uffiċjali tal-poplu, u qalilhom: Jien xjieħt u dħalt fiż-żmien, U intom rajtu kulma għamel il-Mulej, Alla tagħ-kom, hu li tqabad għalikom. Araw, jien qassamtilkom bix-xorti, bħala wirt, skond it-tribujiet tagħkom, dawk il-ġnus li baqa', u dawk kollha li*

*jien qridt, mill-Ġurdan sal-baħar il-kbir, in-naħa ta' nżul ix-xemx.* ***U l-Mulej, Alla tagħkom, hu jaqlagħhom minn quddiemkom, u jkeċċihom minn qu-ddiemkom; u intom tieħdu arthom, bħalma l-Mulej, Alla tagħkom, we-għidkom****.*"

**1 Slaten 8:56,**

"*Imbierek il-Mulej li ta l-mistrieħ lill-poplu tiegħu Iżrael,* ***skond kulma wie-għed****: **ma sfatx fix-xejn KELMA WAĦDA mill-wegħdiet kollha tie-għu** permezz ta' Mosè, il-qaddej tie-għu.*"

"Ma sfatx fix-xejn KELMA WAĦDA mill-wegħdiet ta' Alla. Imma sfortunatament il-premillenjalisti dan għadhom ma jistgħux jifhmuh! Huma għadhom u jridu li jibqgħu jsostu li għad hemm xi wegħdiet li għad iridu jiġu mwettaq fil-futur. Dan huwa żball kbir għaliex b'hekk huma qegħdin igiddbu lil Alla.

**Neħemija 9:7-8, 23,**

"*Int hu l-Mulej, Alla,* ***li għażilt lil Abram****, u ħriġtu minn Ur tal-Kaldin, u semmejtu Abraham. U int sibt qalbu fidila quddiemek, u għamilt patt miegħu li tagħtih art il-Kangħanin, il-Ħittin, l-Amurin, il-Periżżin, il-Ġebusin, u l-Girgasin,* ***u int żammejt kelmtek****; għax int ġust….Kattart 'l uliedhom daqs il-*

*kwiekeb tas-sema,* ***u wassalthom fl-art li int kont weghidt lil missirijiethom li ghad jiġu fiha biex jeħduha f'idejhom.***"

Aħna naraw li l-Iskrittura tgħallem li Alla WETTAQ il-Kelma Tiegħu lill-Patrijarki dwar l-art l-imwiegħda. Il-Lhud daħlu u ħadu l-art skond il-wegħdiet ta' Alla. Meta predikaturi u għalliema tal-profezija jiktbu kotba u jgħidu li Alla għad għandu x'jagħti lil Iżrael, huma jiżbaljaw bil-kbir **għaliex huma jkunu qegħdin isejħu lil Alla giddieb** billi jwarrbu dawn il-passaġġi mill-Kelma Tiegħu! Alla wiegħed lilhom l-art, huma **ħaduha** (Ġożwè 21:43) imma x'ġara? Ħalli tgħidilna l-Kelma ta' Alla x'ġara:

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Eżekjel 33:25-29,**

"*Mela għidilhom hekk: Hekk jgħid il-Mulej, Alla: Tmorru tieklu l-laħam bid-demm fih, u terfgħu għajnjekom lejn l-idoli tagħkom intom u xxerrdu d-demm: u tridu tirtu l-art? Intom tafdaw fuq ix-xwabel tagħkom, tagħmlu ħwejjeġ moqżieża, tkasbru mart xulxin, u issa tippretendu li tirtu l-art? Għidilhom dan: Dan jgħid il-Mulej, Alla: Daqs kemm jien ħaj, dawk li għad hemm fuq il-ħerbiet għad jaqgħu bix-xabla u dawk li qegħdin bil-beraħ tar-raba' nagħtihom lid-dbejjeb biex jibilgħuhom, u dawk li qegħdin fil-fortizzi*

*u fl-għerien imutu bil-pesta.* ***Għax jien nagħmel l-art ħerba, u deżert****, u l-kburija ta' qawwitha titrażżan; u l-muntanji ta' Iżrael jitħarbtu, u ħadd ma jgħaddi minnhom. Imbagħad jagħrfu li jien il-Mulej,* ***meta l-art nagħmilha ħerba, u deżert, minħabba l-ħwejjeġ mistkerrha kollha li għamlu****.*"

Alla sempliċiment neħħihom minħabba li huma ħżienu u marru wara allat foloz. Dan hu għaliex l-art tagħhom kienet meħuda minn għandhom u d-diżubbidjenza tagħhom ma tikkostitwixxix dejn ta' l-art li għandha tinagħta lilhom. Huma kisru l-patt jew ir-rabta li rriżulta fil-penalità li tilfu l-art. Għalhekk, Alla ma huwa obligat bl-ebda mod lejhom u n-negozjanti tal-kotba tal-profeziji u l-għalliema u l-profeti foloz moderni, li huma arma qawwija f'idejn Satana, u li qegħdin jipproduċu dan it-twemmin falz fil-kotba ta-għhom, qegħdin sempliċiment jigdbu u jaħarbu mill-veritajiet tal-passaġġi mill-Iskrittura Mqaddsa li għad-na kif rajna. Imma nistaqsi jien, "lest int li wara li tkun rajt il-verità, twarrab dak it-tagħlim falz, u min-flok ma tkompli taqdi lil Satana tibda minn issa, taqdi lill-Mulej? Għal xi wħud it-tweġiba se tkun le għaliex huma mhumiex lesti li jumiljaw lilhom infushom u jaċċettaw li huma kienu fl-iżball! Imma l-Ispirtu s-Santu jwissi:

**Ġakbu 4:17,**

> "*Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu jagħmel u ma jagħmlux,* ***jagħmel dnub****.*"

U aħna nafu lid-dnub hu l-ksur tal-liġi ta' Alla:

**1 Ġwanni 3:4,**

> "*Kull min jagħmel id-dnub jikser ukoll il-liġi,* ***għax id-dnub hu l-ksur tal-liġi****.*"

U li tikser il-liġi jkun ifisser li tkun ikkundannat. Sfortunatament, iżda, il-biċċa l-kbira minn dawk li jkunu jemmnu xi tagħlim li ma jkunx Skritturali, għalkemm huma jsibu li qegħdin fl-iżball, pero, xorta waħda jkunu jridu jibqgħu f'dak it-tagħlim u ma jkunux lesti li jwarrbuh fil-ġenb. Li wieħed jumilja lilu nnifsu u jammetti li kien fl-iżball mhuwiex faċli. Is-suppervja hija arma qawwija f'idejn Satana u għandha qawwa kbira fuq dak li jkun! Ħafna huma kuntenti li jibqgħu jiksru l-liġi ta' Alla mbasta ma jċedux l-opinjonijiet tagħhom!

**<u>Eżekjel 37:15-17</u>**

> "*Il-kelma tal-Mulej reġgħet ġiet għandi, tgħid: U int, O bin il-bniedem, ħu biċċa njama u ikteb fuqha, Għal Ġuda, u għal ulied Iżrael sħabu: imbagħad ħu biċċa njama oħra, u ikteb fuqha: Għal Ġużeppi, il-bastun ta' Efrajm, u għal dar Iżrael kollha u sħabu.* ***U għaqqadhom waħda ma' l-oħra f'biċċa njama waħda f'idek****.*"

Hawn aħna naraw li Eżekjel huwa ordnat biex jieħu żewġ injamiet li jirrappreżentaw is-saltniet tan-nofs in-nhar u tat-tramuntana ta’ Iżrael. Eżekjel huwa ordnat ukoll biex jieħu ż-żewġ injamiet f’idu u kif jagħmel dan it-tnejn isiru **waħda**. Issa għalina biex nifhmu t-tifsira **spiritwali** wara dan aħna għandna nħarsu aktar fil-Bibbja biex tagħtina l-għarfien. Tinsiex li fl-Bibbja għandna nħarsu u mhux fil-kotba profetiċi ta’ xi għalliem falz! L-iżball li jsir minn dawk li jħaddnu t-tagħlim falz huwa li huma l-ewwel ikunu qraw jew semgħu dak it-tagħlim u wara li jkunu daħħluh f’moħħom, imbagħad jippruvaw iqabblu l-Bibbja miegħu minflok ma jqabblu t-tagħlim mal-Bibbja ukoll għalkemm xi kultant huma jagħmlu dan mingħajr ma jindunaw! Ħalli nħallu l-Kelma ta’ Alla titkellem hi.

**Il-Kelma ta’ Alla tinterpretalna:**

**Isaija 14:1,**

> “*Għax il-Mulej iħenn għal Ġakobb, u jerġa’ jaħtar lil Iżrael, u jqegħidhom f’arthom:* ***u l-barranin jingħaqdu magħhom ma’ dar Ġakobb***.”

Innota f’dan il-passaġġ li “barranin” jew “għorba” jkunu magħqudin ma’ Ġakobb. Jekk int ma tafx, *Ġakobb* hija riferenza biblika għall-*mifdija ta’ Alla*. Issa x’barranin sejrin jingħaqdu ma’ Ġakobb? Meta mmorru għat-Testment il-Ġdid, aħna nsibu f’postijiet li Alla sejjer isalva lill-Ġentili wkoll mhux biss fdal minn Iżrael nazzjonali jkunu salvati imma ħafna Ġentili jku-nu salvati wkoll. Aħna naqraw f’Rumani 11 dwar kif il-Ġentili kienu mlaqqma fis-siġra naturali. Il-

verità ta' l-Evanġelju ġiet lill-Iżrael nazzjonali l-ewwel u emm-nu u f'dik is-siġra fejn is-siġar selvaġġi taż-żebbuġ jew il-Ġentili tlaqqmu fihom għas-salvazzjoni. It-taħlit tal-Ġentili u l-Lhud fiżiċi biex jiffurmaw l-Iżrael ta' Alla huwa mqiegħed fit-tmiem ta' Rumani kapitlu 11.

**Rumani 11:25-26,**

> "*Għax ma rridx, ħuti, li ma tkunux tafu dan il-misteru, li ma taħsbux li intom għorrief fi ħsibijietkom; biċċa minn Iżrael webbsu qalbhom,* ***sama l-milja tal-Ġentili tidħol****. U hekk Iżrael kollu jkun salvat: bħalma hu mitkub: Minn Sijon joħroġ il-Feddej,* ***u jwarrab il-ħażen minn Ġakobb****:*"

Dan il-vers probabbilment kien u għadu l-aktar vers mifhum ħażin u applikat ħażin fit-Testment il-Ġdid. In-neguzjanti tal-profezija jkomplu jużaw dan il-vers bħala test ta' prova tagħhom lin-nazzjon kollu ta' Iżrael sejjer isir salv fi żmien fil-futur. Iċ-ċavetta ħalli wieħed jifhem dan il-vers hija sempliċiment "*sama l-milja tal-Ġentili tidħol.*" Aħna rajna f'Eżekjel li Alla kien sejjer jagħmel nazzjon wieħed ta' Iżrael barra miż-żewġ injamiet, is-saltniet tan-nofs in-nhar u tat-tramuntana. Il-prinċipju **spiritwali** huwa sempliċi. Meta Alla jibda biex isalva lill-Ġentili minn ħafna pajjiżi u meta l-aħħar wieħed li għandu jkun salv ikun salvat, imbagħad "IŻRAEL KOLLU JKUN SAL-VAT." L-Iżrael kollu huwa l-Knisja ta' Kristu u *mhux* xi nazzjoni fiżiku ta' Iżrael, kif diġà spjegajt aktar qa-

bel dwar min hu Iżrael (ara paġni 37-39). Xi wħud jinqabdu f'dak it-tagħlim falz minħabba li f'vers 26 ta' Rumani 11 xi verżjonijiet tal-Bibbja, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, iżidu l-kelma "*imbagħad*" minflok "*U hekk*" Iżrael kollu jkun salvat." Dawk huma tradu-zzjonijiet żbaljati għal kollox li jwasslu lil dak li jkun biex jasal ħalli jaċċetta t-tagħlim falz! Għalhekk wieħ-ed għandu jiċċekkja sewwa qabel ma jaċċetta xi tagħ-lim! Il-Lhud jistgħu jsalvaw biss permezz ta' l-Evan-ġelju. "*U hekk*" Iżrael kollu jkun salvat. Ma hemm ebda mod ieħor imsemmi fl-Iskrittura kollha li bih xi ħadd, kemm bħala individwu u kemm bħala grupp ta' nies, li bih jista' jew jistgħu jsalvaw barra minn ubbid-jenza lejn il-kmand sempliċi tal-Mulej tagħna, Ġesù Kristu:

**Mark 16:16,**

> "*Min jemmen u jitgħammed, isalva, iżda min ma jemminx, ikun ikkundan-nat.*"

**2 Pietru 3:9,**

> "*Ma jdumx il-Mulej ma jagħmel li sseħħ il-wegħda tiegħu, bħal ma jaħsbu x'uħud li għad iddum; imma hu jista-bar għal żmien twil magħna,* ***għax ma jridx li x'uħud jintilfu, imma li lkoll jaslu għall-indiema***."

**Ġwanni 6:39,**

> "*U din hi r-rieda tal-Missier li bagħat-ni,* ***li ma nitlef xejn minn dak kollu***

***li tani, imma li nqajmu fl-aħħar jum.***"

Hawn għandna żewġ versi li jarmonizzaw it-tifsira. Fit-2 Pietru 3:9 aħna naqraw li Alla "ma jridx li x'uħud jintlifu." Min huma dawn li Alla ma jridx li jintilfu? Dawn huma l-maħturin Tiegħu. Fi Ġwanni 6:39 Ġesù jgħid li dawk kollha li l-Missier jagħtih jiġu Għandu, Hu ma jitlifhomx.

Ħalli nkomplu u nħarsu lejn ftit aktar versi li jagħtuna għarfien aħjar ta' l-idea li tgħaqqad tnejn biex tagħmel wieħed. Jekk wieħed jaqra bil-għaqal dawn il-versi li ġejjin, jiena nassigurah li mingħajr ma jkun irid ikollu jwarrab ħafna mit-tagħlim premillenjali.

**Efesin 2:13-22,**

> "*Imma issa fi Kristu Ġesù, intom li darba kont bgħid ħafna, sirtu qrib biddemm ta' Kristu.* ***Għax hu s-sliem tagħna, u t-tnejn għamilna wieħed, u waqqa' l-ħajt tan-nofs li kien jifridna****; Billi ħassar b'ġsimu l-mibegħda, il-liġi tal-kmandamenti, li tikkonsiti fi preċetti; biex* ***mit-tnejn jagħmel fih innifsu bniedem wieħed ġdid****, u hekk iġib is-sliem; U biex iħabbibkom* ***it-tnejn f'ġisem wieħed ma' Alla bis-salib****, wara li jkun qered bih il-mibegħ-da:* ***u ġie u xandar is-sliem lilkom li kontu bgħid u lil dawk li kienu qrib.*** *Għax permezz tiegħu,* ***aħna t-tnejn*** *għandna dħul bi*

*Spirtu* ***wieħed*** *għand il-Missier.* ***Issa mela*** *m'għadkomx ak-tar barranin u għorba,* ***imma nies ta' l-istess belt mal-qaddisin, u tad-dar ta' Alla.*** *Mibnijin fuq il-pedamenti ta' l-appostli u tal-profeti, b'Ġesù Kristu nnifsu bħala l-ġebla tax-xewk;* ***Li fih il-bini kollu mgħaqqad tajjeb*** ***<u>flim-kien</u>*** ***jikber f'tempju mqaddes fil-Mulej: Li fih intom ukoll mibnijin flimkien biex tkunu l-agħmara ta' Alla permezz ta' l-Ispirtu.***"

Hawn aħna naqraw li Kristu Hu s-sliem (il-paċi) tagħna li għamel **wieħed mit-tnejn**, kemm Lhud u kemm Ġentili jkunu miġjuba fil-knisja u b'riżultat Hu jagħmel bniedem **wieħed ġdid** minna t-tnejn. Innota li dawn il-versi jgħidu wkoll li Hu xandar lil dawk li kienu fil-bogħod ħafna u dawk li kienu fil-qrib. Din hija indikazzjoni oħra li l-Evanġelju jmur għand il-Ġentili kif ukoll għand il-Lhud. Ukoll l-Iskrittura tgħallem li aħna t-tnejn għandna aċċess jew dħul għal għand il-Missier bi Spirtu wieħed. It-tagħlim jgħidilna li aħna lkoll nieqfu fuq l-istess grad u li ebda razza waħda ma tieqaf quddiem Alla bi status aktar favorit minn xi razza oħra. Aħna naraw li dawk li jsiru salvi huma mibnija f'tempju qaddis fil-Mulej. Ftit lura jiena semmejt il-fatt li Eżekjel 40—48 ma kinux qegħdin jiddeskrivu xi "Tempju tal-Millenju" imma kienu qegħdin jiddeskrivu l-perfezzjoni tal-knisja f'termini tal-bini. Vers 22 jirrivela lilna lit-tempju

huwa wieħed **spiritwali** u mhux wieħed **fiżiku** jew **materjali**. Dwar dawn naqraw fit-Testment il-Ġdid:

**1 Pietru 2:5,**

> "*U intom ukoll, bħal ġebel ħaj,* ***inbnew f'dar spiritwali****, saċerdozju qaddis biex toffru sagrifiċċji* ***spiritwali****, li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu*"

"Dar **spiritwali**...sagrifiċċji **spiritwali**." Xejn letterali, xejn materjali, xejn fiżiku! Dan hu t-tagħlim safi tal-Kelma ta' Alla. "Dar materjali, dar fiżika, sagrifiċċji fiżiċi. Dan hu t-tagħlim premillenjali! Jaqblu ma' dan l-Ispirtu s-Santu u l-kittieba ispirati? Jekk wieħed ikollu xi dubju dwar jekk jaqblux jew ma jaqblux, allura ħalli jaqra x'għandhom xi jgħidu huma dwaru:

**1 Korintin 2:13,**

> "*Li aħna wkoll nitkellmuhom, mhux bi kliem li jgħallem l-għerf il-bniedem, iżda li jgħallem l-Ispirtu s-Santu;* ***inqabblu ħwejjeġ spiritwali ma' dak li hu spiritwali****.*"

"Inqabblu ħwejjeġ **spiritwali** ma' dak li hu **spiritwali**." Imma l-premillenjalisti jqabblu l-ħwejjeġ **materjali** ma' dak li hu **spiritwali**, jew inkella, huma jqabblu l-ħwejjeġ **spiritwali** ma' dak li hu **materjali**! Imma huma **qatt** ma jqabblu l-ħwejjeġ **spiritwali** ma dak li hu **spiritwali!** B'hekk huma lil Satana jqarraq bihom faċilment!

**<u>Eżekjel 37:18-19</u>**

*"U meta wlied il-poplu tiegħek ikellmuk u jgħidulek, ma tfissrilniex xi trid tgħid b'dawn? Għidilhom: Hekk jgħid il-Mulej Alla: Araw se nieħu l-ħatar ta' Ġużeppi, li hemm f'id Efrajm, u t-tribujiet ta' Iżrael sħabu, u nqiegħdom miegħu, ukoll il-ħatar ta' Ġuda,* ***u nagħmilhom ħatar wieħed, u huma jkunu waħda f'idi****."*

Alla jkompli ħalli jenfasizza li Hu sejjer jagħmel nazzjon **wieħed** minn **tnejn** imma hawn Hu jgħid liż-żewġ nazzjonijiet isiru **wieħed** f'idu. Ħalli nħarsu lejn passaġġ ta' l-Iskrittura li jagħtina għarfien għal x'hiex il-ħatar wieħed f'id Alla jkun jixbaħ. Tinsiex xi qrajna f'paġna 128 dwar dak li jgħid Efesin 2:13-22.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Isaija 62:1-5,**

*"Minħabba f'Sijon ma niskotx, u minħabba f'Ġersusalem ma nehdiex, sama joħroġ bħad-dija l-ħaqq tagħha, u s-sal-vazzjoni tagħha bħal torċa tixgħel. U l-Ġentili jaraw is-sewwa tiegħek, u s-slaten kollha l-glorja tiegħek: u jsejħulek b'isem ġdid, li jagħżlu fomm il-Mulej.* ***U int tkun ukoll kuruna ta' glorja <u>f'id il-Mulej</u>, u dijadema ta' sultan <u>f'id Alla tiegħek</u>****. Ma jgħidulekx aktar: Mitluqa; u lanqas lil artek ma jgħidulha aktar Imħarbta: iżda lilek isejħulek: il-għaxqa tiegħi fiha, u lil ar-*

*tek: miżżewġa: għax il-Mulej jitgħax-xaq bik, u artek ikollha żewġha. Għax bħalma jiżżewweġ żagħżugħ xebba, hekk uliedek jiżżewwġuk: u bħal ma jifraħ il-għarus bil-għarusa,* ***hekk Alla tiegħek jifraħ bik****.*"

Dan il-passaġġ jieħu studju ieħor sħiħ biex jitfisser imma aħna sejrin nagħtuh daqqa t'għajn fuq fuq issa. Aħna naraw li l-Evanġelju se joħroġ 'il quddiem qisu xi ħaġa lid-dawwal it-triq u li qatt ma tintefa'. Aħna nistgħu nsejħu s-salvazzjoni fjamma eterna. Aħna wkoll sejrin inkunu msemmija b'isem ġdid li ma kienx magħruf fi żmien Isaija li jista' jkun l-isem "Kristjan" (Atti 11:26). Iżda, meta wieħed ifittex fit-Testment il-Qadim, aħna nsibu ħafna ismijiet għall-emmieni miktuba hemm. Wieħed minnhom huwa "Sijon." Il-kelma "Qaddis" hija wżata fit-Testment il-Qadim 37 darba. Alla se jagħmilna kuruna tal-glorja f'Idejh. Ix-xogħol Tiegħu tal-fidwa huwa l-glorja li tinkuruna Tiegħu kif il-Ġentili kollha jaraw ix-xogħol Tiegħu tal-fidwa. Dan hu muri bl-abbundanza llum f'dawk li jemmnu. Wieħed kien sakranazz, u issa hu salv. Wieħed kien ħalliel imma issa hu salv. Wieħed kien qattiel, imma issa hu salv. Tassew hija grazzja ta' l-għaġeb!

Imbagħad Alla jgħid li aħna ma nkunux aktar mit-luqa lanqas l-art tagħna ma tkun imħarbta. Dik il-kel-ma "imħarbta" f'vers 4 tfisser "abbandunata, bla ħajja jew ħawlija." Kif kienet ħajjitna qabel ma ġie Kristu fina? Dawk it-tliet kelmiet jiddeskrivuha. Imbagħad hu jkompli jgħid li aħna nkunu miżżewwġa. Mhumiex

l-emmiena (il-knisja) l-Għarusa ta' Kristu (Isaija 61: 10; Efesin 5:22-23; Rivelazzjoni 21:2; 22:17). Innota wkoll f'vers 4 Hu jgħid li "l-art" tkun miżżewwġa. Din hija definittivament stampa tal-ġisem ta' l-emmie-na, il-knisja ta' Kristu, u r-raġuni li jiena dommatti-kament ngħid dan hija li qatt xi ħadd żewweġ l-art? Imbagħad f'ves 5 naqraw kif Alla feraħ fuqna bħala l-mifdija Tiegħu. Hekk aħna serjin ikunu fl-art tal-Mulej, fis-Smewwiet għal dejjem ta' dejjem (Mattew 5:12; 6:19-21; Filippin 3:20; 1 Tessalonikin 4:17; 1 Pietru 1:3-4) u mhux li nibqgħu ngħixu fuq l-art kif jgħallmu l-profeti u l-għalliema flolz moderni! Kemm hu differenti kliem il-Mulej tagħna! Min m'għandux għajnejn **spiritwali**, dan ma jaraħx!

**Eżekjel 37:20-21**

> "*U l-injamiet li fuqhom tikteb ikunu f'idejk quddiem għajnejhom. U għidil-hom: Hekk jgħid il-Mulej Alla, Araw, jien se nieħu lil ulied Iżrael minn fost il-ġnus, fejn marru, u niġmagħhom minn kull naħa, u* ***nġibhom lejn art-hom****.*"

Tajjeb hawn li naqraw passaġġ ieħor minn Eżekjel:

**Eżekjel 34:11-13,**

> "*Għax hekk jgħid il-Mulej Alla, Araw,* ***hekk jien se nfittex in-nagħaġ tiegħi u nieħu ħsiebhom****. Bħalma r-ragħaj ifittex il-merħla tiegħu fil-jum li fih ikun fost in-nagħaġ li huma mxerrda*

*tiegħu, u neħlishom minn kull post fejn kienu mxerrda f'jum ta' sħab u swied ta' ajru. U jien noħroġhom minn qalb il-popli, u niġmagħhom mill-pajjiżi,* ***u nġibhom lejn arthom****; u nirgħahom fuq il-muntanji ta' Iżrael, fil-widien u fil-postijiet kollha abitati tal-pajjiż.*"

Staqsi lilek innifsek hawn, meta int qrajt jew xi jekk xi ħadd qralek dawn il-passaġġi, x'interpretazzjoni taj-thom jew kienet mogħtija lilek? Kienet l-interpretazz-joni lin-nazzjon ta' Iżrael kellu jerġa' jmur lura lejn Iżrael fiżiku? Jekk int aċċettajt dik l-interpretazzjoni, allura int kont ingannat!

Hawn il-Mulej jerġa' jintroduċi l-art. (Ara dak li għedna dwar Eżekjel 36:24-28 aktar qabel minn paġna 108). Alla jgħid li Hu se jħares u jfittex għan-nagħaġ Tiegħu kull fejn huma kienu mxerrda. Imbagħad Hu jġibhom f'arthom. Innota li Hu jgħid li *huma jkunu miġbura barra mill-pajjiżi*. Minn fejn huma ġejjin il-mifdija kollha llum? Huma dawn ġejjin minn Iżrael? It-tweġiba hija le, dawn huma ġejjin *mill-ġnus kollha tad-dinja* nkluż Iżrael nazzjonali. U naturalment in-nazzjon li Alla qiegħed iħawwel lill-emmiena fih hu-wa l-Iżrael ta' Alla jew l-Iżrael ta' dejjem tal-Patt (ara Rumani 3:29-30; 10:1-12; Galatin 3:26-29; 6:11-16). Hu wkoll jitmagħhom max-xmajjar (fil-widien).

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Salm 1:3,**

> *"U jkun* ***bħal siġra mħawla ħdejn nixxiegħat ta' l-ilma****, li tagħti l-frott fi żmienha, u ma jidbielx ukoll il-weraq tagħha; u kulma tagħmel isir ġid."*

X'inhi n-nixxiegħa l-kbira li titma' lil dawk li jemmnu? Il-Kristjan jiġi direttament taħt il-kura tal-Mulej. L-emmiena huma mitmugħa mill-Ispirtu s-Santu li jagħtihom għarfien fl-Iskrittura Mqaddsa u jiggwidahom permezz tal-Kelma Tiegħu (Ġwanni 14:26; 15: 26). Il-muntanji jew l-għoljiet ta' Iżrael huma sinonimu għas-Saltna ta' Alla.

**Salm 121:1,**

> *"Narfa' għajnejja* ***lejn il-għoljiet****, minn fejn tiġi l-għajnuna tiegħi."*

**Salm 72:3,**

> *"Il-muntanji jġibu s-sliem lill-poplu; u l-għoljiet iġibu l-ġustizzja."*

X'muntanja sejra ġġib is-sliem, il-paċi għall-poplu ta' Alla? Żgur li ħadd ma jemmen li din hija xi muntanja fiżika, tal-ġebel u trab! Din hija s-Saltna ta' Alla permezz tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Din hija murija bit-terminu "muntanja" ħafna drabi fl-Iskrittura. L-għajnejn **spiritwali** dan jarawh imma sfortunatament dawk l-għajnejn **materjali** dan ma jarawħx! Ma jarawħx mhux għaliex il-Kelma ta' Alla mhijiex ċara imma għaliex huma ma jridux jumiljaw lilhom infushom u jammettu li qegħdin fl-iżball. Ġesù jgħid,

**Ġwanni 18:36,**

"*…Is-saltna tiegħi* ***mhix*** *ta' did-dinja:* ***kieku ta' did-dinja kienet is-saltna tiegħi****, il-qaddejja tiegħi kienu jissieltu, biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud:* ***imma issa s-saltna tiegħi MHIX TA' HAWN****.*"

**Lhud 12:18-24,**

"***Intom*** *ma rsaqtux lejn in-nar* ***materjali*** *u jħeġġeġ tas-Sinaj; lejn dak isswied u d-dlam u r-riefnu; lejn dak iddaqq ta' tromba u ħoss ta' kliem li dawk li kienu jisimgħuh talbu bilħerqa biex ma jkellimhomx aktar; għax huma ma felħux għal dan il-kmand: 'Imqar jekk bhima tmiss il-muntanja, tkun im-ħaġġra'. Kienet hekk tal-biża' dik id-dehra, li Mosè qal: "Qiegħed nitrie-għed bil-biża'."* ***Imma intom*** *ersaqtu lejn* ***il-muntanja Sijon****, u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj,* ***Ġerusalem tassema****, u lejn numru ta' għad ta' anġli f'ġemgħa ferrrieħa; lejn il-ġemgħa ta' l-ulied ew-lenin* ***li isimhom hu miktub fis-sema****; lejn Alla l-imħallef ta' kulħadd; lejn l-erwieħ ta' nies tajba u perfetti, lejn Ġesù l-Medjatur ta' patt ġdid; u lejn id-demm imraxxax tiegħu li jitkellem b'mod aqwa minn dak ta' Abel.*"

“*Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja Sijon*” hija f’kuntrast għall-muntanja Sinaj. Fi żmien Mosè kell-hom **muntanja** li huma kellhom jevitaw. Illum, aħna għandna **muntanja** li nistgħu navviċinawha. Il-*munt-anja Sijon* tieqaf għall-grazzja, u mhux għall-muntanja **letterali**. Il-Muntanja Sijon hija parti mill-għolja ta’ Ġerusalem, u billi din kienet is-siġġu ta’ l-awtorità rjali u saċerdotali din kienet imsejħa sewwa “l-għolja mqaddsa ta’ Sijon.”

**Salm 2:6,**

> “*Madankollu jien qegħidt is-sultan tiegħi fuq Sijon, il-għolja mqaddsa tiegħi.*”

Sijon jintqal dwarha bħala li hija l-post fejn Alla jgħa-mmar, bħala li hija d-dar ta’ Alla u mhux bħala li hija xi muntanja li tinsab hawn fuq l-art. L-Iskrittura Mqaddsa tgħidulna dan b’mod l-aktar ċar:

**Salm 132:13,**

> “*Għax il-Mulej għażel lil Sijon; hu xtaqha tkun id-dar tiegħu.*”

Din hija l-belt **tas-sema** li Abraham ħares ’il quddiem għaliha (Lhud 11:10). Din il-belt hija mfissra f’Rivel-azzjoni kapitli 21 u 22. Din hija l-Ġerusalem ta’ fuq kif l-appostlu Pawlu għallem dwarha f’Galatin 4:26.

Imma l-premillenjalisti, billi għandhom għajnejn **fiżiċi** jew **materjali**, moħħom fil-ħwejjeġ u l-ġrajjiet tad-dinja, jgħidu lis-saltna ta’ Ġesù hija ta’ did-dinja, TA’ HAWN, fuq l-art *għal elf sena*! Imma kemm hu differenti kliem il-Mulej!! L-għażla tagħna hija waħda sempliċi, jew lis-saltna ta’ Kristu MHIX TA’ HAWN,

kif qal Hu Nnifsu (Ġwanni 18:36) jew inkella lis-saltna ta' Kristu hija TA' HAWN, kif jgħidu l-premillenjalisti! Xi ħadd mit-tnejn hu żbaljat! Il-Mulej qal li "*mhix ta' hawn*" biex żgur li ma jkun hemm ħadd li jipprova jinterpretalu kliemu, kif fil-fatt jagħmlu l-għalliema foloz dwar il-kliem "mhix ta' did-dinja" billi huma jgħidu li fl-oriġinal huwa "mhix ta' dan iż-żmien." Huwa tassew li hekk hija fl-oriġinal imma din tfisser l-istess. Il-Mulej Innifsu ta' l-interpretazzjoni ta' dik il-frażi u għalhekk m'għandu jkollna ebda diffikultà biex nifhmuha! L-interpretazzjoni ċara u sempliċi li l-Mulej ta ta' dik il-frażi hija lis-saltna Tiegħu "MHIX TA' HAWN" u trid tassew tkun prużuntuż biex tgħid li hi "ta' hawn" għal elf sena! Sejrin aħna niddubitaw il-kliem tal-Mulej biex naċċettaw it-tagħlim falz tal-premillenjalisti?

## Eżekjel 37:22

> "*U nagħmilhom ġens wieħed fil-pajjiż, fuq il-muntanji ta' Iżrael;* ***u sultan wieħed ikun is-sultan tagħhom kollha****: u ma jkunux aktar żewġ ġnus, u lanqas ma jinqasmu aktar f'żewġ saltniet.*"

Wara tnejn-u għoxrin vers fl-aħħar qegħdin nersqu lejn il-qalba tat-tagħlim ta' Eżekjel 37. Aħna naqraw li sultan wieħed ikun fuqhom u dak is-Sultan huwa l-Mulej Ġesù Kristu. Ħafna drabi aħna nisimgħu t-terminu li Kristu Hu "s-Sultan tal-Lhud." Għal bosta snin qabel ma jiena sirt Kristjan u wkoll għal xi żmien

wara li kont sirt Kristjan, jiena kont nemmen li din l-istqarrija kienet tfisser li Kristu kien Sultan fuq in-nazzjon ta' Iżrael biss. Imma meta bdejt ninteressa ruħi aktar fl-Iskrittura Mqaddsa u bdejt nistudjaha aktar bir-reqqa, jiena rrealizzajt li dik l-istqarrija ma kinetx qed titkellem dwar il-Lhud fiżiċi imma li Kristu Hu s-Sultan tal-Lhud **Spiritwali** li hu-wa l-ġisem ta' Kristu, il-knisja Tiegħu (Rumani 3:9, 29-30; 9:1-8; 10:12; 2 Korintin 5:16-17; Galatin 3:26-27; eċċ. Ara paġni 10 sa 15 ta' dan l-istudju).

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Mattew 2:2,**

> "*Jgħidu: Fejn hu dak li twieled **Sultan tal-Lhud**? Għax aħna rajna l-kewkba tiegħu fil-lvant, u ġejna biex nagħtuh qima.*"

**Mattew 1:21,**

> "*U hi tiled iben; u int issemmih ĠESÙ; **għax hu jeħles il-poplu tiegħu minn dnubiethom**.*"

Min huma n-nies jew il-poplu ta' Alla llum? Certament li mhux in-nazzjon Lhudi biss! Huma l-ġisem ta' Kristu jew l-imsejħin, il-mifdija, il-knisja maħtura. Kienu dawk li Hu ġie biex isalva u jsaltan fuqhom. Issa dan mhuwiex li tgħid li Kristu ma jsaltanx fuq il-ħolqien Tiegħu bħala Alla Sovran imma l-ħakma ta' Kristu tkun fuq il-knisja eterna Tiegħu. Il-Kelma ta' Alla tgħid hekk dwar dan:

**Lhud 12:28-29,**

> "*Mela rroddu ħajr lil Alla* ***għax aħna ħadna saltna li ma titħarrikx****; u nagħtuh il-qima li tixraqlu, bil-ġieħ u bil-biża'. Għax Alla tagħna hu nar qerriedi.*"

Jew dan il-vers ispirat mill-Ispirtu s-Santu qiegħed jgħid il-verità jew qiegħed iqarraq bina! Jekk se jkun hemm saltna ta' elf sena fuq l-art, allura s-saltna li hawn jintqal li **aħna ħadna se titħarrek!** Se titħarrek fil-bidu ta' l-elf sena u se titħarrek fit-tmiem ta' l-elf sena! Għaliex fit-tmiem ta' l-elf sena din se tiġi fit-tmiem inkella jekk le, allura ma tkunx ta' elf sena! Imma min taħseb int li qiegħed jgħid il-verità? L-Ispirtu s-Santu jew il-profeti u l-għalliema foloz moderni? Jekk is-saltna għadha ma ġietx, għadha ma twaqqfitx, ta' xhix aħna għandna "**nroddu ħajr lil Alla"?** Qegħdin aħna u dawk kollha ta' qabilna, inroddu u huma raddew ħajr lil Alla għal xi ħaġa li ma kinetx teżisti la fi żmienhom u lanqas ma teżisti fiż-żmien tagħna, jiġiferi, għal saltna li ma teżistix? Ma kienx ikun aktar floku li kieku l-Ispirtu s-Santu isipira lill-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud biex jikteb: "Mela rroddu ħajr lil Alla għax aħna **se nieħdu saltna għal elf sena**" u mhux "għax aħna **ħadna** s**altna li ma titħarrikx**"? Kieku l-kliem kien ikun b'dan il-mod, allura l-premillenjalisti kien ikollhom raġun Imma l-Ispirtu s-Santu ma kitebx hekk. Mela ħalli ma ninsewx x'jgħid dwar Alla:

**Lhud 12:29,**

> "*Għax Alla tagħna* ***hu nar qerriedi****.*"

U tabilħaqq huma ħafna li sejrin ikunu meqruda min-ħabba t-tagħlim falz tagħhom!

**Rumani 3:4,**

> "*...Ħa jkun jaf kulħadd li Alla hu sinċier u* ***kull bniedem giddieb****.*"

**<u>Eżekjel 37:23</u>**

> "*U ma jitniġġsux aktar bl-idoli tagħhom, u bil-qżiżijiet tagħhom, u bi ħtijiethom: iżda jien neħlishom mill-postijiet kollha fejn għammru, u fejn dinbu, u nsaffihom: u hekk ikunu l-poplu tie-għi, u jien inkun Alla tagħhom.*"

Hawn għandna stampa sabiħa tas-salvazzjoni kif dan il-vers juri li Alla saffa jew naddaf lin-nies Tiegħu.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**1 Tessalonikin 1:9,**

> "*Għax huma stess jgħidu fuqna x'daħla kellna fostkom, u* ***kif dortu lejn Alla mill-idoli*** *biex taqdu 'l Alla ħaj u veru.*"

**1 Korintin 6:9-11,**

> "*Ma tafux li l-ħżiena ma jirtux is-saltna ta' Alla? La titqarrqux: la ż-żienja, la l-idolatri, la l-adulteri, la l-effeminati, la dawk li jħobbu s-subjien u l-irġ-*

*iel. La l-ħallelin, la r-rgħiba, la skaren la l-għajjurin, lanqas il-ħattafa ma jirtu s-saltna ta' Alla.* ***U hekk kienu x'uħud minnkom****: imma intom maħsulin, imma intom imqaddsin, imma intom iġġustifikati f'isem Sidna Ġesù Kristu, u bl-Ispirtu ta' Alla tagħna.*"

Hawn naraw ħafna aktar dnubiet lin-nies ta' Alla kienu nvoluti fihom qabel is-salvazzjoni imma nnota t-terminu li Alla juża biex jiddeskrivi l-istat preżenti tagħhom imma ma jżomm ebda dnub kontra l-maħturin Tiegħu għaliex dawn kollha kien sar il-ħlas bi tpattija għalihom. Huma kienu "maħsulin," imma kif dnubiethom kienu "maħsulin"? Din hija ta' importanza kbira li aħna nkunu nafu sewwa dwarha għaliex hu-ma ħafna reliġjużi li jgħallmu li persuna hi ssalva *qabel* ma hi tkun mgħammda fi Kristu. Għalhekk tajjeb li nħallu lil l-Ispirtu s-Santu jfissrilna Hu.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna,**

**Atti 22:16,**

"*U issa x'inti tistenna? Qum, u tgħammed,* ***u aħsel dnubietek****, billi ssejjaħ isem il-Mulej.*"

Kif huma kienu "mqaddsin"?

**Ġwanni 17:17,**

"***Qaddishom*** *fil-verità tiegħek: il-kelma tiegħek hi l-verità.*"

Kif huma kienu "iġġustifikati"?

**Rumani 4:24-25,**

*"Iżda għalina wkoll, li jkun magħdud lilna, jekk nemmnu f'dak li qajjem 'il Ġesù Mulej tagħna mill-mewt; Li ntgħ-ata għal dnubietna, u mqajjem **għall-ġustifikazzjoni** tagħna."*

Eżekjel jgħid li dawn in-nies ma jniġġsux lilhom infushom aktar li jfisser lid-dnubiet kollha kienu mħallsa u minsija u ma hemm lanqas dnub wieħed li Alla jżomm kontrina. It-Testment il-Ġdid jikkwota minn Ġeremija 31:34 dwar lid-dnubiet huma maħfura għal kollox:

**Lhud 10:17,**

*"U fi dnubiethom u ħtijiethom ma nift-akarx aktar."*

Mela għaliex l-emmieni u kjeriċi għandhom jaraw lilhom infushom u l-ġisem ta' Kristu bħala midinbin? Injoranza Biblika, dak hu għaliex! Imkien Alla ma jsejjaħ lil uliedu midinbin. Il-Kristjan jista' jidneb, u jidneb tassew imma dan għandu Difensur li jidħol għalih quddiem il-Missier. Li kieku l-Kristjani ma jidinbux allura dan il-vers ma kien ikun jiswa xejn:

**1 Ġwanni 2:1,**

*"Uliedi żgħar, qiegħed niktbilkom dawn il-ħwejjeġ, biex ma tidinbux. **U jekk xi ħadd jidneb**, għandna bħala Avukat quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu l-ġust."*

L-uniċi persuni li ma jikkonċernawx lilhom infushom mad-dinja u ma' reliġjonijiet foloz huma l-emmiena

veru billi aħna għandna l-verità ta' Kristu tgħammar fina. L-unika raġuni li ħafna "li jidhru li huma" Kristjani jmorru f'reliġjonijiet foloz hija għaliex huma qatt ma kienu salvi biex nibdew b'hekk. Jekk persuna tkun salva, huma ma jimxux wara vuċi oħra (Ġwanni 10) imma Alla kkommetta Lilu Nnifsu biex iżomm il-mifdija Tiegħu.

**<u>Eżekjel 37:24</u>**

> "*U David, il-qaddej tiegħi, ikun sultan fuqhom, u ragħaj wieħed ikollhom huma lkoll: u jimxu skond l-ordinanzi tiegħi, u l-istatuti tiegħi jħarsuhom, u jagħmluhom.*"

Issa l-ktieb ta' Eżekjel kien miktub madwar 600 Q.K. jkun madwar 400 sena wara l-mewt tas-Sultan David. Iffiser dan il-vers li David se jkun imqajjem u jsaltan fuq Iżrael jew ifisser dan xi ħaġa oħra? Jekk aħna naċċettaw it-tagħlim żbaljat tal-Premillenjalisti dan ifisser li David għandu jerġa' jqum u jsaltan fiżikament fuq Iżrael nazzjonali. L-isem David ifisser "maħbub jew għażiz." Imma jekk aħna tassew inħallu lil l-Ispirtu s-Santu jfissrilna Hu xi jfisser dan, u nagħmlu kif kienu għamlu n-nies ta' Berea f'Atti 17:11, jiġifie-ri, inqallbu l-Iskrittura biex naraw jekk dak it-tagħlim li nkunu smajna mingħand xi għalliem jew għalliema kienx minnu jew le, allura jiena ċert li bla dubju ta' xejn it-tagħlim falz tal-premillenjalisti ma jkollu ebda lok fil-ħajja tagħna.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Rumani 1:3,**

> "*Fuq Ibnu Ġesù Kristu Sidna, li ġejn* ***min-nisel ta' David*** *skond il-ġisem.*"

David kien magħmul min-nisel ta' Kristu skond l-Ispirtu. Kristu kien fil-linja ta' David.

**Ġwanni 7:42,**

> "*Ma qalitx l-Iskrittura:* ***Illi Kristu jiġi min-nisel ta' David****, u mir-raħal ta' Betlehem, fejn kien David?*"

**Atti 15:16,**

> "*Wara dan nerġa' niġi, u nibni mill-ġdid* ***it-tinda ta' David*** *li ġġarrfet; u nerġa' nibni l-ħerba tagħha, u nwaqqafha:*"

It-tinda jew it-tabernaklu ta' David huwa sinonimu għall-bini tal-knisja.

**Atti 2:34,**

> "*Għax* ***David ma talax fis-smewwiet****: iżda hu stess jgħid: Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fil-lemin tiegħi.*"

Meta jitkellem dwar il-qawmien ta' Kristu dan il-passaġġ jagħmel dikjarazzjoni ċara li David "ma talax fis-sema." Il-Mulej Ġesù Kristu kien il-Wieħed li tala' fis-sema. Għalhekk meta Alla juża lil David f'Eżekjel 37:24 Hu qiegħed jgħidilna li Kristu kellu jkun il-Wieħed li jkun Sultan fuqhom. Imma sfortunatament, ħafna għalliema foloz dan ma jridux li jarawh u jkom-

plu jinsistu fuq it-tagħlim żbaljat tagħhom tal-premillenjaliżmu.

Alla jkompli biex jgħid li dan is-Sultan ikun ir-Ragħaj Wieħed li jkun fuqhom. David kien ragħaj tan-ngħaġ imma l-Mulej Ġesù Kristu Hu r-Ragħaj il-Kbir tal-Knisja Tiegħu.

**Lhud 13:20,**

> "*Issa Alla tas-sliem, li raġġa' minn bejn l-imwiet 'il Sidna Ġesù, dak ir-ragħaj il-kbir tan-ngħaġ, bid-demm tar-rabta ta' dejjem.*"

**Ġwanni 10:11,**

> "*Jiena hu r-ragħaj it-tajjeb: ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu.*"

Hemm biss Ragħaj **Wieħed** u merħal **waħda**. Hawn ukoll l-Ispirtu s-Santu jispjega ċar dwar liż-żewġ merħliet isiru *merħla waħda* u jġib fix-xejn it-tagħlim falz ta' dawk li jħarsu lejn il-poplu Lhudi f'sens fiżiku:

**Ġwanni 10:16,**

> "*U għandi ngħaġ oħra, li m'humiex minn dil-merħla: dawn ukoll jaħtieġli niġborhom u jisimgħu leħni:* ***u jkun hemm merħla waħda, u ragħaj wieħed****.*"

Dan il-passaġġ ukoll jiġi nterpretat ħażin biex ikun jaqbel mat-tagħlim falz tal-premillenjalisti. Fejn inkomplu naqraw fl-Iskrittura li hemm biss **merħla waħda**

issa, magħmula **kemm mil-Lhud u kemm mill-Ġentili**? L-Ispirtu s-Santu jgħidilna hekk, permezz ta' l-appostlu Pawlu,

**Efesin 2:13-19,**

> "***Imma issa***, *fi Kristu Ġesù, intom li darba kontu bgħid ħafna, sirtu qrib bid-demm ta' Kristu. Għax hu s-sliem tagħna,* ***u t-tnejn għamilna wieħed****, u* ***waqqa'*** *l-ħajt tan-nofs li kien jifridna; Billi* ***ħassar*** *b'ġismu l-mibegħda, il-liġi tal-kmandamenti, li tikkonsisti fi pre-ċetti;* ***biex mit-tnejn jagħmel fih inn-ifsu bniedem wieħed ġdid****, u hekk iġib is-sliem; U biex iħabbibkom* ***it-tnejn f'ġisem wieħed ma' Alla*** *bis-salib, wara li jkun* ***qered*** *bih il-mib-għeda; U ġie u xandar is-sliem lilkom li kontu bgħid, u lil dawk li kienu qrib. Għax permezz tiegħu aħna t-tnejn għa-ndna d-dħul bi Spirtu* ***wieħed*** *għand il-Missier.* ***Issa*** *mela* ***m'għadkomx aktar barranin u għorba, imma nies ta' l-istess belt mal-qaddisin, u tad-dar ta' Alla****. Mibnija* ***lkoll*** *fuq is-sisien ta' l-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka. Fih, il-bini kollu jin-trabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej; fih, intom ukoll fl-Ispirtu, tinb-*

> *new* ***flimkien f'dar fejn jgħammar Alla***."

Ara wkoll 1 Pietru 2:25; 5:4. David ma tax ħajtu għan-ngħaġ tiegħu imma l-Mulej Ġesù Kristu għamel dan. Fil-bilanċ ta' dan il-vers Alla jtenni u jerġa' jtenni li dawk li jimxu wara r-Ragħaj ikunu ubbidjenti lejn l-istatuti u l-liġijiet Tiegħu. Din ix-xorta ta' ubbidjen-za tinsab biss f'dawk il-mifdija, *l-Iżrael spiritwali* u f'ħadd aktar.

## Eżekjel 37:25

> "*U jgħammru fuq l-art li tajt lil Ġakobb, il-qaddej tiegħi, li għammru fiha missirijietkom, u jgħammru fuqha,* ***huma u wliedhom, u wlied uliedhom, għal dejjem: u l-qaddej tiegħi Dvid ikun il-prinċep tagħhom għal dejjem***."

Aħna ħarsina lejn din id-definizzjoni ta' "l-art" u sibna xhieda Biblika konklussiva li din l-art hija Iżrael **Spiritwali** jew l-art **Spiritwali** ta' Kangħan li fiha wieħed jidħol biss permezz ta' Kristu. Alla jintroduċi l-element etern f'dan il-vers. L-ewwel Hu jgħid li David se jkun il-prinċep tagħhom **għal dejjem**. Kull meta nsibu l-frażi "għal dejjem" aħna nistgħu nħarsu għall-programm etern. Tiegħu tas-salvazzjoni u nistgħu nwarrbu fil-ġenb kull idea ta' xi lokazzjoni ta' art fiżika.

Innota, iżda, li Alla jitkellem dwar ġenerazzjonijiet ta' wlied li huma sejrin jgħammru fl-art il-ġdida. **Qie-**

**għed Hu jitkellem dwar ulied fiżiċi?** Jiena naħseb li aħna għandna ninvestigaw dan xi ftit u *nħallu l-Bibbja*, u mhux lil l-għalliema foloz, tagħtina d-definizzjoni tagħna ta' tfal, jew ulied. Żomm f'moħħok li dawn l-ulied qegħdin fil-qasam li ma jispiċċa qatt, ta' dejjem u mhux temporali jew għal xi elf sena! Dan hu importanti ħafna li żżommu f'moħħok. *Huma qegħdin hemm għal dejjem.*

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**1 Ġwanni 2:12-13,**

> "*Qiegħed niktbilkom, **uliedi ż-żgħar**, għax dnubietkom huma maħfurin minħabba ismu. Qiegħed niktbilkom, miss-irijiet, għax għaraftu 'l dak li hu mill-bidu. Qiegħed niktbilkom, żgħażagħ, għax irbaħtu l-ħażin. Qiegħed niktbil-kom **uliedi ż-żgħar**, għax għaraftu 'l Missier.*"

**1 Ġwanni 2:18,**

> "***Uliedi ż-żgħar**, din hi l-aħħar siegħa: intom smajtu li għandu jiġi l-antikrist, **u issa hawn** ħafna antikristijiet; minn dawn nagħrfu li waslet l-aħħar siegħa.*"

**1 Ġwanni 3:18,**

> "***Uliedi ż-żgħar**, ma nħobbux bil-kliem, lanqas bl-ilsien, imma bl-għemil u tassew.*"

**Mattew 10:42.**

> *"U kull min jagħti jixrob lil wieħed min dawn* ***iż-żgħar*** *imqar tazza ilma frisk, f'isem ta' dixxiplu, tassew ngħid-ilkom, ma jitlef b'xejn ħalsu."*

Dawn il-versi minn l-ewwel ittra ta' Ġwanni u minn Mattew jirrivelaw li Alla qiegħed jitkellem dwar uliedu bħala tfal żgħar. Dawn huma l-emmiena fi Kristu mhux tfal żgħar jilgħabu fit-triq barra. Alla juża dan bħala terminu tal-qalb lejn il-mifidja Tiegħu.

**Galatin 4:26-31,**

> *"Imma Ġerusalem* ***ta' fuq*** *hi ħielsa,* ***u hi ommna lkoll****. Għax hu miktub: Ifraħ, ja ħawlija li ma tilidx; infexx għajjat, int li ma tħossx l-uġigħ tal-ħlas: għax il-mara mitluqa, kellha wisq aktar ulied minn dik li għandha żewġha. Issa ħuti, aħna* ***wlied il-wegħda****, bħal ma kien Iżakk. Imma bħalma f'dak iż-żmien dak li kien imwieled* ***skond il-ġisem*** *ippersegwita 'l dak li kien imwieled* ***skond l-ispirtu****, hekk hu issa wkoll. Madankollu xi tgħid l-Iskrittura? Keċċi 'l barra l-qaddejja u 'l binha: għax bin il-qaddejja ma jiritx ma' bin il-ħielsa. Għalhekk, ħuti,* ***m'aħniex ulied il-qaddejja, iżda wlied il-ħielsa****."*

Aħna naraw f'dawn il-passaġġi li aħna wlied tal-mara l-ħielsa li hi Sara f'irbit mat-Testment il-Ġdid li hija ommna lkoll. Dak li hu mfisser hawn huwa li l-

ġisem ta' emmiena jkun il-*Ġerusalem il-Ġdida* li tkompli ġġib it-tfal ġewwa l-art **spiritwali** ta' Kangħan. Kull meta aħna nixhdu lil xi ħadd u li persuna ssir salva, fl-essenza, aħna bħala l-*Ġerusalem il-Ġdida*, inkunu nissilna tifel jew tifla oħra għas-Saltna ta' Alla. Alla jsejħilna *wlied il-wegħda*. Għalhekk l-ulied li Alla għandu f'moħħu f'Eżekjel 37:25 huma l-emmiena fil-futur li jkomplu jġibu emmiena ġodda fis-Saltna permezz tax-xandir ta' l-Evanġelju. Hija riproduzzjoni **spiritwali** u mhux riproduzzjoni **fiżika** li għandna quddiemna. Imma, sfortunatament, xi wħud illum għadhom jarawha bħala li hija riproduzzjoni **fiż-ika** u mhux **spiritwali**! Dawn ma jafux li "l-laħam u d-demm" **ma jistgħux** jirtu s-Saltna ta' Alla, kif tgħidilna l-Kelma ta' Alla stess:

**1 Korintin 15:50,**

> "*Dan ngħidilkom issa, ħuti: Il-laħam u d-demm* ***ma jistgħux jirtu*** *s-saltna ta' Alla; lanqas it-taħsir ma jiret in-nuqqas ta' taħsir*" (ara wkoll Ġwanni 1:12-13).

Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk? Huwa l-**ispirtu** biss li jista' jiret is-Saltna ta' Alla! U s-saltna ta' Alla mhijiex dik imfassla mill-profeti foloz ta' elf sena fuq l-art, imma hija dik spiritwali, tas-sema (ara Mattew 16:18-18; Ġwanni 18:36; Kolossin 1:13; Lhud 12:28-29; Rivelazzjoni 1:6, 9).

<u>**Eżekjel 37:26**</u>

> "*U nagħmel magħhom* ***patt ta' sliem;*** *tkun għaqda ta' dejjem magħhom: u*

*nberikom, u nkattarhom,* ***u nqiegħed is-santwarju tiegħi f'nofshom għal dejjem***

**Numri 25:10-13,**

*"U l-Mulej kellem lil Mosè, qallu: Fineħas, bin Elgħażar, bin Arun il-qassis,* ***raġġa' lura qillti min ulied Iżrael****, billi kien għajjur għal ġiehi fosthom; u hekk ma qridtx lil ulied Iżrael fil-għejra tiegħi. Għalhekk għid: Ara, jien nagħtih* ***il-patt tiegħi tas-sliem****: U jkun għalih, u għal nislu warajh,* ***patt tas-saċerdozju għal dejjem****; għax kien għajjur għal Alla tiegħu, u għamel tpattija għal ulied Iżrael."*

Hawn, it-triq kollha lura għal Numri li kien madwar 1440 Q.K. aħna nraw li Alla kien diġà qiegħed jitkellem dwar patt ta' dejjem ta' saċerdozju **li kien imwettaq fi Kristu** (ara Lhud 7:15-25). Kull ma jeħtieġ li wieħed jagħmel huwa li jħares lejn Melkisedek f'Lhud, kapitli 5 sa 7, jaqra sewwa dawn it-tliet kapitli, u jara l-karatteristiċi li hu kellu. Persuna waħda biss tista' timla' dak ir-rwol u dik il-Persuna hija Kristu. Aħna naraw ukoll, li fit-tnejn, fil-passaġġi ta' Eżekjel u ta' Numri, naqraw dwar "patt tas-sliem." X'inhu dan is-sliem li Alla qiegħed jitkellem dwaru? Biex nifhmu sewwa x'inhu dan is-sliem, aħna għandna dejjem inħ-allu l-Kelma ta' Alla tgħidilna u mhux immorru naraw għand xi għalliem jew xi profeta falz fil-kotba tiegħu.

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Rumani 5:1,**

> "*Għalhekk, billi konna iġġustifikati bil-fidi,* ***għandna s-sliem ma' Alla permezz ta' Sidna Ġesù Kristu:***"

**Salm 46:9,**

> "***Hu jwaqqaf il-gwerer sa tarf l-art;*** *jaqsam il-lanza fi tnejn, u jaħraq l-imriekeb fin-nar.*"

Il-patt tas-sliem huwa l-Evanġelju nnifsu li jġib is-sliem bejn Alla u l-bniedem. Nies mhux salvi jinsabu fi gwerra ma' Alla. Meta persuna ssir salva mbagħad hija tkun fis-sliem ma' Alla.

**Efesin 6:15,**

> "*U riġlejkom mixdudin bit-thejjija ta'* ***l-evanġelju tas-sliem;***"

Il-gwerer li Alla jagħmel li jieqfu huma gwerer Bejnu u bejn dak li mhux salv. Meta Alla jsalva lil xi ħadd, Hu jġib fit-tmiem il-gwerra u Hu jagħmel dan matul id-dinja kollha hekk kif isalva l-maħturin Tiegħu barra minn kull nazzjon u lsien.

Innota li l-passaġġ ta' Eżekjel jenfasizza li *l-patt tas-sliem* ikun *patt għal dejjem*. Kieku Alla kien qiegħed jitkellem dwar gwerer fiżiċi bejn pajjiżi jew indi-vidwi, allura xi ħaġa hija ħażina għaliex sewwasew kif gwerra waħda tieqaf ikun hemm oħra li tibda xi mkien ieħor. Kieku dan kien ikun *patt ta' gwerer għal dejjem* u mhux ta' sliem! Billi dan huwa

patt tas-sliem u patt għal dejjem, aħna ninsabu fuq art fiż-żgur inħar-su lejn dan il-patt bħala li huwa l-Evanġelju nnifsu. Ara x'tgħidilna l-Kelma ta' Alla:

**Rivelazzjoni 21:3,**

> "*U smajt leħen qawwi mis-sema jgħid: Ara, it-**tabernaklu ta' Alla hu mal-bnedmin, u hu jgħammar magħhom,** u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla stess ikun magħhom, u jkun Alla tagħhom.*"

Il-passaġġ ta' Eżekjel jitkellem dwar santwarju ta' Alla li jkun f'nofs l-emmiena **għal dejjem**. Dan jissiġilla l-għarfien li dan il-Kapitlu mhuwiex qiegħed jitkellem dwar Lhud fiżiċi imma pjuttost dwar il-Mifdija ta' Alla. Hija ħasra kbira illi dawk li għandhom *għajnejn fiżiċi* u mhux *għajnejn spiritwali*, jaraw kollox f'mod fiżiku u xejn f'mod spiritwali kif tassew hu. Huma moħħom fi gwerer fiżiċi u xejn aktar kif diġà rajna aktar qabel. Jekk wieħed jaċċetta jew ma jaċċettax dan, xejn mhu se jinbidel ħlief id-destin etern tiegħu!

**<u>Eżekjel 37:27-28</u>**

> "*U agħmarti tkun f'nofshom: iva, jien inkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi. U l-ġnus jgħarfu li jiena, il-Mulej, inqaddes lil Iżrael, meta s-santwarju tiegħi jkun f'nofshom għal dejjem.*"

**2 Korintin 6:14-18,**

> *"La tintrabtux taħt madmad li mhux indaqs ma' dawk li ma jemmnux: għax x'tisħib jista' jkun hemm bejn il-ġust-izzja u l-ħażen? U liema għaqda hemm bejn id-dawl u d-dlam? Liema ftehim hemm bejn Kristu u Beljal? Jew x'għa-ndu x'jaqsam min jemmen ma' min ma jemminx? U xi ftehim hemm bejn it-tempju ta' Alla u l-idoli? Għax intom it-tempju ta' Alla ħaj; bħal ma qal Alla: Ngħammar fosthom, u huma jku-nu l-poplu tiegħi.* ***Għalhekk oħorġu minn ġo nofshom****, u nfirdu minnhom, jgħid il-Mulej; u timissu xejn imniġġ-es; u jien nilqagħkom.* ***U nkun għali-kom Missier, u intom tkunu għalija wlied, subjien u bniet, jgħid il-Mulej li Jista' Kollox****."*

Alla qiegħed jgħid li meta noħorġu minn ma' dawk li jagħmlu l-ħażen u nitilqgħu l-prattika midinba, Hu jifdina u jkun l-Alla u l-Missier tagħna għal dejjem u aħna qatt ma nkunu abbandunati. Tiftakar Isaija 62:4 (p. 131)? Alla jkompli jibni t-tabernaklu ta' David jew il-knisja kif naraw f'passaġġi fil-Ktieb ta' Atti. Ir-riżultat ta' dan il-bini jkun *dawk li jfittxu lill-Mulej, li lilhom il-Mulej sejħilhom* mhux xi tabernaklu jew tempju materjali kif jippruvaw jgħallmu l-permillenja-listi!

**Il-Kelma ta' Alla tinterpretalna:**

**Atti 15:15-17,**

> *"U ma' dan jaqbel kliem il-profeti; kif inhu miktub: Wara dan narġa' niġi,* ***u nibni mill-ġdid it-tinda ta' David****, li ġġarrfet; u narġa' nibni l-ħerba tagħha, u nwaqqafha: Biex ifittxu l-Mulej il-bqija tal-bnedmin, u l-Ġentili kollha, li fuqhom jissejjaħ ismi, jgħid il-Mulej, li qiegħed jagħmnel dawn il-ħwejjeġ kollha."*

Kienet xi ħaġa ta' l-iskantament għal-Lhud li Alla kien se jestendi l-privileġġi ta' l-Evanġelju għall-Ġentili wkoll; iżda, huma kellhom ikunu jafu li l-Messija kellu jkun Salvatur universali. Il-profeti ta' l-antik kie-nu bassru dwar l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni tal-Ġentili. Il-profeta Għamos huwa kkwotat hawn (Għamos 9:11-12) minn Ġakbu, imma l-kwotazzjoni mhijiex kwotazzjoni letterali mit-Testment il-Qadim; xi wħud mill-kliem huma mibdula, imma Ġakbu, per-mezz ta' l-Ispirtu s-Santu, qiegħed jagħti t-tifsira tal-profeziji. Meta Ġakbu jikkwota biss profeta wieħed, Għamos, madankollu hu juża "profeti" fil-prlural. Pro-feti oħra kienu bassru l-aċċettazzjoni jew l-approvazz-joni tal-Ġentili (Isaija 2:2-4; 49:6; Mikea 4:1-4). L-interpretazzjoni tal-kwotazzjoni mogħtija minn Ġakbu hija li "t-tabernaklu ta' David" kien imkisser, imma li dan jerġa' jkun mibni u li l-Ġentili jkunu aċċettati fih. Il-profezija minn Għamos titkellem l-ewwel dwar il-waqa' tar-razza Lhudija, imbagħad il-wegħda li Alla

jibni knisja ġdida fuq it-tifrik tal-qadima u jiġbor il-Ġentili fiha, u fl-aħħar dawk li kienu salvi jgawdu s-salvazzjoni biss permezz tal-Messija. L-istampa hawn hija t-tinda mkissra jew tabernaklu li kienet imwaqqfa, kienet frieghi ħoxnin tas-siġar fil-Festa tat-Tabernakli, u li kienet tkun mibnija mill-ġdid kull sena. "Taberna-klu ta' David" hija mill-Grieg "*skenen Daueid*," u hija figura poetika tat-tron ta' David (2 Samwel 7:12). Fil-bini mill-ġdid tad-dar **spiritwali** ta' David, emmiena għandhom jiġu mill-ġnus kollha tad-dinja. Bil-figura ta' post jiġġarraf jew jitfarrak, l-istat diżastruż tas-salt-na huwa rrappreżentat; il-prosperità li kellha tkun mo-għtija kellha tiġi fil-jiem tal-Messija, u tkun tikkonsis-ti minn barkiet **spiritwali**, u saltna ta' ġustizzja tkun imwaqqfa mill-Messija u l-Ġentili jfittxu lill-Mulej u jsiru l-poplu Tiegħu. Imma hija ħasra kbira li l-premil-lenjalisti għadhom jittamaw għal tempju u saltan fiżiċi u l-gravità ta' dak it-twemmin hija li huma qegħdin iġibu l-Kelma ta' l-Ispirtu s-Santu fix-xejn! Din hija d-dagħwa kontra l-Ispirtu s-Santu li naqraw dwarha f'Mattew 12:31-32 u li ma hemm ebda maħfra għalli-ha, la issa u lanqas wara.  Din hija ħaġa serja ħafna u l-unika triq tagħha hija dik it-triq li twassal għall-kastig ta' dejjem!

**Rivelazzjoni 21:1-5,**

> "*U rajt sema ġdida u art ġdida: għax l-ewwel sema u l-ewwel art għabu: u ma baqax baħar iżjed. U jien Ġwanni rajt il-belt qaddisa, Ġerusalem ġdida, nież-*

*la mingħand Alla mis-sema, imħejjija qisha għarusa mżejna għal żewġha. U smajt leħen qawwi mis-sema jgħid: Ara,* ***l-agħmara ta' Alla hi mal-bned-min, u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla stess ikun magħhom, u jkun Alla tagħhom****. U jimsaħ Alla kull demgħa minn għajnejhom; u ma jkunx hemm iżjed mewt , u la għali, u la biki, u lan-qas uġigħ iżjed: għax id-dinja ta' qabel tkun għaddiet. U qal dak li kien qiegħ-ed fuq it-tron: Ara, se nġedded kollox. U qalli: Ikteb: għax dal-kliem hu żgur u veru.*"

Dan hu passaġġ tassew sabiħ biex wieħed jispiċċa l-istudju tiegħu ta' Eżekjel 37. Dawk li ma jemmnux jafu meta Alla qaddes lil Iżrael għaliex kull emmieni li twieled mill-ġdid huwa xhud għall-fedeltà ta' Alla. (Hawn tajjeb li terġa' taqra paġni 76 sa 90 għal spjega aktar fid-dettall dwar "il-Ġerusalem il-Ġdida nieżla mis-sema").

**Sommarju**

Aħna ġejna triq twila fl-istudju ta' Eżekjel 37 u kkonkludejna b'mod fiż-żgur li dan il-kapitlu mhu-wiex qiegħed jitkellem dwar it-twaqqif ta' Iżrael fl-1948 lanqas ma dan japplika għall-ħakma futura tad-deheb fejn il-Lhud fiżiċi kollha se jkunu salvati. Int għandek tkun attent jew attenta meta xi ħadd jipprova jsemmi xi passaġġi minn Eżekjel (u wkoll minn profe-ti oħra tat-Testment il-Qadim) biex japplikahom għat-

tagħlim falz tiegħu. Għalhekk il-Kelma ta' Alla hija kollha twissijiet dwar l-għalliema u l-profeti foloz li kien hemm u għad hawn jiġru magħna llum (ara Mattew 24:24; Mark 13:22; 2 Korintin 11:13-15; Galatin 1:6-9; Kolossin 2:18-19; 2 Tessalonikin 2:8-12; 1 Timotju 4:1-3; 2 Timotju 3:13; Titu 3:13; Rivelazzjoni 13:11-14; 16:12-16; 19:19-20). Satana qiegħed tabil-ħaqq jagħmel użu tajjeb permezz ta' dawn il-profeti u l-għalliema foloz, imma aħna, bħala Kristjani tat-Test-ment il-Ġdid, lil Satana nieqfulu bil-Kelma ta' Alla f'idejna (Efesin 6:11-13; Ġakbu 4:7; 1 Pietru 5:8-9).

Jekk xi ħadd, wara li jkun qara dan l-istudju, ikompli jsostni u jkompli jwebbes rasu li Alla għad għandu xi wegħdiet xi jwettaq fil-futur mal-poplu fiżiku Lhudi, tajjeb li jerġa' jaqra dawn iż-żewġ passaġġi li ġejjin:

**Ġożwè 21:45,**

"*MA BAQA' XEJN MILL-WEGĦDI TA' ĠID LI L-MULEJ GĦAMEL LIL DAR IŻRAEL LI MA SEĦĦX;* ***KOLLOX SAR****.*"

**1 Slaten 8:56,**

"*Imbierek il-Mulej, li ta l-mistrieħ lill-poplu tiegħu Iżrael, SKOND KULMA WIEGĦED: MA SFATX FIX-XEJN KELMA WAĦDA MILL-WEGĦDIET KOLLHA TIEGĦU tajba, li wiegħed permezz ta' Mosè, il-qaddej tiegħu.*"

“**<u>SKOND KULMA WIEGĦED</u>: MA SFATX FIX-XEJN <u>KELMA WAĦDA MILL-WEGĦDIET</u> <u>KOLHA TIEGĦU</u>.**” Ifisser dan il-kliem ispirat li l-Mulej Alla ħalla xi kliem barra, jew xi KELMA WAĦDA li **aħna** ma nafux biha u li l-**premillenjalisti** jafu biha? Għad baqgħalu l-Mulej Alla, skond dan il-kliem, XI WEGĦDIET oħra xi jwettaq ma' Iżrael li **Aħna** ma nafux bihom u li **premillenjalisti** jafu bihom? Ċertament li skond dawn iż-żewġ pasaġġi (u oħrajn), jiġifieri, Ġożwè 21:45 u 1 Slaten 8:56, “**ma baqa' xejn mill-wegħdiet**” u għaliex “ma baqa' xejn mill-wegħdiet”? Għaliex “KOLLOX SAR.” U għaliex “kollox sar”? Għaliex “MA SFATX FIX-XEJN KELMA WAĦDA MILL-WEGĦDIET <u>KOLLHA</u> (u mhux xi wħud) TIEGĦU.” Għalhekk:

***“KOLLOX SAR.”***

Temmnu dan int” Alla jgħid li **KOLLOX SAR** u li **MA BAQA' XEJN**. Imma, il-premillenjalisti, il-profeti u l-għalliema foloz moderni jgħidu li mhux kollox sar u li għad baqa' xi jsir. Huma jgħidu li għad baqa' saltna ta' elf sena oħra xi ssir *fuq l-art*! L-għażla tal-premillenjalisti hija sempliċi ħafna, jew li taċċettaw dak li “Alla jgħid” jew dak li “intom tgħidu” (Mattew 15:4, 5). Hija għażla sempliċi ħafna imma serja u ta' responsabbiltà kbira għaliex jekk tkun l-għażla l-ħażina, il-konsegwenzi tagħha ċertament li jkunu koroh ħafna għaliex dawn ma jkunux ħlief kundanna għal dejjem ta' dejjem fin-nar ta' l-infern!

Jista' xi ħadd igideb lill-Mulej Alla u jsalva? Dan hu eżattament dak li qegħdin jagħmlu l-premillenjalis-

ti bit-tagħlim falz tagħhom u bil-profeziji foloz tagħ-hom!

Il-Kelma ta' Alla ma tħalliniex fid-dlam u tagħtina ħafna twissijiet dwar dawn il-profeti u għalliema foloz (ara paġna 158 għal l-Iskritturi li jitkellmu dwar il-profeti foloz ta' matul iż-żminijiet).

**1 Pietru 5:8,**

> "*Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun igħajjat, idur u jfittex 'il min sa jibla'.* ***Iqfulu, sħaħ fil-fidi.***"

**Efesin 6:10-11**

> "*Mill-bqija, twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu.* ***Ilbsu l-armatura ta' Alla*** *biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnassis tax-Xitan.*"

**Ġakbu 3:7,**

> "*Mela oqogħdu għar-rieda ta' Alla.* ***Ieqfulu lix-xitan****, u hu jaħrab minn-kom.*"

**Kolossin 2:8,**

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ* ***skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prin-ċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu.***"

**Efesin 5:6,**

> "***Tħallu 'l ħadd min*** *iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għax minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla* ***fuq dawk li ma jisimgħux***."

**2 Tessalonikin 2:3a,**

> "*Tħallux 'il min iqarraq bikom,* ***b'ebda mod!***..."

Dawn huma twissijiet serji ħafna li aħna għandna nagħtu widen għalihom! Dawk li jwebbsu rashom u jibqgħu fit-tagħlim żbaljat u falz għandhom it-twissija li se tinżel il-korla ta' Alla fuqhom. Ċertament li hija xi ħaġa tal-biża' li jkollok il-korla ta' Alla fuqek għaliex ma tkunx trid tisma'!

**1 Pietru 1:3-5,**

> "*Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li fil-ħniena kbira tiegħu wellidna mill-ġdid għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet u* ***għal wirt, li la jitħassar, la jittebba', u lanqas jinxef. Dan il-wirt <u>hu merfugħ għalikom fis-sema</u>***, *għax intom tinsabu taħt il-ħarsien tal-qawwa ta' Alla fil-fidi tagħkom fis-salvazzjoni li hi lesta biex tidher fl-aħħar taż-żminijiet.*"

**Ġwanni 14:3,**

*"U meta mmur u nhejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi, **biex fejn inkun jien, tkunu intom ukoll**."*

**Mattew 5:12,**

*"**Ifirħu u thennew,** GĦAX ĦLAS-KOM KBIR <u>FIS-SMEWWIET</u>."*

**Ġakbu 4:17,**

*"Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu jagħmel **u ma jagħmlux, jagħ-mel dnub**."*